

# Santa Marija Mqabba

## *Festa 2005*

**100 Sena Każin Soċjali Santa Marija**
**60 Sena Għaqda Mużikali**

**Palazz Santa Marija,**
**Pjazza tal-Knisja,**
**Mqabba, Malta**
**Tel: 21683020**
http://www.santamarija.com
e-mail: info@santamarija.com

**Bord Editorjali**
Carmel Briffa
Carmel Ellul
Alfred Galea
Antoine Sciberras
Elvin Sciberras
Chris Spiteri

**Artikolisti**
Carmel Zahra
Nicholas Briffa
Dun Nazzaren Caruana
Carmel Ellul
Carmel Briffa
Mro. David Agius
Patri Joe Zahra O.P.
Benny Camilleri
Carlo Sciberras
Carmen Lia
Jonathan Farrugia
Franġiska Ghigo
Chev. Dr. Carmel Bianchi
Anthony Ellul
Fr. Hector Scerri
Nicholas Baldacchino
Stefano Farrugia
Giovanni Farrugia
Dr. Charles Sciberras
Joseph Camilleri
Alfred Galea
Mons. Joe Carabott
Joe Chetcuti
John Zammit
Patrick Mallia
Mario Fenech

**Proof Reading**
Elvin Sciberras

**Ritratti tal-Qoxra**
*Quddiem*
Il-pittura artistika tal-Kav. Paul Camilleri Cauchi li tirrappreżenta il-Konvoj ta' Santa Marija. Il-pittura tinsab fis-sala prinċipali tal-każin.
*Wara*
Ritratt ta' l-Orkestra Santa Marija meħud fl-1945. L-orkestra ġiet imwaqqfa minn Ġużeppi Galea.

Design, Separations & Printing
**BEST Print CO. LTD**
Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789 Fax: 21649012

# Werrej

Anniversarju importanti fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija ..... 5
L-Ambjent u l-Festi ..... 7
Apprezzament ex Sindku ..... 7
Nimitaw lil Ommna Marija ..... 9
Sena ta' impenn u xogħol minn kull aspett ..... 11
Il-Festa tirrikjedi ħafna spejjeż ..... 13
Ngħollu l-livell tal-Banda ..... 15
Id f'id nissudaw ..... 17
Il-Planċier… Sena ta' Ħidma ..... 21
Il-Bandalora Artistika… Proġett ieħor tas-Sezzjoni Żgħażagħ ..... 23
Marija Żagħżugħa ..... 25
It-tfajjel ta' Santa Marija ..... 27
100 Sena… ta' Storja, Mużika u Suċċess kontinwu ..... 29
60 sena mid-debutt ta' l-Orkestra Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija ..... 39
Il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija ta' l-Imqabba ..... 42
President tas-Soċjetà u Surmastrijiet/Diretturi ..... 45
Il-100 anniversarju mill-formazzjoni tal-Każin Soċjali Santa Marija ..... 49
Programm Festi Esterni f'ġieħ Santa Marija 2005 ..... 50
Funzjonijiet fil-Knisja ..... 53
Il-Banda Re Ġorġ V – Storja-Mużika… Suċċess ..... 54
Programm Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V nhar l-Erbgħa l-10 ta' Awissu 2005 ..... 57
70 sena mużika mas-Surmastrijiet Bugeja fl-Imqabba fl-okkażjoni tal-festa Titulari ta' l-Assunta ..... 59
Merħba Dun Nazzaren Caruana, Kappillan tal-parroċċa ta' l-Imqabba ..... 65
Apprezzament Dun Joe Bartolo, Ex Kappillan fil-parroċċa tagħna ..... 65
Sena ta' Xogħol mill-Qalb ..... 67
Ġrajjiet l-Istorja Santa Marija u l-Banda Tagħna ..... 69
Sena oħra ta' ħidma ..... 71
Marija, l-Arka tal-Patt il-Ġdid ..... 73
Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija – Ħidma solida u kredibbli ..... 75
Grupp ta' Żgħażagħ minn Ċirò għall-Festa ta' l-Assunta ..... 87
L-Għid ta' l-Assunta ..... 89
Il-Papa Ġwanni Pawlu II ..... 91
Leġġenda ta' Santa Marija tal-Faqqanija ..... 95
L-Attivisti tas-Sena ..... 99
Website tas-Soċjetà – www.sanamarija.com ..... 99
Ġita tal-Ħolm… Mużika, Romantiċiżmu u Serenità Naturali ..... 101
Oriġinalità fl-ispettakli tan-Nar ..... 111
Programm tan-Nar '05 ..... 115
Tislima lil seħibna Joseph Galea ..... 117
Bedford Town Band ..... 119
L-Istatwa ta' Santa Marija tal-Pjazza f'għeluq il-45 sena ..... 127
Sidt glorjuża nsellmulek ..... 128
Minn fejn se jgħaddi l-marċ ..... 129
Tifkiriet ta' Tony Borg ..... 133
Kult Marjan ..... 137
Il-Madonna tiffaċċja l-Ħajja ..... 139
L-Għid ta' l-Assunta ..... 141
Ħarsa ħafifa lejn ħajjet il-Verġni Marija ..... 143
It-Tridu ..... 144
Rendikont Festa Santa Marija 2004 ..... 144




**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P., Sur Joseph Farrugia

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Antoine Sciberras
Dip. M. ACIM, Cert. CIB, CeFA

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Michael Ghigo

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier**
Carlo Sciberras

**Delegat Banda/PRO**
Chris Spiteri

**Delegati għall-Armar**
Grezzju Farrugia, Mario Camilleri

**Direttur tal-Każin**
Anthony Ellul

**Delegat tal-Planċier**
Benny Camilleri

**Konsulent Legali**
Dr. Marse Ann Farrugia
Dip. CAN.L.,LL.D.

**Direttur Spiritwali**
Patri Joe Zahra OP

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius
A.Mus. V.C.M.(Hons.), L.C.M.

**Relazzjonijiet Internazzjonali**
Alfred Galea

**Kummissjoni għall-Banda**
Chris Spiteri, Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Adrian Zahra

**Rappreżentant fl-Għaqda Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa

**Delegat tan-Nar**
Carmel Ellul

**Reviżuri**
Vince Attard
Elvin Sciberras

# Anniversarji importanti fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija

## Is-Sur Carmel Zahra, President

Għeżież soċi u partitarji,

Għall-grazzja t'Alla reġgħet għaddiet sena oħra ta' ħidma sfiqa. Min ma jkunx involut f'dan is-settur ma jemminx kemm xogħol u preparamenti trid, biex tilħaq il-livell ta' festa bħal ma nafu nagħmlu aħna. Din is-sena għandna żewġ avvenimenti xi nfakkru; li huma l-mitt sena mill-ewwel formazzjoni tas-Soċjetà Santa Marija billi fl-1905 twaqqaf il-Każin Soċjali Santa Marija u qed infakkru ukoll is-sittin sena mit-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija fi ħdan l-ewwel Għaqda Mużikali ġewwa l-Imqabba.

Dan ma kienx ikun possibbli għalina li ma kienux l-antenati tagħna li b'tant ħeġġa kienu ħasbu u ħassew il-bżonn li jiffurmaw Soċjetà li għalkemm f'raħal żgħir kellha ħafna suċċessi. Għalkemm illum iż-żminijiet inbidlu aħna bħala kumitat ma nħossux li għandhom jittappnu t-tradizzjonijiet tal-festa. Ma rridx li jkun hemm min jaħseb li s-Soċjetà tagħna hija konservattiva, iżda għal kuntrarju. Bħalma tafu s-Soċjetà tagħna ta' kull sena dejjem toħroġ b'xi sorpriża waqt il-Programm Mużikali, fl-ispettakli tan-nar kif ukoll waqt il-marċi bil-briju. Ta' min jgħid ukoll li biex nagħmlu l-briju qatt m'għandna nweġġgħu lil ħadd. Jien u sħabi tal-kumitat dejjem nisħqu fuq din il-ħaġa biex nifirħu b'dak li s-Soċjetà rnexxielha tirbaħ bil-ħila tagħha.

Naħseb li lkoll taqblu miegħi li s-sena l-oħra kellna festa ta' suċċess minn kull aspett, sew fil-mużika, fil-briju kif ukoll fl-ispettaklu uniku ta' nar li laħaq l-ogħla livell. Barra minn hekk din is-sena diġà kellna suċċessi miksuba minn din is-Soċjetà. Qiegħed nirreferi għall-kunċert li kellna fis-Sala Sir Robert Samut ġewwa l-Furjana, kif ukoll l-ispettaklu ta' nar li sar fil-Port il-Kbir li kien hemm bosta kummenti ta' tifħir mill-pubbliku. Ma rridx ninsa lis-Sezzjoni Żgħażagħ għall-Ġimgħa Marjana li organizzaw ġewwa l-Bini ta' l-Isptar il-Qadim. Ġimgħa ta' diskussjonijiet u tagħlim fuq Ommna Marija kif ukoll wirja Marjana komposta minn talent Imqabbi. Għal din is-sena ser ikollna banda oħra internazzjonali, dik Ingliża ta' *Bedford Town Band*. Minn hawn nixtieq nirringrazzja pubblikament lis-Sur Alfred Galea, bandist attiv u uffiċjal responsabbli mir-Relazzjonijiet Internazzjonali għax-xogħol siewi li jagħmel. Żgur li l-kontribut tiegħu jkompli jkabbar isem is-Soċjetà u l-Banda Re Ġorġ V, mhux f'pajjiżna biss iżda anke barra minn xtutna.

Bħal ma jiġri fil-ħajja ma jkunx hemm mumenti sbieħ biss. Qed nirreferi għal dawk li ħallewna din l-aħħar sena, kemm partitarji kif ukoll benefatturi jew attivisti. Ma nistax ma nsemmix lil wieħed li żgur kien żagħżugħ mimli saħħa, kif ukoll benefattur li dejjem sibnieh f'dawk il-mumenti ta' bżonn. Qed nirreferi għal sehibna Joseph Galea li bħal sajjetta fil-bnazzi ħalliena biex imur ħdejn dik l-Omm li ad unur tagħha niċċelebraw il-festa tagħna.

Permezz ta' dan il-messaġġ, nixtieq inwassal ir-ringrazzjamenti tiegħi lis-sotto kumitati kollha, dawk tan-nar, nisa, żgħażagħ u surmast flimkien mal-kummissjoni banda u l-bandisti kollha għall-koperazzjoni kbira u l-fiduċja li dejjem urew lejn il-Kumitat Ċentrali. Ma rridx ninsa ukoll lill-Kappillan u l-Kleru kif ukoll lil dawk li jgħinu fl-armar u t-tindif tal-knisja. Fl-aħħar iżda żgur li mhux l-inqas nirringrazzja lill-ex Sindku s-Sur Noel Galea kif ukoll lill-kunsilliera li servew fil-leġiżlatura li għaddiet, filwaqt li nifraħ lis-Sindku ġdid is-Sur Nicky Briffa flimkien mal-kunsillieri kollha. Nawguralhom ħidma fejjieda b'riżq ir-raħal.

Nagħlaq billi nappella lill-partitarji kollha sabiex waqt il-funzjonijiet tal-knisja nattendu bi ħġarna għaliex dawn huma mumenti mill-isbaħ u b'hekk tkun taf li ġiet il-festa. Nersqu ukoll lejn is-sagrament ta' l-Ewkaristija sabiex ikollna festa sabiħa u kif jixraq. Wara kollox din is-sena hija sena speċjali ta' l-Ewkaristija. Fl-aħħarnett iżda importanti ħafna nappella sabiex waqt il-marċi nġibu ruħna sewwa mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd. Saħħa. **VIVA L-PADRUNA TAR-RAĦAL TAGĦNA, SANTA MARIJA.**



*Il-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra, jilqa' lill-E.T. President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu fil-każin għal Jum l-Imqabba.*

# L-Ambjent u l-Festi

## Is-Sur Nicholas Briffa, Sindku ta' l-Imqabba

F'din l-okkażjoni ta' festa wieħed għandu jsawwar fih ċertu ferħ li ma jkunx is-sena kollha. Il-ferħ li wieħed iħoss f'qalbu għandu jirrifletti f'għaqda u sens ta' maturità li jwassal sabiex il-bniedem jimxi 'l quddiem fil-ħajja u jkun aktar kuntent.

Kull attività ġġib magħha impenn u sagrifiċċji personali għal kull minn ikun involut fiha.

Ir-raħal tagħna huwa magħruf fejn jidħlu l-festi għax barra l-ispettaklu ta' kuluri, l-Imqabbin huma nies ta' qalb kbira u jafu jilqgħu mill-aħjar li jistgħu lil kull min iżurna kemm jekk turisti u anke nies minn irħula oħra li jiġu jitpaxxew u jifirħu flimkien magħna. Il-festi jġibu l-kummerċ u huma attrazzjoni unika f'pajjiżna. Kull min jiġi fostna jammira t-tiżjin fit-toroq, il-baned li jkomplu jferrħu lil kulħadd b'marċi adattati għall-okkażjoni u bin-nar ta' l-art u ta' l-ajru li llum qed ikunu aktar artistiċi minn qatt qabel. Minn din il-paġna nixtieq nagħti prosit lill-Kamra tan-Nar Santa Marija li anke barra minn raħalna għamlet unur lill-Imqabba bl-ispettaklu tan-nar li tat fil-Port il-Kbir.

F'dan il-messaġġ tiegħi ma rridx inħalli barra l-ambjent li huwa għal qalbi u ċert li għal qalb kull Imqabbi. Aħna nagħmlu minn kollox biex ikollna l-indafa fid-djar tagħna għax tkun ġejja xi okkażjoni ta' festa fil-familja, hekk ukoll kull wieħed minna, għandu dmir li fil-ġranet tal-festa naraw li l-indafa fir-raħal tagħna tkun prijorità u nħeġġeġ biex nibqgħu hekk is-sena kollha għax b'hekk inħossuna kburin li nagħmlu parti minn raħal nadif.

Ma rridx nispiċċa l-messaġġ tiegħi u ma nsemmix il-parti reliġjuża tal-festa. Il-festa fiha sinjifikat spiritwali li wieħed għandu jżomm f'moħħu u ma jaqax f'nasba kummerċjali u materjali, u tgħaddi l-festa u ma jkun ħa xejn ta' ġid spiritwali. Qed niċċelebraw festa reliġjuża u wieħed m'għandux jinsa l-impenn reliġjuż. Fl-Imqabba għandna żewġ festi kbar fejn illum qed niċċelebraw il-festa ad unur il-Patruna ta' l-Imqabba Santa Marija.

Mela nħossuna kburin li aħna lkoll nagħmlu parti minn din il-kultura tant sabiħa u nagħmlu ġieh lil raħalna billi nifirħu flimkien u nkunu maturi biżżejjed biex napprezzaw ħidmet xulxin għax b'hekk inkabbru l-fiduċja ta' bejnietna.

Fl-aħħarnett nixtieq f'ismi u f'isem il-familja tiegħi flimkien ma' sħabi l-Kunsillieri l-oħra nawgura l-festa t-tajba lill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija u lill-Imqabbin kollha, biex dawn il-ġranet ta' ferħ iservu ta' ġid kemm spiritwali kif ukoll soċjali.



*Is-Sur Nicky Briffa fid-diskors tiegħu bħala għeluq tal-Ġimgħa Marjana organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ.*

# Apprezzament ex-Sindku

Il-Kumitat Eżekuttiv f'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, jixtieq jirringrazzja lis-Sur Emanuel Galea li serva bħala Sindku tar-raħal fil-leġiżlatura preċedenti tal-Kunsill Lokali tar-raħal. Is-Soċjetà tirringrazzja ukoll lis-Sinjuri Paul Spiteri, Edwin Gatt flimkien ma' M'Grace Mallia li ukoll servew bħala Kunsillieri.

Fl-istess waqt is-Soċjetà tifraħ lis-Sinjuri George Sammut, Benny Casha u Donald Muscat li ġew eletti bħala Kunsillieri ġodda flimkien mas-Sindku l-ġdid tar-raħal is-Sur Nicholas Briffa. Nawguraw lill-Kunsill ħidma fejjieda għall-ġid ta' l-Imqabba kollha.



*Is-Sur Noel Galea ex-Sindku jagħmel diskors fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Marjana.*

# Nimitaw lil Ommna Marija

## Dun Nazzaren Caruana, Kappillan

*"Mhux possibbli nkunu nsara jekk ma nkunux fl-istess ħin Marjani"*. Dan il-kliem qalu l-Papa Pawlu VI waqt pellegrinaġġ li għamel ġo santwarju f'Sardinja, gżira li tagħmel parti mill-Italja.

U hekk wasalna għall-Festa ta' Marija Assunta li aħna l-Imqabbin niċċelebraw flimkien ma' sitt parroċċi oħra; festa għalija partikulari għaliex tfakkarni li issa għaddejt l-ewwel sena magħkom. Sena li lili ġġibli ħafna memorji sbieħ. Sena li timlieni b'ħafna kuraġġ għal dak li ġej. F'din is-sena rajt ħafna affarijiet pożittivi. Ngħid għalija mill-ewwel ħassejtni milqugħ u dan juri l-qalb ġeneruża ta' ħafna. Mhux għax is-saċerdot jippretendi xi ħlas minn għand xi ħadd għax dak li jagħmel jagħmlu għal u f'isem Kristu. U jekk jistenna xi ħlas jistennih fl-aħħar mill-aħħar mingħand Kristu stess. Imma anke s-saċerdot jibqa' bniedem u kelma tgħollieh daqskemm kelma oħra kapaċi titfgħu fl-art.

Jiena nemmen li ż-żerriegħa li ntefgħet minn ħafna saċerdoti qabilna, u ħafna nies oħra, ħalliet ħafna frott. U dan jidher mis-sens ta' Alla li għad baqa' fil-qalb ta' ħafna. Jidher ċar mill-attendenza sabiħa waqt il-quddies u l-funzjonijiet li jkollna fil-knisja. U jekk kien hemm bżonn ta' prova oħra dan stajna narawh dan l-aħħar meta issa ftaħna b'mod aktar regolari l-kappella tad-Duluri fejn hemmhekk hemm is-sagrament għall-qima tagħna kważi matul il-ġimgħa kollha. Post fejn tabilħaqq ħafna minna qed nieħdu l-enerġija tagħna.

U għax il-poplu Mqabbi huwa poplu reliġjuż għandu għal qalbu l-għaqda u r-rispett. U nħoss li għandu għatx għal din il-ħaġa. Dan deher ċar mill-attivitajiet li aħna organizzajna matul din is-sena kemm ilni magħkom. Kull meta kien hemm sens verament ġenwin in-nies ġew bi ħġarhom. Hekk ġara diversi drabi.

Dan rajnieh per eżempju fil-ġranet tal-Kwaranturi meta fl-aħħar ġurnata permezz ta' purċissjoni ħadna lil Ġesù Ewkaristija fil-kappella tad-Duluri. Rajnieh ukoll waqt il-pellegrinaġġ li l-parroċċa organizzat għas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fix-xahar ta' Mejju. Rajnieh ċar fl-attivitajiet li ż-żgħażagħ taż-żewġ soċjetajiet mużikali li hawn l-Imqabba organizzaw flimkien fil-ġranet tar-Randan. U min għandu għal qalbu l-ġid tar-raħal ta' l-Imqabba ma jistax ma jaħdimx għal din il-ħaġa. Aħna poplu żgħir u kull mossa fin-negattiv tista' tagħmel ħafna ħsara.

Ħaġa oħra li tispikka f'din il-parroċċa hija mbagħad l-imħabba li hawn lejn il-Madonna. Għall-grazzja t'Alla llum qed tidħol f'qalbna li l-Madonna mhux sempliċi statwa sabiħa li aħna nġorru darba fis-sena fuq spallejna, imma hi xi ħaġa ferm aktar minn hekk. Hi fuq kollox OMM li bħal kull omm għandha qalb li taf tħobb. Ħadt gost nisma' l-esperjenza ta' dawk it-tlitt irġiel partitarji ta' Soċjetà oħra, li rrakkuntaw l-esperjenza tagħhom meta bi sfortuna kienet splodiet il-kamra tan-nar. Jammettu li kienet il-Madonna li ħelsithom minn diżgrazzja ikbar. U min jaf kemm nistgħu nirrakkuntaw esperjenzi bħal dawn!

Naħseb li f'dan is-sens nistgħu nifhmu l-kliem tal-Papa li biex inkunu verament Insara rridu nkunu ukoll Marjani.

Min iħobb bis-sinċerità lill-Madonna jipprova jimitaha fil-kwalitajiet sbieħ tagħha. Bħalha jfittex li jħobb lil Alla u lill-proxxmu. Bħalha jixtieq il-ġid ta' l-oħrajn u meta jkun hemm bżonn jaqbeż għalihom. Bħalha kappaċi jaħfer u jinsa l-passat. Bħalha jaħdem għall-għaqda u l-paċi fost kulħadd.

Minn qalbi nawgura Festa Sabiħa u Qaddisa lil kulħadd.



*Il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana jidher jiftaħ il-wirja Marjana organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ bħala parti mill-Ġimgħa Marjana li saret ġewwa l-bini ta' l-Isptar il-Qadim.*

# Sena ta' impenn u xogħol minn kull aspett

## Is-Sur Carmel Ellul, Segretarju

Għeżież Soċi, Partitarji u Benefatturi,

Għaddiet sena oħra, sena ta' impenn u xogħol b'riżq is-Soċjetà u b'riżq il-Festa tant għażiża għalina l-Festa ta' Santa Marija. Hawn ser naqsam magħkom ftit il-ħsibijiet tiegħi ta' matul is-sena u x-xogħol li wettaq il-Kumitat b'riżq il-Festa ta' Santa Marija.

Din il-kitba kienet diġà lesta, iżda ċ-ċirkustanzi ġegħluni nżid paragrafu ieħor. Hawn nixtieq nesprimi s-sogħba tiegħi u tas-Soċjetà tagħna għall-mewt traġika tal-ħabib kbir personali tiegħi u tas-Soċjetà, Charlie Farrugia li kien magħruf bħala (Charlie *Bagalji*) li għal dawn l-aħħar snin ħadem miegħi u ma' sħabi fin-nar ta' l-art b'riżq il-Festa ta' Santa Marija. Aktar l'isfel insellem ukoll lil żewġt iħbieb oħra li kienu jaħdmu n-nar u ħallewna matul din is-sena.

Ħarsa lejn dak li ġara s-sena l-oħra taqblu miegħi li reġa' kellna Festa oħra kbira u li tagħmel ġieħ lis-Soċjetà. U dan kollu bil-għajnuna tagħkom għeżież Soċi, Partitarji u Benefatturi. Kulħadd apprezza x-xogħol li sar fuq armar ġdid, ix-xogħol fuq il-planċier (li din is-sena ser inkomplu naraw aktar xogħol fuqu), il-programm li tellgħet il-Banda tagħna fl-10 ta' Awissu meta waqt li kien għaddej il-Programm sar żfin fis-Sala li ġie trażmess fuq *big screen* fil-pjazza waqt li kien għaddej il-Kunċert. L-Għaqda tan-Nar reġgħet ipprovdiet spettaklu tan-nar matul il-ġranet kollha tal-Festa speċjalment nhar l-14 u l-15 ta' Awissu. Is-Sezzjoni Żgħażagħ irnexxielha taħdem Bandalora tassew impressjonanti li biha komplew ikabbru l-briju waqt il-marċi.

Eżatt kif għaddiet il-Festa, il-Kumitat imbarka fuq ħafna proġetti li kellu maħsuba għal din is-sena li fiha qegħdin niċċelebraw il-100 sena mit-twaqqif tal-Każin Soċjali Santa Marija u s-60 sena mit-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija. Il-Kumitat ħaseb biex is-Sala prinċipali tal-Każin tiġi restawrata u miżbugħa mill-ġdid u li ssir żebgħa u manutenzjoni fejn hemm bżonn fil-Każin. Minħabba x-xogħlijiet li kienu għaddejjin fis-Sala tal-Każin, il-Kunċert Annwali li jsir mill-Bandisti tal-post kellu jsir fis-Sala Robert Samut, fil-Furjana. Dan intlaqa' tajjeb ħafna minn Sala ppakkjata bis-Soċi u Partitarji tas-Soċjetà. Ladarba qegħdin insemmu l-Banda, nixtieq insellem lil Karmenu Grech li kien wieħed mill-ewwel bandisti tal-Banda Re Ġorġ V li ħalliena matul din is-sena. Saru diskussjonijiet ukoll ma' Alfred Galea biex din is-sena ukoll ikollna Banda barranija mistiedna għal waqt il-ġimgħa tal-Festa. Il-Kumitat żamm diskussjonijiet ukoll mal-Kummissjoni Banda rigward il-Programmi li ser ittella' l-Banda tagħna u l-Banda Internazzjonali mistiedna. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Surmast u lill-Bandisti tal-koperazzjoni u l-ħidma tagħhom ta' matul is-sena. Il-Kumitat iltaqa' ukoll mal-Kummissjoni Planċier biex jara li x-xogħol jitkompla fuq dan il-proġett u fejn kien hemm bżonn xi alterazzjonijiet, isiru. Il-Kumitat kompla bil-ħidma tiegħu matul din is-sena biex jinħarġu l-permessi mill-Awtoritajiet biex ikompli jikabbar il-Każin.



*Is-Sur Carmel Ellul (lemin) waqt attività fejn l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.*

Matul din is-sena fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba, il-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami għoġbu jagħmel żjara lis-Soċjetà tagħna fejn iltaqa' mal-Kumitat, mas-Sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà, mas-Soċi u l-Partitarji.

Matul din is-sena, l-Għaqda tan-Nar giet mistiedna biex tagħti spettaklu ta' nar fil-Port il-Kbir, fl-okkażjoni ta' l-ewwel anniversarju mid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. L-istess Għaqda ġiet mistiedna ukoll biex tagħmel spettaklu ta' nar ta' l-art fin-Nadur, Għawdex fl-okkażjoni tal-25 Konvenzjoni Internazzjonali tal-FECC. Għal din is-sena ukoll l-Għaqda tan-Nar ser ittella' spettaklu ta' nar fl-okkażjonijiet li s-Soċjetà tagħna qed torganizza. Din l-Għaqda flimkien mas-Soċjetà din is-sena tilfet żewġ persuni ħabrieka li matul ħajjithom taw il-kontribut tagħhom fil-qasam tan-nar. Qed nirreferi għal Joe Borg magħruf bħala d-*Dovik* li għalkemm kien ma jiflaħx żamm l-appuntament ma' Santa Marija fejn ġie jittawwal lil Santa Marija fil-knisja, u mbagħad ħalliena aktar tard f'Ottubru li għadda. Il-ħabib l-ieħor huwa Joe Galea fejn dan kien attiv u jaħdem in-nar sa ftit qabel ma miet ħesrem f'Diċembru li għadda. Hu ħalla lis-Soċjetà xxukkjata u mbikkma. Hawn minn qalbi f'ismi u f'isem il-Kumitat ngħid grazzi lil dawn in-nies u mill-ġdid mogħti l-kondoljanzi lill-familji tagħhom.

Nixtieq inwassal ir-ringrazzjament tiegħi lis-Sezzjoni Nisa tas-Soċjetà tal-*fund raising* u ta' l-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena u ta' l-għajnuna li jagħtu waqt attivitajiet organizzati mill-Kumitat. Lis-Sezzjoni Żgħażagħ ta' l-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena li bihom iżommu ħajja lis-Soċjetà u tal-briju li jorganizzaw fil-jiem tal-Festa. Lill-Għaqda ta' l-Armar tax-xogħol imwettaq minnhom matul is-sena speċjalment fil-jiem tal-Festa. Ringrazzjament imur ukoll lejn l-ex Kappillan Dun Joe Bartolo u merħba u awguri lil Dun Nazzaren Caruana fl-ewwel sena tiegħu bħala Kappillan. Ringrazzjament ieħor imur lejn l-ex Sindku Noel Galea u l-ex kunsilliera tax-xogħol imwettaq minnhom u awguri lill-Kunsill il-ġdid immexxi mis-Sindku ġdid Nicky Briffa u l-Kunsillieri.

Appell ta' l-aħħar hu biex fil-jiem tal-Festa ma ninsulentaw u nweġġgħu lil ħadd u nieħdu pjaċir bil-programm li rnexxielu jwettaq il-Kumitat bil-għajnuna ta' kulħadd. Nixtieq inħeġġeġ ukoll biex kull min jista' jattendi għall-funzjonijiet li ser ikunu organizzati fil-Knisja fl-okkażjoni ta' Santa Marija u hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk il-persuni u individwi li jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw l-armar tal-Knisja.

Grazzi mill-qalb lil sħabi tal-Kumitat u lill-familji tagħhom, lill-Benefatturi, Soċi u Partitarji. Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd. Viva l-Patruna ta' l-Imqabbin, Santa Marija.

# Il-Festa tirrikjedi ħafna spejjeż

## Mingħajr l-għajnuna ta' kulħadd ma jkunx possibli nagħmlu Festa kbira

### Is-Sur Carmel Briffa, Kaxxier

Ta' kull sena fix-xahar ta' Awissu niċċelebraw il-festa tal-Padruna tagħna Santa Marija. Ilna nagħmlu dan għal għexieren ta' snin u aktar ma wieħed ikun anzjan, aktar jiftakar kemm-il darba hu flimkien mal-familja tiegħu ikun iċċelebra festi f'ġieħ Ommna Marija li hija tant maħbuba fost l-Imqabbin.

II-festa tagħna hija waħda mill-isbaħ u l-aħjar organizzata fil-gżejjer Maltin fejn eluf ta' nies jattendu bi ħġarhom sabiex flimkien magħna jifirħu u jgawdu l-briju u l-ispettakli li aħna magħrufin għalih. Għalhekk huwa ferm improtanti li aħna bħala Mqabbin għandna d-dmir li isem l-Imqabba jibqa' jissemma għall-kapaċità, innovazzjoni u dak kollu li jagħmlilna unur.

Din is-sena l-festa hija speċjali għaliex qegħdin niċċelebraw għeluq il-mitt anniversarju mit-twaqqif tal-Każin Soċjali Santa Marija (1905 - 2005) u s-sittin sena mit-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija (1945 - 2005). Kburin li konna l-ewwel Każin fl-lmqabba kif ukoll l-ewwel Għaqda Mużikali ġewwa l-Imqabba għaliex proprju fit-12 ta' Awissu 1945 l-Orkestra Santa Marija għamlet il-programm inawgurali tagħha fit-Tieni Tridu tal-Festa ta' Santa Marija fuq palk imħejji apposta fil-pjazza tal-knisja viċin il-każin. Bħalma jixhdu d-dati, is-Soċjetà tagħna dejjem kienet minn ta' quddiem sabiex tieħu ħsieb li torganizza l-aħjar festa possibbli ad unur il-Patruna tagħna Santa Marija.

U proprju din is-sena għal matul il-Ġimgħa tal-Festa minbarra l-baned lokali ser jerġa' jkollna banda internazzjonali. Din il-banda hija l-*Bedford Town Band* li ġejja mill-Ingilterra. Ser ikollna fostna ukoll xi żgħażagħ mill-Italja li ser ikunu fostna sabiex flimkien maż-żgħażagħ tagħna jgawdu ftit mill-kultura ta' pajjiżna.

Bħala Kaxxier ma nistax ma napprezzax il-ħidma fejjieda tas-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà li kkontribwew għal sena ta' ħidma u preparamenti għal kull attività li ssir. Is-Surmast flimkien mal-kummissjoni banda u l-bandisti li ġimgħa wara ġimgħa jippreparaw għal diversi kunċerti ta' matul is-sena speċjalment għall-programm speċjali tal-10 ta' Awissu li ta' kull sena jkun varjat u innovattiv. Il-Fergħa tan-Nisa li barra t-tindif tal-każin u manutenzjoni fejn jidħol drapp, jieħdu ħsieb jorganizzaw attivitajiet matul is-sena sabiex jgħinu finanzjarjament lis-Soċjetà tagħna. Is-Sezzjoni Żgħażagħ li huma impenjati s-sena kollha sabiex iżommu l-każin ħaj bl-attivitajiet li jagħmlu u sabiex ikabbru l-briju matul il-ġranet tal-festa. L-Għaqda tan-Nar li għal dawn l-aħħar snin offriet spettakli kbar. Din is-sena ukoll għalkemm tilfet wieħed mill-ħabrieka u hawn qiegħed nirreferi għal Joseph Galea li bħal sajjetta fil-bnazzi ħalliena f'Diċembru li għadda, tinsab lesta sabiex tippreżenta dak l-ispettaklu uniku li d-dilettanti kollha ta' Malta u Għawdex ikunu qed jistennew. Nirringrazzja lill-membri ta' din l-għaqda għas-sagrifiċċju u l-ħidma tagħhom matul is-sena kollha.

Nixtieq nirringrazzja lil dawk l-individwi li jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw fil-knisja. Ħajr ukoll lis-soċi u l-partitarji li jieħdu ħsieb l-armar ta' barra u mhux inqas lill-benetatturi ta' l-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibna mingħandhom matul is-sena kollha. Tifhem għalhekk li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu kemm finanzjarjament kif ukoll manwali fil-ġranet tal-Festa. Inħeġġiġkom sabiex tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom. Il-Festa tirrikjedi ħafna spejjeż u mingħajr l-għajnuna tagħkom dan ma jkunx possibbli. Bis-sehem tagħkom tkunu qed tagħmlulna kuraġġ għall-ġejjieni.

Nagħlaq dan l-appell tiegħi billi nħeġġiġkom sabiex tieħdu sehem attiv kemm fil-funzjonijiet tal-knisja kif ukoll fil-festi esterni. Nieħdu pjaċir flimkien f'dawn il-ġranet sbieħ tal-Festa billi nuru d-devozzjoni tagħna lejn Ommna Marija u nifirħu flimkien.

Il-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.



*Is-Sur Carmel Briffa waqt il-kunċert strumentali nhar l-10 ta' Awissu 2004.*

# Ngħollu l-livell tal-Banda

**Mro. David Agius A.Mus LCM, A,Mus VCM(Hons) ALCM, Surmast Direttur**

Nibda dan il-messaġġ tiegħi billi naghti merħba lil kull min għandu għal qalbu l-festi Maltin bħala wirt kulturali ta' pajjiżna. Wieħed japprezza x-xogħol li jsir minn diversi kumitati tal-każini tal-baned li b'mod prudenti permezz ta' pika fejjieda meħtieġa, nippruvaw ngħollu l-livell tal-baned tagħna. B'hekk biss nistgħu mmexxu 'l quddiem il-baned u mhux permezz ta' affarijiet oħra li sfortunatament m'huma xejn kumplimentużi għall-avvanz tal-baned tagħna.

Il-Banda Re Ġorġ V qed tagħmel kull xorta ta' attivitajiet biex tmexxi 'l quddiem il-livell tal-mużiċisti tagħha, kemm ta' dawk li diġà huma membri tal-banda, kif ukoll ta' dawk li huma allievi.

Fil-kalendarju ta' l-impenji tal-banda ġiet inkluża serata mtellgħa minn diversi solisti li qed jitrawmu fis-sede tas-Soċjetà tagħna lejn żmien il-Milied li għadda; liema serata ġiet milqugħa ferm mill-pubbliku numeruż li attenda. B'kull sodisfazzjon ngħidu li din kienet l-ewwel inizjattiva li qatt ittieħdet minn każin tal-banda fil-lokalità ta' l-Imqabba, fejn intweriet l-abbiltà ta' dawn il-mużiċisti żgħażagħ u ntwera l-impenn tagħhom lejn il-kultura mużikali.

Barra li qed niskopru t-talent, qegħdin dejjem nissudaw il-banda tagħna biex tidħol għal sfidi oħrajn. Hawn soċjetajiet ikbar minn tagħna fejn serata bħal din ma jistgħux itellgħuha għax m'għandhomx l-element meħtieġ fi ħdan il-mużiċisti tal-lokal. Għalhekk għandna napprezzaw din l-inizjattiva li bl-għajnuna tal-Kumitat Ċentrali setgħet issir realtà.

Punt ieħor li nixtieq insemmi u nfaħħar huwa li l-kumitat taż-żgħażagħ matul is-sena impenja ruħu ferm, billi organizza ukoll attivitajiet bis-sehem tal-banda. Hawnhekk nixtieq infaħħar dan l-atteġġjament, fejn iż-żgħażagħ tas-Soċjetà tagħna b'mod spiritwali għaqqdu diversi arti flimkien bħalma kienet il-wirja ta' l-istatwi Marjani fejn barra li kellna wirja ta' skulutura, iż-żgħażagħ amalgamaw l-arti tal-poeżija kif ukoll is-sehem tal-banda tagħna.

Serata oħra li lili tgħamilli l-kuraġġ kien il-kunċert mużikali li tellajna fis-Sala Robert Samut ġewwa l-Furjana fejn kellna sala ppakkjata bin-nies li laqgħet il-mużika li ndaqqet mill-banda tagħna, li kienet komposta disgħin fil-mija mill-mużiċisti tal-banda tagħna.



*Mro. David Agius waqt il-kunċert strumentali li sar ġewwa s-Sala Robert Samut fil-Furjana.*

B'dan il-mod għandna nkomplu l-ħidma tagħna li twassalna għal aktar suċċessi li b'ħidma sfieqa u impenjattiva nuru titjib fil-livell tal-banda tagħna biex isimha ntellgħuh fuq l-ogħla pedestall.

Hawnhekk ma nistax ma nsemmix li l-banda tagħna din is-sena jmissha ttella' l-kunċert ta' Santa Ċeċilja ġewwa t-Teatru Manwel; liema kunċert huwa organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Baned Maltin. Nitlobkom biex iżżommu l-appuntament tagħkom għall-15 ta' Novembru li ġej fejn il-kummissjoni tal-banda diġà ħejjiet programm għall-okkażjoni li żgur irid jitniżżel mal-kullana ta' suċċessi tal-banda tagħna fejn dejjem qatgħet figura tajba.

Nistedinkom bħas-soltu għall-programm ta' l-10 ta' Awissu, f'Jum il-Banda fejn ippreparajna kunċert li jolqot il-gosti ta' kulħadd.

Nixtieq nagħlaq billi nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha. Nirringrazzja lil kull min jgħinni tul ħidmieti bħala Surmast Direttur u nawgura kull suċċess lill-Kumitat taż-Żgħażagħ li jirnexxielhom f'kull ma jippreparaw, kif ukoll lill-Għaqda tan-Nar biex bħas-soltu jkollhom is-suċċess meħtieġ fil-programm li jħejju għal eluf ta' nies li jżuruna għall-festa unika u kbira tal-Patruna Santa Marija.

*Akkademja tal-mużika ġewwa l-każin.*

**Ibgħat lil uliedek jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-każin kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar.**

# Id f'id nissudaw

## Fr. Joseph Zahra O.P., Direttur Spiritwali

Reġgħet magħna festa oħra f'ġieħ it-tlugħ fis-sema ta' l-Omm tagħna l-aktar safja u qaddisa. Din hija stedina oħra minn Sidtna Marija biex inħarsu aktar 'il fuq u nixxenqu aktar għas-sema pajjiżna minn fejn din l-Omm u Patruna tagħna qed tistenniena. Għalija din hija t-tieni festa li qed niċċelebra magħkom bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà. Fil-fatt is-sena l-oħra kien ilni biss ftit ġimgħat li aċċettajt li nagħti daqqa t'id f'din is-Soċjetà, dejjem f'kollaborazzjoni mal-Kappillan.

Għalija din is-sena kienet sena pożittiva ħafna mill-aspett ta' osservazzjoni. L-ewwel deċiżjoni li ħadt is-sena l-oħra kienet li nagħmel sena nosserva l-kultura Mqabbija. Dan qed nirrivelah issa li għaddietli l-ewwel sena. Fil-fatt, bħalma jaf kulħadd, matul din is-sena aktar kont fuq il-periferija milli fil-qalba. Minn din l-osservazzjoni li għamilt, nista' bla tlaqlieq ta' xejn nikkonkludi li fl-Imqabba jeżisti ħafna tajjeb, għandna ħafna doni artistiċi u kulturali li qed ikomplu jkabbru l-kultura u jżommu ħajjin tradizzjonijiet missirijietna. Għandna ukoll potenzjal sabiħ ta' ċerta spiritwalità. Fil-qlub tagħna hemm ħafna u ħafna tajjeb, li ħafna drabi, għal xi raġuni jew oħra qed inżommuh għalina biss.

Jidher ċar li anke fil-poplu Mqabbi, ir-rutina tal-ħajja ta' kuljum, jew rikordji ta' weġgħat mill-passat, qed tħalli effett negattiv f'dak li hu spiritwali. Hemm bżonn li għal li ġej nibdew naħdmu id f'id biex nissudaw. **Ejjew nissudaw il-kultura tagħna billi niftakru li l-għeruq tagħha dejjem kienu spiritwali.** Hekk twieldu l-festi tagħna. L-għerq ta' kollox kien id-devozzjoni vera u propja li ssaħħaħna fil-fidi tagħna u li tindirizzana lejn is-sema pajjiżna. Biż-żmien, il-bixra tal-festi tagħna tbiddlet f'waħda pagana. Tant hu hekk li issa l-pika ħadet post l-ispiritwalità. Dan ma ngħidux għas-Soċjetà tagħna l-aktar, imma għal dawk is-Soċjetajiet li jridu biss jimpikaw fil-vojt. Aħna li rridu nsaffu l-festi tagħna minn dak kollu li hu żejjed hemm bżonn li nkunu ta' eżempju għall-oħrajn. Illum biżżejjed tiftaħ ftit xi *guest book* tas-*sites* tas-Soċjetajiet li jeżistu f'pajjiżna, u mill-ewwel tinduna x'ħobż jieklu. U Ġesù kien ċar: "l-Ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda tal-Missier"(Ġw 4: vers 34). U r-rieda tal-Missier hija ċara fil-Kelma tiegħu: "Nitlobkom ħuti, f'Isem Kristu, biex tkunu taqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif imiss, ruħ waħda u fehma waħda." (1Kor1: vers10.) u fil-vers 13 jgħidilna: "Jaqaw Kristu mifrud?". Mela jekk aħna devoti tal-Verġni Mbierka li tatna lil Ġesù, nistgħu nkunu mifrudin? Min iħossu mifrud, la jaf min hi Marija u wisq inqas Ġesù. U Ġesù huwa t-triq waħdanija li twassalna għand il-Missier: "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi." (Ġw 14: vers 6).



*Fr. Joe Zahra OP fil-laqgħa tiegħu matul il-Ġimgħa Marjana fejn tkellem fuq il-Madonna bħala żagħżugħa.*

Għaldaqstant, nixtieq ngħid prosit lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, speċjalment lil Louiselle Sciberras, membru fi ħdan din is-Sezzjoni, li tieħu ħsieb il-*web page* tas-Soċjetà tagħna. Hija *web page* li verament qed tagħmel unur mhux biss lill-festi fl-Imqabba u lis-Soċjetà tagħna, imma ukoll lill-kultura tal-festi f'pajjiżna. Il-*web page* tas-Soċjetà tagħna hija waħda nadifa mit-tgħajjir u l-kliem żejjed li ma jagħmel ġid u unur lil ħadd. Wisq inqas lill-Verġni Mbierka jew lil xi Qaddis/a partikolari li f'isimhom u f'ġieħhom inkunu qed niċċelebraw il-festi tagħna. Inħeġġeġ pubblikament biex dan l-istil inkomlu nżommuh bi prinċipju. U nittama li ħafna jkunu dawk li jieħdu l-eżempju tagħna.

Nixtieq ukoll infaħħar pubblikament l-inizjattivi sbieħ li ġew organizzati matul din is-sena. Fosthom insemmi l-jiem fil-Ġimgħa tad-Duluri li fihom flimkien ħallejna lil Sidtna Marija tgħaqqadna f'Fidi waħda. Insemmi ukoll il-Ġimgħa Marjana organizzata b'serjetà u li ħalliet ħafna frott spiritwali u kulturali.

Nagħlaq għalhekk dan il-messaġġ tiegħi billi nħeġġeġ lil kulħadd ħalli jikkollabora biex ikollna festa nadifa u devota li tkompli tressaqna lejn l-Omm tagħna tas-sema. Nixtieq nistedinkom ilkoll biex tersqu lejn il-qrar u t-tqarbin, mhux biss fil-ġranet tal-festa imma matul is-sena kollha. Ejjew inħallu lilSidtna Marija tkompli tittrażmettielna lil Ġesù l-uniku Veru Salvatur tal-bnedmin.

Nitlob il-barka t'Alla u ta' Marija Ommna Mtellgħa fis-sema, fuq kulħadd. **IL-FESTA T-TAJBA.**

# Il-Plančier... Sena ta' Ħidma

## Is-Sur Benny Camilleri, Delegat Planċier Artistiku

L-istaġun tas-sajf iġib miegħu mewġa ta' festi li jiġu ċċelebrati fl-ibliet u rħula madwar Malta u Għawdex, u proprju f'dan iż-żmien, wieħed jista' jgħid li tintlaħaq il-quċċata ta' l-istaġun festiv biċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' l-Assunta. Huwa ukoll żmien li fih wieħed jista' japprezza l-frott tal-ħidma li tkun saret tul is-sena minn diversi sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà, fosthom il-Banda, ta' l-Armar, u tan-Nar, kif ukoll il-Kumitat Eżekuttiv, dak tan-Nisa u s-Sezzjoni Żgħażagħ. Għalhekk, ikun ukoll xieraq li-naghtu ħarsa lura lejn il-ħidma relatata mal-proġett tal-planċier.

Wara diversi snin ta' xogħol f'dan il-qasam, kif ukoll l-ansjetà ta' uħud u l-kurżità ta' oħrajn, is-sena l-oħra kellna x-xorti li narmaw il-planċier fil-pjazza tar-raħal. Ta' min jgħid li biex effettivament tgħaqqad planċier hekk kbir fi spazju hekk limitat kienet sfida teknika li għelibna b'suċċess. Is-suċċess huwa akbar meta wieħed iqis il-ħin relattivament qasir li ħadna biex armajna n-nisġa preċiża ta' ħadid li jifforma l-bażi ta' l-istess planċier, minkejja l-kritika ta' min ma għarafx il-bżonn ta' dan.


Waħda min niċeċ li saru ġodda din is-sena.

Bħala parti mill-Kummissjoni Planċier konna sodisfatti bil-kummenti minn diversi soċi, partitarji, u membri mill-pubbliku inġenerali, li għoġobhom javviċinawna kemm bi kliem ta' tifħir kif ukoll kritika kostruttiva. Kien għalhekk li bħal dejjem, tul din is-sena rajna li nagħrfu sew dawk li għandhom għal qalbhom l-interess tas-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V, biex hekk inkomplu nibnu fuq dak li bdejna.

Hekk kif sa ftit sieghat wara tmiem il-festa, il-planċier reġa' ntrama fis-sala ta' fuq l-imħażen tas-Soċjetà, jiena, flimkien mal-membri l-oħra tal-Kummissjoni fassalna programm ta' ħidma għal din is-sena.

Kien għalhekk ukoll li bħala Kummissjoni konna kostretti nalteraw il-pjanijiet u magħhom parti mix-xogħol li kien qed isir sabiex finalment niksbu riżultati aħjar. B'effett ta' dan, sar tibdil fil-panewijiet tal-planċier, u b'hekk din is-sena ser naraw uħud min-niċeċ u l-pilastri ġodda li jdwaru l-istess armar.

Jiena ninsab ċert li min jagħraf jinforma ruħu dwar dak ix-xogħol li twettaq tul din is-sena, jista' japprezza l-ħin u d-dedikazzjoni li jien applikajt min qalbi, waqt li bħal dejjem nibqa' nilqa' kull kritika kostruttiva.

F'dan l-istadju nieħu l-opportunità li nsemmi speċifikament il-fond finanazjarju tal-planċier li sa minn dejjem kellu bilanċ pożittiv grazzi għall-ġenerożità ta' dawk kollha li taw kontribut bil-*bouna volontà* tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet ġew kemm minn soċi u partitarji, individwalment, kif ukoll fost oħrajn mis-Sezzjonijiet tan-Nar u tan-Nisa. Ta' min jinnota li għotjiet finanzjarji tagħkom huma affirmazzjoni ta' fiduċja f'hidmieti u aktar u aktar, ta' sapport sabiex issa jitkompla u eventwalment jitlesta l-planċier fis-snin li ġejjin.


Mudell tal-pilastri li ukoll saru din is-sena.

Fl-aħħar infakkar lilkom, soċi u partitarji, li s-suċċess ta' kull Soċjetà jiddependi minn nies li jiffurmaw parti minnha u benefatturi oħra, għalhekk ma jistax jonqos l-appell tiegħi biex ilkoll nikkontribwixxu fost affarijiet oħra, riżorsi umani u finanzjarji li huma neċessarji sabiex ħidmet is-Soċjetà fl-Imqabba u barra mir-raħal tibqa' tiffjorixxi.

Nawgura s-saħħa u l-festa t-tajba lil kulħadd.

# Il-Bandalora Artistika... Proġett ieħor tas-Sezzjoni Żgħażagħ

## Is-Sur Carlo Sciberras, President tas-Sezzjoni Żgħażagħ

Jekk inti li qiegħed taqra dan l-artiklu kont preżenti fil-Marċ ta' l-Aħħar Tridu tal-Festa 2004, żgur li nnutajt xi ħaġa mhux tas-soltu f'dan il-marċ. B'*mhux tas-soltu*, irrid infisser xi ħaġa li qatt ma dehret fl-inħawi tagħna u għaldaqstant xi ħaġa kompletament innovattiva għar-raħal ta' l-Imqabba.

Din kienet il-*Bandalora Artistika*, frott it-talent u d-dedikazzjoni taż-żgħażagħ tagħna li ddominat il-Marċ ta' l-Aħħar Tridu b' mod simboliku mill-aktar xieraq f'Festa Titulari ddedikata lil Ommna Marija.

Kienet idea li qanqlet interess kbir fost iż-żgħażagħ tagħna fejn dlonk bdejna naħdmu sabiex nagħtu bidu għal dan il-proġett ambizzjuż. Tfassal disinn oriġinali mis-Sur Alvin Livori u minn hemm bdiet ħidma konsistenti li wasslet għal suċċess kbir fi briju innovattiv.

Is-Sinjuri Doris Camilleri, Ċikka Spiteri u Anna Mazzatelli kienu ta' għajnuna kbira fil-ħjata fejn taw il-massimu tagħhom sabiex ġiet meħjuta u tlestiet medda hekk kbira ta' drapp.

Ix-xogħol ta' l-injam flimkien ma' mitt elf ħaġa oħra ħa ħsiebu s-Sur Christopher Micallef flimkien mas-Sinjuri Patrick Ghigo, Adrian Micallef u Andrea Vannini.



*Is-Sinjuri Jerry Ghigo u Marvin Tabone waqt ix-xogħol fuq il-ħadid.*

Xogħol ferm impenjattiv kien ix-xogħol tal-ħadid u l-ħsieb ta' kif għandha tittella' din il-Bandalora; liema xogħol kien kollu f'idejn is-Sur Jerry Ghigo flimkien mas-Sinjuri Marvin Tabone u Christopher Micallef li għamlu biċċa xogħol mill-aktar professjonali. Fil-fatt konna kapaċi ntellgħu opra bħal din 'il fuq minn tlett sulari għoli b'sistema elettrika.



*L-Artist is-Sur Alvin Livori waqt il-fażijiet finali tal-Kapolavur*

Ix-xogħol ta' pittura u sfumar kien kollu xogħol is-Sur Alvin Livori, liema xogħol jitqies bħala wieħed **kapolavur**. Ta' min jgħid li s-Sur Livori ħadem volontarjament fejn irnexxielu joħroġ pittura **ċelebri** ta' Ommna Marija mtellgħa s-sema.

Tul din il-ħidma spikkat l-organizzazzjoni u l-għaqda li tirrenja fost iż-żgħażagħ tagħna fejn b'ko-oridnazzjoni sħiħa kulħadd ta sehmu sabiex din l-opra artistika tkun tista' titgawda tul il-ġranet tal-festa. Tajjeb ngħid li s-Sezzjoni Żgħażagħ reġgħet kienet għal darb'oħra eżemplari ta' x'jiġifieri briju innovattiv ibbażat fuq opri Marjani u mhux fuq affarjiet li m'għandhom l-ebda konnessjoni ma' festa Marjana.

F'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ nirringrazzja mill-qalb lis-Sinjuri John u Jurgen Ghigo li kienu tassew importanti fil-fażi finali ta' dan il-proġett. Nirringrazzja ukoll lis-Sur Raymond Vella li kien ta' għajnuna fil-ġbir ta' fondi.

Fl-aħħar iżda mhux l-anqas nirringrazzja lil kull min għoġbu jagħti l-kontribut finanzjarju tiegħu u lil dawk iż-żgħażagħ kollha li b'xi mod jew ieħor kienu involuti sabiex din l-opra innovattiva setgħet issir realtà ġewwa r-raħal tagħna.



*Uħud miż-żgħażagħ involuti f'dan il-proġett. L-Għaqda bejn iż-żgħażagħ tagħmel id-differenza!*



*Impenn... Serjetà... Kredibilità... Il-fatti jitkellmu waħedhom.*

# Marija Żagħżugħa

**Kitba ta' Fr. Joseph Zahra O.P. Direttur Spiritwali**

Jekk ikollna nagħtu definizzjoni ta' x'inhi ż-żogħżija, nistgħu ngħidu li ż-żgħożija hija t-tranżizzjoni mit-tfulija għall-ħajja adulta. U din it-tranżizzjoni ġġib diversi konsegwenzi fuq il-persuna li issa allura tgħaddi mid-dipendenza assoluta tal-familja għad-dipendenza fuqha nnifisha. Iż-żagħżugħ u ż-żagħżugħa jibdew jaraw kif huma se jmexxu ħajjithom forsi ukoll f'soċjetà tà diffikultajiet. Għalkemm maż-żogħżija niltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet, jirriżulta li fl-istess ħin hija żmien tà libertà li qatt qabel ma tkun ġiet esperjenzata. Iż-żogħżija tiftaħlek orizzonti ġodda, esperjenzi ġodda, ħsibijiet u pjanijiet ġodda lejn futur kif timmanġinah fil-mument li tkun għaddej minnu. Wieħed fiż-żogħżija, normalment, jibda jsir aktar bniedem li kapaċi jiddeċiedi. Iż-żogħżija hija żmien l-iskoperti; żmien l-attivitajiet li jibnu l-istess karattru żagħżugħ: l-arti, il-mużika, l-isport; u ħafna ħwejjeġ oħra bħal ngħidu aħna, l-invenzjoni, l-idealiżmu, il-ġenerożità, il-kuraġġ, is-solidarjetà, l-immaġinazzjoni u ukoll, waħda mill-iskoperti l-kbar taż-żogħżija; l-imħabba. Huwa proprju fl-imħabba li ż-żogħżija tilħaq il-quċċata tagħha.

Marija hija ż-żagħżugħa per eċċellenza. Marija hija dik il-bniedma li ma neżgħet qatt miż-żogħżija tagħha. Marija hija dik li għadha qed tgħix fit-tranżizzjoni magħna ż-żgħażagħ – tranżizzjoni tal-Fidi, fejn ngħaddu minn diversi esperjenzi li jistgħu jħawduna, hekk kif tħawdet Hi quddiem it-tislima ta' l-anġlu. Marija tiġi magħżula għall-pjanijiet t'Alla, u għax kienet żagħżugħa ta' karattru sod, kuraġġuża u kapaċi tiddeċiedi, tenniet l-"Iva" tagħha: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek". Marija wieġbet bl-"*Iva*" tagħha. Kienet "*Iva*" li niżżlet f'ġufha lill-istess Kelma t'Alla, lill-istess Verb Divin: " *U l-Verb sar bniedem u għammar fostna*" (Ġw 1, 14). Hawn hi l-mara żagħżugħa li issa ma tiddependi minn ħadd iżjed. Fil-libertà tagħha taffronta s-sitwazzjoni b'kuraġġ u ġġib bidla mhux biss fiha nnifisha, imma fl-umanità kollha kemm hi għax: "*l-Verb sar bniedem u għammar fostna*".

Meta fit-tieġ ta' Kana naqas l-inbid tal-festa, Marija Omm Ġesù qaltlu: "ma għandhomx inbid". Dawn huma kliem sempliċi imma li għandhom tifsira kbira ħafna. Dan



il-kliem ifisser li Marija kienet attenta għal dak li jkun hemm bżonn isir. Dan il-kliem ifisser li Marija hija l-bniedma – Omm żagħżugħa u twajba li tħoss għal uliedha – tinduna xi jkollhom bżonn – u tagħmel xi ħaġa biex tgħinhom. Hawn hu l-kunċett ta' solidarjetà f'Marija. Din hija ż-żogħżija preokkupata ta' Marija quddiem ir-realtà tad-diffikultajiet. Preokkupazzjoni iżda li ma tagħlaqx lil Marija fl-egojiżmu – imma li tiftaħ f'Marija orizzonti ġodda - biex tagħmel il-ġid lill-oħrajn u huwa proprju hawn li niltaqgħu ma' Marija fil-kompassjoni tagħha. Marija mela hija ż-żagħżugħa kompassjonevoli.

B'dan il-mod Marija pparteċipat – (ħadet sehem), fit-tieġ ta' Kana, u b'dan l-istess mod Marija ommna tipparteċipa f'ħajjitna. It-tifkiriet u l-festi li nagħmlu f'Ġieħ Sidtna Marija huma mod ukoll ta' kif Marija tista' tidħol f'ħajjitna. U dawn l-attivitajiet li qed nagħmlu din il-ġimgħa f'ġieħ il-Madonna, huma proprju r-rifless ta' dak li Marija trid tkun fil-ħajja dejjem żagħżugħa tagħna. Marija llum qed tgħidilna, b'din ir-riflessjoni li qed nagħmlu flimkien, li Hi trid tidħol f'ħajjitna. Trid iġġib bidla f'ħajjitna. Trid iġġib tranżizzjoni f'ħajti u f'ħajtek. Hija l-Omm dejjem żagħżugħa tagħna. Iva, Marija trid tkun ommna għax dan hu l-mandat li hi rċiviet mingħand binha Ġesù; imma jeħtieġ li aħna naċċettawha b'ommna. Jeħtieġ li aħna naċċettaw li nkunu verament uliedha. Hemm bżonn li nħallu lil Marija tindaħal f'ħajjitna – għandha dritt għax hi ommna. Hemm bżonn li nħalluha taġixxi f'ħajjitna bħalma aġixxiet fit-tieġ tà Kana.

It-tifkiriet li aħna nagħmlu tà Marija, huma ta' okkażjoni biex aħna nirriflettu – nimmeditaw – fuq il-parteċipazzjoni kompassjonevoli li Marija għandha fil-miżerji tagħna ż-żgħażagħ. Din il-Ġimgħa ukoll hija ta' okkażjoni għalina lkoll devoti tal-Madonna, biex lil din ommna l-għażiża nħalluha tmexxina Hi biex ikollna sehem sħiħ mill-fidwa – mir-redenzjoni – li ġabilna Ġesù Kristu l-Mulej tagħna – Binha u Bin Alla.

Is-sehem li Marija għandha f'ħajjitna, juri l-ewwel u qabel kollox jekk aħniex żgħażagħ ta' veru jew le. Iż-żagħżugħ veru, mimli ħajja jkun kapaċi jiddixxerni – jagħraf it-tajjeb mill-ħażin; u Marija

trid turina fejn jinsab il-ħażin. X'hemm li hu tà diffikultà? Marija trid tagħraf eżatt fejn hi l-probblema: "ma għandhomx inbid".

Fil-kuntest ta' l-ekonomija tas-salvazzjoni, hekk kif huwa muri lilna mill-Kotba Mqaddsa, din il-frażi għandha tifsira aktar għolja – għandha sinjifikat li jmur lil hinn mis-sempliċi: "Ma għandhomx inbid", u dan mill-fatt li l-laqgħa tà Alla mal-bniedem kienet tiġi raffigurata bħala patt fiż-żwieġ iċċelebrat waqt ikla tà ferħ. Allura l-inbid huwa element importantissimu. L-inbid huwa s-sinjal ta' dan il-patt kbir bejn Alla u l-bniedem. Marija tinnota li hemm kien hemm problema kbira għax kien naqas dan l-inbid u allura f'din il-festa kien ser jinħoloq vojt kbir. Immaġinak dak iż-żmien tiċċelebra festa ta' tieġ mingħajr inbid!!!!! Qisek illum qed tiċċelebra festa bla nar, bla banda u bla birra!!

Marija tinnota llum ukoll fejn f'ħajti u f'ħajtek tonqos din l-esperjenza ta' dan il-patt li Alla għamel magħna. L-inbid tal-patt huwa fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Ewkaristija dejjem żagħżugħa. Fejn hi l-fedeltà tagħna lejn dan il-misteru kbir – lejn dan il-patt li Kristu rebaħ b'Demmu l-Qaddis.

Meta jonqos l-inbid fl-ikla tat-tieġ, jirriżulta ċertu vojt. Hekk jiġri meta f'ħajjitna tonqos l-Ewkaristija. U llum ninsabu f'soċjetà fejn qed nippreferu l-istat tad-dnub mill-istat li ħajjitna tkun mimlija bl-esperjenza ta' l-Ewkaristija. Qed nippreferu l-laqgħa tagħna mad-dnub milli l-laqgħa tagħna ma' l-Ewkaristija. Sitwazzjoni li Marija qed tinnota u qed terġa' tgħajjat: "Ma għandhomx inbid". Ġesù qed jerġa llum ukoll idur lejha u jgħidilha: "Aħna x'għandna x'naqsmu mara?!" kulma qed tagħmel Marija llum ukoll hu li qed iddur lejna u qed tgħidilna biex nifthu qlubna għas-salvazzjoni u qed tgħidilna: "Agħmlu kulma jgħidilkom Hu". Hekk narawha lil Marija li kull darba li tersaq lejna, issa ġewwa Lourdes u issa ġewwa Fatima jew f'postijiet oħra, dejjem iddur lejna u tindikalna fejn hija l-problema: il-ħażen veru tagħna hu fil-fatt li aħna nabbandunaw lill-Mulej – ma rridux nafu bih: ma għandniex iżjed inbid.

Marija hija ż-żagħżugħa Assunta li trid tmexxina lejn il-post tal-Glorja – lejn il-post tas-suċċess – lejn is-sema pajjiżna. Huwa proprju għalhekk li fil-bidu semmejt lil Marija bħala dik li għadha qed tgħix fit-tranżizzjoni magħna ż-żgħażagħ. Marija trid timxi magħna f'dan il-pellegrinaġġ li għandna lejn is-sema fejn magħha u mgħaxxqa b'Binha Ġesù nkunu nistgħu ngawdu ż-żogħżija dejjiema tagħna – dejjem ġodda f'Alla l-Imbierek.

Hekk hu, Marija llum ninsabu hawn – idejna f'idejna – ma għandniex iżjed inbid. Interċedi għalina int o żagħżugħa tas-sema biex nimtlew bl-inbid veru li Ibnek irid jagħtina. Agħtina li nkunu verament żgħażagħ li jkollna l-ħila nagħmlu kulma jgħidilna Hu.

Amen.

---

# It-tfajjel ta' Santa Marija

Dan kien tfajjel ċkejken
kien jismu Tonin,
li miegħu xejn ħelu
ma kien id-destin.

Imsejken dat-tfajjel,
kien safa iltim,
meta dan biss kellu
sewwa erba' snin.

Kulħadd kien jitħassru
dat-tfajjel miskin;
kemm kellu ibati,
hekk kmieni, Tonin.

Hin twil kien iqatta',
mistrieħ kien isib
Ġol-knisja tar-raħal
li kienet fil-qrib.

Kien jum sbejjaħ sajfi
t'Awissu ix-xahar,
bħas-soltu fil-knisja
Toninu dritt mar.

Kif kien waħdu jaħseb,
xi ħadd ġie qagħad ħdejh
u bil-ħlewwa kollha
mellislu ħaddejh.

Maħsud u imbeżża'
ħares kullimkien,
"Min ġie qagħad hawn ħdejja?
Min seta' dan kien?"

U l-ġmiel illi lemaħ
qatt ma rah b'għajnejh.
Kemm sbejħa dil-mara
Li ġiet qagħdet ħdejh.

"X'għandek, tfajjel ċkejken?
Kemm tidher ħosbien?
Is' għidli ħa nsabbrek,
U nfarrġek ftit, jien".

"Ferħan kif qatt nista',
xi darba nkun jien?
Bla ommi w missieri,
mistrieħ m'għandi mkien".

"L-anqas ma' min nilgħab;
warrabni kulħadd.
Ninsab jiena waħdi,
Jien m'għandi lil ħadd".

"Tridx tiġi tgħix miegħi,
biex inrabbik jien?
Jien għandi ukoll tfajjel,
U tikbru flimkien".

"Jekk niġi ngħix miegħek
imħabbtek turini,
bħal qabel ma mietet
hi kienet tagħtini".

"L-istess dik l-imħabba
ta' ommok u tiegħi.
Is' ejja ġo ħoġri
ħa nieħdok jien miegħi".

"Ġo dari hemm l-hena
u paċi bla tarf.
Qatt iżjed ma tibki;
Dalwaqt se tkun taf'.

"Fejn hi qiegħda darek?
Din qiegħda 'il bogħod?
indumu ma naslu?
ħa mmorru bil-mod".

"Hemm fuq qiegħda dari,
hemm fuq fis-smewwiet
fejn hemm dawk il-kwiekeb
iteptpu fis-skiet".

"Ejja, għażiż tfajjel
u għalaq għajnejk.
Intelaq fi ħdani
ħa nżommlok idejk".

"Le iżjed ma nħalli
jien lilek tistenna.
U llum int, Toninu
tkun miegħi fil-Ġenna".

"Flok waħdi ma nitla',
ser nieħdok jien miegħi
daqs kieku kont inti
l-istess iben tiegħi".

Lejn is-sema taru
dawn it-tnejn flimkien.
Ma' Santa Marija
Mar Toni l-iltim.

**Patrick Mallia**

# 100 Sena... ta' Storja, Mużika u Suċċess kontinwu

## 1905

- Twaqqaf il-Każin Soċjali ***Santa Maria*** li kien jieħu ħsieb jorganizza ż-żewġ festi tar-raħal, jiġifieri dik Titulari ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni, popolarment imsejħa Santa Marija u l-festa tal-Madonna tal-Ġilju. F'din is-sena bdew jiltaqgħu l-ewwel membri fil-lokal numru 2, Triq il-Karmelu, bl-isem *Santa Maria*. Il-President kien is-Sur Pawlu Caruana.


1905

## 1910

- F'laqgħa ġenerali tas-Soċjetà ġie deċiż li l-isem tas-Soċjetà Santa Marija kellu jinbidel għal dak ta' ***Giorgio V***. B'hekk ġiet imwaqqfa b'mod uffiċjali s-Soċjetà bl-ewwel President ikun is-Sur Feliċ Zammit (*tar-Reġina*). L-għanijiet prinċipali tas-Soċjetà kienu li tieħu ħsieb u l-ħtieġa għall-festi esterni ta' Santa Marija, it-Titular tal-Parroċċa; sabiex is-soċi jsibu fejn iqattgħu siegħa flimkien; u biex tiġi mgħallma l-mużika.


1910

## 1912

- Iżżanżan Ostensorju tal-fidda li beda jintuża għall-festa Titulari ta' Santa Marija biss. Dan kien joħroġ tliet darbiet fis-sena jiġifieri fit-Tranżulazzjoni, fil-purċissjoni ta' nhar il-festa, u fl-Ottava tal-festa. Fl-1965 dan l-Ostensorju ġie mogħni b'pedestall tal-fidda mogħti minn Giuseppe Facciol.

## 1920 – 1923

- L-armar tal-festa ħa spinta kbira 'l quddiem. Fl-1923 sar il-Pedestall kbir u artistiku magħruf bħala ta' l-Inkoronazzjoni kif ukoll bħala *l-Kolonna*.


1923

## 1928

- Saru żewġ opri kolossali għall-Istatwa ta' Santa Marija. Il-qabar ġie mibdul għal dak eżistenti tal-fidda u saret bradella l-ġmiel tagħha. Dawn saru bl-għajnuna, bil-ħeġġa u bil-ħerqa tas-Soċjetà.

## 1934

- Is-Soċjetà xtrat il-każin preżenti nhar it-22 ta' Jannar fil-lokal numru 27, Pjazza tal-Knisja. Qabel dan il-post is-Soċjetà kellha s-sede tagħha biswit l-istess bini fin-numru 26.

## 1936

- Il-gvernatur Sir Charles Bonham Carter għamel żjara uffiċċjali ġewwa l-każin Santa Marija, nhar is-16 ta' Ottubru.

## 1939

- Ġużeppi Galea beda jgħallem il-qari tal-mużika lill-ewwel allievi fis-sede tas-Soċjetà King George V. Sfortunatament, iżda, huwa kellu jieqaf ħesrem minn din il-ħidma minħabba li faqqgħet il-gwerra.

## 1939 – 1945

- Il-Każin serva ta' uffiċċju tal-gvern matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

## 1944

- Ġużeppi Galea, b'determinazzjoni akbar, reġa' beda jgħallem il-mużika bl-iskop li jwaqqaf Orkestra. Hu kien megħjun minn Carmelo Schembri, Antonio Mamo, il-Professur Pawlu Carabott, Espedito Deguara u Francesco Azzopardi, kollha surmastrijiet ċelebri u tajbin.
- Is-Soċjetà flimkien ma' diversi każini oħra offrew rigal lill-Gvernatur ta' Malta Lord Gort taħt forma ta' *Sword of honour* bħala sinjal ta' gratitudni u ammirazzjoni għat-tmexxija għaqlija tiegħu.

## 1945

- L-Orkestra Santa Marija tagħmel id-debutt uffiċjali tagħha nhar it-12 ta' Awissu qrib is-sede tas-Soċjetà taħt is-Surmast Espedito Deguara li ħa d-direzzjoni ta' l-Orkestra f'idejh wara s-Surmast Anthony Mamo. L-Orkestra ġiet imwaqqfa mis-Sur Gużeppi Galea u tat it-tieni servizz tagħha proprju ġewwa l-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju ta' l-istess sena permezz ta' mutett. Sa dak inhar ma kienet teżisti ebda soċjetà jew għaqda mużikali oħra ġewwa l-Imqabba.


1945

## 1947

- Is-Soċjetà ddeċidiet li l-Orkestra Santa Marija għandha tiġi trasformata f'Banda. Il-Banda Re Ġorġ V għamlet l-ewwel debutt uffiċjali fl-14 ta' Awissu taħt is-Surmast Giuseppe Maria Barbara.


1948

## 1948

- Żjara ġewwa s-sede tas-Soċjetà mill-Arċisqof ta' Malta Mikiel Gonżi.
- F'laqgħa ġenerali tal-14 ta' Novembru, ġie deċiż li l-każin jitkabbar u jissebbaħ skond il-pjanta tas-Sur Ġużè' D'Amato ta' Raħal Ġdid; arkitett li għamel il-pjanta tal-knisja kolossali ta' l-istess post fejn kien joqgħod.


1950

## 1950

- Il-Papa Piju XII ipproklama solennement id-Domma ta' l-Assunzjoni nhar l-1 ta' Novembru. Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. George Borg Olivier, il-Ministru tal-Ġustizzja Dr. Joseph Cassar u l-Ministru tal-Kummerċ, Dr. Carmelo Caruana.

## 1951

- Tlesta x-xogħol fuq it-tieni sular tal-każin li nbena kollu ġdid. Kien ġie deċiż mis-soċi li l-faċċata għandha tkun bil-kolonni.
- Saret żjara uffiċjali minn Sir Gerald Creasy, Gvernatur ta' Malta, flimkien ma' Lady Creasy nhar it-3 ta' Novembru.
- L-emigranti Mqabbin għoġobhom jirregalaw lill-Banda l-istendard il-Prim tal-Banda. Dak iż-żmien l-istendard, xogħol fir-rakkmu bid-deheb, kien qam madwar £120 u nħadem mis-sorjiet tan-Nazzarenu, taż-Żejtun.


1952

## 1952

- Ittellgħet l-istatwa ta' Santa Marija fuq il-każin. It-tberik ta' l-istatwa sar mill-E.T. Rev. Mons. Emanuel Galea, Vigarju ġenerali. Il-kumitat kien inkariga lil Eugenio Sciberras (ta' Ġanbona) biex jieħu ħsieb l-armar u jtella' l-istatwa.


1953

## 1953

- Ġiet imwaqqfa Kumpanija Teatrali fi ħdan is-Soċjetà bl-isem *Aurora Dramatic Company*.

## 1956

- Il-Banda Re Ġorġ V għaddiet f'idejn is-Surmast George Martin li dam jidderieġi l-Banda sa ma miet fis-sena 1991. Jibqa' mfakkar għall-Innu kapolavur 'Lil Marija Mtellgħa s-Sema' li kkompona fl-1963. Il-versi huma ta' Patri Joseph M. Ghigo SJ li serva bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà sal-2004.

## 1960

- Għeluq il-50 sena mit-Twaqqif tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Ġiet mikxufa lapida għall-okkażjoni ġewwa s-sede tas-Soċjetà


1961

## 1961

- Inxtrat l-art magħrufa Ta' Sapjan mingħand Joseph Zammit sabiex jinbena l-Post tan-Nar attwali.

## 1963

- Il-Kappillan tal-Parroċċa Dun Carm Bianco bierek il-Post tan-Nar nhar il-Ħadd 30 ta' April.

## 1964

- Sar abbelliment tas-sala prinċipali tal-Każin.


1976

## 1966

- Sar restawr fuq il-vara mis-Surmast Samwel Bugeja.

## 1976

- L-Istatwa Titulari, Artistika u Devota ta' Santa Marija ġiet merfugħa waqt il-purċissjoni mill-fratelli tas-Sagrament lebsin il-mozzetta l-ħamra għall-ewwel darba.

## 1981

- Saru festi speċjali f'għeluq il-25 sena tas-Surmast Kavallier George Martin A.Mus., L.C.M., O.S.T.J. bħala Direttur tal-Banda.
- Is-sala ingħatat dehra isbaħ billi ġiet retawrata u indurata bid-deheb. Inxraw ukoll tliet linef kbar li komplew żejnu din is-sala; illum meqjusa bħala ċentru artistiku uniku fir-raħal ta' l-Imqabba, għall-fatt li din hija mimlija kollha pittura ta' l-istess pittur il-Kav. Camilleri Cauchi.

## 1984

- Jiġi ppubblikat għall-ewwel darba fil-forma ta' ktejjeb kif nafuh illum, il-programm annwali tas-Soċjetà għal żmien il-Festa Titulari ta' l-Imqabba.

## 1985

- Ċelebrazzjonijiet sabiex jitfakkru l-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Inkixfet lapida kommemorattiva ta' l-okkażjoni.

## 1986

- Festi solenni li fakkru l-150 sena mill-miġja ta' l-Istatwa Artistika u Devota ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba fl-1836.
- Sar xogħol ta' induratura fuq l-Istatwa Titulari, mis-Sur Horace Farrugia ta' l-Imdina.

## 1988

- Inbniet is-sala ta' ġewwa sabiex isservi għall-kunċerti tal-Banda Re Ġorġ V.

## 1990

- Saret reviżjoni ta' l-Istatut. L-erba' membri li ffurmaw il-Kummissjoni kienu Carmel Psaila, Francis Vella, Nazzareno Sciberras u Mro. Anthony Camilleri.
  Fl-istess sena ġie deċiż li l-isem tas-Soċjetà kellu jinbidel biex ikun jista' jiġbor fih l-istorja kollha tas-Soċjetà sa mit-twaqqif tagħha. Għalhekk l-isem il-ġdid sar **Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.**
- Is-Soċjetà bdiet tirrikonoxxi l-Fergħa tan-Nisa fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija. B'hekk is-Soċjetà tagħna saret waħda minn tal-bidu f'Malta li rrikonoxxiet il-mara fil-ħajja soċjo-kulturali tas-soċjetà.
- Is-Soċjetà rebħet l-ewwel premju flimkien ma' dak ukoll ta' l-oriġinalità fil-kompetizzjonijiet għall-isbaħ tal-każini faċċata mżejna għal żmien il-festi tal-Milied.

## 1991

- Iżżanżnu żewġ armi ġodda fuq il-faċċata tal-każin, xogħol l-iskultur Lawrence Attard. Dawn l-armi jirrappreżentaw żewġ titli mil-Litanija tal-Madonna: 'Santa Maria' u 'Mater Inviolata'.
- Il-Banda Re Ġorġ V għaddiet taħt it-tmexxija tas-Surmast Imqabbi Mro. Anthony Camilleri. Dan dam jokkupa din il-kariga sa Marzu tal-1997.

## 1992

- Fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 anniversarju mill-Konvoj ta' Santa Marija u tal-*George Cross*, saru ċelebrazzjonijiet speċjali.
- Żjara mill-Piloti tar-*Red Arrows* għall-Festa ad unur Santa Marija.
- Delegazzjoni mis-Soċjetà kellha laqgħa ma' l-E.T. ir-Reġina Eliżabetta II. Dan għal fatt li s-Soċjetà tagħna permezz tal-Banda Re Ġorġ V flimkien ma' xi baned oħra, għandha rabta speċjali mal-familja Rjali. Ħaġa


1992

impressjonanti ferm kienet li r-Reġina qalgħet idha biex tmiss ir-rakkmu sabiħ ta' l-istendard il-prim tal-Banda.


1992

- Sar il-kxif u t-tberik tal-Pedestall ta' Santa Marija ta' fuq il-każin. Wara sar il-kxif tal-pittura tal-Konvoj ta' Santa Marija mill-E.T. President ta' Malta Dr Ċensu Tabone u tbierket mill-Vigarju ġenerali Emeritus Mons. Carmelo Xuereb. Din il-pittura tinsab fis-sala prinċipali tal-każin u hija xogħol il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi.
- Beda x-xogħol tal-bini ta' l-imħażen, kif ukoll tas-sala li tinsab fuq l-imħażen.

## 1993

- L-attivitajiet filantropiċi qatt ma naqsu milli jiġu organizzati mis-Soċjetà. Għal din is-sena kellna grupp ta' tfal minn Chernobyl fir-Russja u għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm ospitajna lill-ommijiet u uliedhom mill-Bosnja li jinsabu refuġjati fil-gżejjer tagħna.
- Is-Soċjetà terġa' tirbaħ l-ewwel premju għar-raba' sena konsekuttiva fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied fil-kompetizzjoni tat-tiżjin tal-faċċata tal-każini.
- Ġiet organizzata b'suċċess l-ewwel Lejla Maltija li qatt ġiet organizzata fir-raħal tagħna fejn spikka t-talent Malti, speċjalment dak lokali. Din l-attività għadha tiġi organizzata ta' kull sena.
- Inbniet ħolqa ġdida fil-katina tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Sar it-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija; pedina importanti sabiex iżżomm il-każin ħaj matul is-sena kollha bl-attivitajiet varji li jiġu organizzati.


1993

## 1995

- Żjara mill-E.T. President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici.

## 1996




- Is-Soċjetà dejjem ħasbet sabiex timxi maż-żminijiet. Saret waħda mill-ewwel Każini tal-Baned fil-gżejjer Maltin li adottat is-sit elettroniku tagħha fix-xibka wiesgħa ta' kommunikazzjoni permezz ta' l-internet – **www.santamarija.com**. Dan is-servizz għen ħafna sabiex is-Soċjetà tagħna tesplora orizzonti ġodda f'pajjiżi

internazzjonali u kabbarna r-relazzjonijiet ma' diversi baned barra minn xtutna.
- Sar arkivju ġdid ġewwa s-sala tal-Banda sabiex jiġbor fih il-Mużika kollha tal-Banda Re Ġorġ V.
- Saret attività filantropika kbira ġewwa l-Każin tas-Soċjetà. Grupp kbir ta' partitarji ngħaqdu sabiex jagħtu d-demm. Is-Soċjetà ġiet irregalata bi plakka kommemorattiva bħala l-Għaqda bl-akbar numru ta' donaturi tad-demm.
- Reġa' kellna fostna għat-tieni darba l-Piloti tar-*Red Arrows*.
- F'din is-sena ukoll saret proposta sabiex is-Soċjetà jkollha l-qabar tagħha ukoll ġewwa ċ-ċimiterju parrokkjali. Proposta li ntlaqgħet mis-soċi.
- Ingħata bidu għall-ewwel parti tal-ġemellaġġ storiku li s-Soċjetà tagħna permezz tal-Banda Re Ġorġ V għamlet ma' dik Taljana ta' Santa Vittoria in Matenano ta' Ascoli Piceno.

## 1997

- Is-Sinjura Carmen Lia B. Ed. (Hons.),B.A. ippubblikat il-ktieb tas-Soċjetà 'Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba'. F'dan il-ktieb insibu l-istorja kollha tas-Soċjetà sa mit-twaqqif tagħha.




- Ġie mtella' kunċert sinfoniku ġewwa s-sala ta' l-Università, tal-Qroqq bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 sena minn meta l-Orkestra Santa Marija ġiet trasformata f'Banda.
- Mro. David Agius, is-Surmast attwali, ġie maħtur bħala Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V.
- Kien imiss it-tieni part tal-ġemellaġġ storiku fejn din id-darba lqajna fostna għall-ewwel darba f'rahalna, banda barranija, dik ta' *Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano,* bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet għal din is-sena.
- Għall-ewwel darba f'Malta, in-nar ta' l-ajru ta' Lejlet il-Festa kien sinkronizzat mal-mużika u kif jaf kulħadd kien spettaklu uniku f'Malta. Dan l-avveniment issa sar sinonimu mal-Għaqda tan-Nar Santa Marija li kompliet tkabbar isimha bħala l-pijuniera f'dan il-qasam.




## 1998

- Il-Banda Jugend Blasorchester tal-Ġermanja kienet waħda mill-baned mistiedna matul il-Festa.
- L-Imqabba tagħlaq 400 sena parroċċa taħt il-Patroċinju ta' Santa Marija.
- Nhar it-13 ta' Novembru, ġewwa Ferrara l-Italja, is-Soċjetà tagħna ġiet irregalata l-Unur 'Les Etoiles d'Or du Jumellage', wara l-ġemellaġġ storiku mal-Banda Taljana bejn l-1996 u l-1997. Unur uniku u prestiġġjuż mogħti mill-Unjoni Ewropea li jinsab miżmum b'għożża kbira fis-sede tas-Soċjetà.




- Kxif tal-pittura maestuża li tirrappreżenta 'Il-Madonna fil-Glorja'. Xogħol l-istess pittur Għawdxi, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi.
- Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V xtrat il-proprjetà biswit l-istess sede tas-Soċjetà sabiex inkomplu nkabbru u nsebbħu l-każin tagħna.

## 1999

- Tinxtara l-proprjetà biswit il-Każin sabiex inkunu nistgħu inkabbru u nsebbħu dejjem aktar is-sede tas-Soċjetà.

## 2000

- Ċelebrazzjonijiet kbar ġew organizzati fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tad-Domma ta' l-Assunzjoni kif ukoll l-400 sena Fratellanza tas-Sagrament. Kienet reġgħet ħarġet proċessjonalment l-Istatwa Titulari ta' Santa Marija billi sar pellegrinaġġ *aux flambeuax* kif ukoll sar kunċert akkademiku ġewwa l-Knisja parrokkjali ta' l-Imqabba bħala parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Din kienet it-tieni darba li l-Banda daqqet ġewwa l-knisja parrokkjali wara dik tal-1945 fil-festi tal-Madonna tar-Rużarju.
- Delegazzjoni mill-Kumitat Ċentrali ħadet sehem fil-korteo li sar il-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-festi tal-Millennju.
- Kxif ta' erba' pitturi fis-sala prinċipali tal-Każin, xogħol il-Kavallier Camilleri Cauchi. B'hekk is-sala saret ċentru artistiku uniku f'rahalna. Dawn il-pitturi li mlew is-sala kollha b'xogħol ta' l-istess artist, jirrappreżentaw 'il-Mużika', 'il-Letteratura', 'il-Pittura' u 'l-Iskultura'.
- Is-Soċjetà kompliet tkabbar ir-relazzjonijiet barranin billi kellna fostna l-Banda Filarmonika ta' Larissa mill-Greċja u l-Banda Kiryat mill-Iżrael bħala parti mill-festi ta' l-Assunta.




## 2001

- Ġiet imfakkra l-165 sena mill-miġja ta' l-Istatwa Titulari ġewwa l-parroċċa tagħna.
- Ħarġet ukoll l-ewwel *Cd* ta' marċi brijużi mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija – *Ċelebrità*.



## 2002

- Fl-10 ta' Novembru kellna fosta Kor minn Iżrael, Alei Gefen, li tella' kunċert vokali ġewwa s-sala prinċipali tal-Każin. B'hekk komplejna kabbarna r-relazzjonijiet diversi li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għandha ma' Surmastrijiet, Kompożituri kif ukoll baned barranin. Hawnhekk ma nistgħux ma nirringrazzjawx pubblikament lis-Sur Alfred Galea, bandist attiv fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V li huwa ukoll l-uffiċjal għar-Relazzjonijiet Internazzjonali tas-Soċjetà.
- Iżżanżnet imrewħa kbira bil-pittura tal-Madonna sabiex tintuża waqt il-briju tal-marċi. Xogħol is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

## 2003

- Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet mal-MEPA. sabiex joħorġu l-permessi neċessarji ħalli jkun jista' jinbeda x-xogħol fil-proprjetà l-ġdida tas-Soċjetà. Id-disinn tal-pjanti saru mis-Sur Omar Caruana, u d-disinn tal-faċċata sar mid-disinjatur is-Sur Vince Centorino taħt is-superviżjoni tal-Perit Dr. Edwin Mintoff.
- Wara l-mewt ta' Patri Joseph Ghigo SJ fix-xahar ta' Lulju, li serva bħala Direttur Spiritwali, is-Soċjetà għażlet lil Fr Joseph Zahra O.P. bħala d-Direttur Spiritwali ġdid tas-Soċjetà.


2003

- Għall-ewwel darba fl-Imqabba ħadu sehem abbatini bniet tul il-purċissjoni ta' Santa Marija.
- L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ħadet sehem fl-Ewwel Festival ta' Malta tan-Nar li ġie organizzat mill-Awtorità ta' Malta tat-Turiżmu ġewwa l-Port il-Kbir. Din l-Għaqda li tant hija sinonima mal-logħob tan-nar għadha tieħu sehem f'dan il-Festival ta' kull sena.


2003

## 2004


2004

- Żjara mill-E.T. President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba.
- Il-Banda Re Ġorġ V hadet sehem f'marċ matul it-toroq prinċipali tar-raħal bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Imqabba organizzati mill-Kunsill Lokali.
- Wara li fl-2002 iżżanżnet l-imrewħa unika ġo raħalna, kien imiss li tiżżanżan Bandalora kbira bil-pittura tal-Madonna Mtellgħa s-Sema, sabiex inkomplu nkabbru l-briju tal-Festa.
- Ġie armat il-planċier li ser jilqa' lill-Banda Re Ġorġ V matul il-ġranet tal-Festa quddiem il-Każin tas-Soċjetà. Ix-xogħol fuq dan il-proġett jinsab fi stadju avvanzat ħafna u mistenni li jiġi inawgurat uffiċjalment fil-futur qarib.


2004

- Ġie organizzat b'suċċess l-ewwel *Mqabba Song Festival* ġewwa raħalna.

## 2005

- Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tagħlaq 100 sena sa mill-ewwel formazzjoni tagħha fl-1905, qabel ma sar it-twaqqif uffiċjali ħames snin wara, kif ukoll tagħlaq 60 sena bħala Għaqda Mużikali; l-ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa l-Imqabba. L-Orkestra Santa Marija għamlet id-debutt tagħha nhar it-12 ta' Awissu 1945 bit-tieni servizz tagħha jkun programm strumentali ġewwa l-Knisja parrokkjali ta' l-Imqabba bħala parti mill-festi ad unur Ommna tas-Sema taħt it-titolu minn tar-Rużarju. Bħala parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tellgħet kunċert fis-Sala Robert Samut, il-Furjana kif ukoll ser ikollna Banda oħra barranija din id-darba *Bedford Town Band* mill-Ingilterra proprju matul il-ġimgħa tal-Festa ad unur Santa Marija Mtellgħa s-Sema.
- Skambju kulturali bejn is-Sezzjoni Żgħażagħ u dak ta' Cirò fl-Italja.
- L-aħħar attività għal din is-sena ikun Kunċert Sinfoniku li l-Banda Re Ġorġ V ser ittella' ġewwa t-Teatru Manwel, il-Belt Valletta għall-festa ta' Santa Ċeċilja, nhar il-15 ta' Novembru 2005.


**Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba**

***issa miġbura fi ktieb ta' Carmen Lia***

**Ktieb utli għall-istudenti ta' l-Istorja • Rigal uniku għal qrabatna Emigranti**

**Jista' jinxtara mill-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**

# 60 sena mid-debutt ta' l-Orkestra Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija

**Kitba ta' Carmen Lia B.Ed. (Hons), B.A.**

Is-sena 2005 tahbat ukoll is-60 sena tat-twaqqif ta' l-Orkestra fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija għaliex fl-1945 il-Każin Soċjali sar Ċirkolu Mużikali.

Kif spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija u feġġet ir-rebħa, Malta ferħet iżda l-Imqabba ferħet doppjamanet għax bis-saħħa ta' Ġużeppi Galea ta' Nożżi twaqqfet l-Orkestra Santa Marija. Ġużeppi Galea kien tgħallem il-mużika għand Ferdinando Falzon magħruf bħala Dandu li kien miż-Żurrieq. Fi ftit żmien Ġużeppi Galea sar mużiċist prim u ngħata ukoll il-kariga ta' Organista tal-Knisja. Huwa beda jgħallem il-qari tal-mużika lill-ewwel allievi fis-sede tas-Soċjetà *King George V*. Sfortunatament iżda, huwa kellu jieqaf ħesrem minn din il-ħidma minħabba li faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-1943 meta l-qilla tal-gwerra naqset xi ftit, ħsieb il-partitarji ta' Santa Marija kien li jerġgħu jibdew jiċċelebraw il-festa. Malli feġġ dan ix-xaqq ta' tama u reġa' beda jisbaħ, l-istess Ġużeppi Galea, b'aktar determinazzjoni minn qatt qabel, reġa' qabad jgħallem il-mużika bl-iskop li jwaqqaf orkestra. It-tagħlim beda għall-ħabta ta' l-1944.

Dan jikkonfermah Robert Mifsud Bonnici fejn fil-ktieb tiegħu dwar il-Baned Maltin jikteb illi fl-1944 meta l-Gwerra naqset mill-qilla tas-snin ta' qabel, twaqqfet daqsxejn ta' Orkestra mis-sinjuri mużiċisti Charles Schembri, Antonio Mamo, Mro. Espedito Deguara u l-Professur Pawlu Carabott.

Fil-*Berqa* tal-Gimgħa 16 ta' Frar 1945, f'paġna 4, insibu ritratt ta' l-Orkestra. Taħt ir-ritratt kien hemm miktub hekk:-"L-Arti tal-Mużika f'Raħal Imbiegħed. Orkestra, li tgħaqqdet bilkemm tmien xhur ilu taħt it-tmexxija tas-Sur Anthony Mamo L.R.C.M., megħjun mis-Sur Joseph Galea, il-President, fil-King George V Club, Mqabba, hi lesta biex tidher fil-pubbliku".

Ritratt ta' l-Orkestra Santa Marija bil-mużiċisti kollha mal-fundatur ta' l-Orkestra Ġużeppi Galea u mas-Surmast Anthony Mamo ttieħed fl-1945. Din l-Orkestra kellha dsatax-il mużiċist li kienu:-

Joseph Farrugia (vjolin), Joseph Zammit (vjolin), Innocent Farrugia (kuntrabaxx), Nicholas Galea (vjolin), John Camilleri (perkussjoni), Innocent Camilleri (vjolin), George Agius (akkordjon), Joseph Galea (vjolonċell) - Fundatur, Philip Psaila (trumbun), John Borg (klarinett), Nazzareno Galea (flawt), Joseph Zammit (Baxx Eb), John Camilleri (klarinett), Joseph Borg (vjola), Michael Camilleri (vjolin), Emanuel Farrugia (kurunetta), Carmelo Zammit (akkordjan), Saviour Ellul (vjolin), Emanuel Psaila (vjolin), Profs. Anthony Mamo L.R..M. (Surmast/Direttur).

Ir-ritratt ittieħed fuq il-bejt tal-Każin li dak iż-żmien kien għadu sular wieħed sewwa sew fejn illum insibu s-sala prinċipali. Peress li l-Każin għandu isem ta' renjant Ingliż, intuża l-Union Jack biex jgħatti d-dehra ċassa ta' ħajt qadim – l-istess ħajt fejn illum insbu l-pittura sabiħa tal-Konvoy maħduma minn Paul Camilleri Cauchi! Il-fotografu kien l-Imqabbi Michael Ellul (iz-Zakak) magħruf għar-ritratti sbieħ li kien jieħu.

Meta s-Surmast Espedito Deguara ħa d-direzzjoni ta' l-Orkestra Santa Marija f'idejh, kien ġie mogħti l-inkarigu mill-Kumitat tal-Każin tas-Soċjetà biex jipprepara programm orkestrali għall-festa ta' Santa Marija ta' l-1945. Din l-Orkestra għamlet il-programm inawgurali tagħha fit-Tieni Tridu tal-festa ta' Santa Marija nhar il-Ħadd 12 ta' Awissu 1945. F'dan il-jum "tant mistenni" mill-mużiċisti Mqabbin, l-Orkestra Santa Marija daqqet għall-ewwel darba programm sinfoniku ġewwa l-Imqabba. Dan sar fil-għaxija wara l-funzjonijiet tal-knisja u kien taħt id-direżżjoni ta' Mro. Espedito Deguara. Inżamm fuq palk imħejji apposta f'Misraħ il-Knisja qrib il-Każin tas-Soċjetà. Il-mużiċist Joseph Farrugia li kien idoqq strument tal-korda jiftakar li dak in-nhar daqqew mużika ta' kompożituri varji fosthom Von Suppe' u Ketelby.

Min jiftakar din il-ġrajja jaf x'sodisfazzjon kbir irrenja f'dik il-lejla memorabbli; dak in-



*L-Orkestra Santa Marija mwaqqfa minn Ġużeppi Galea. Ritratt meħud fl-1945 bis-Surmast Anthony Mamo LRCM. Ir-ritratt ittieħed mill-fotografu Mqabbi Mikiel Ellul bħala promozzjoni għall-orkestra fuq l-inizjattiva tal-President Giuseppe Buhagiar.*

nhar l-Imqabba ma semgħetx aktar it-twerdin tal-*fighters* u l-*bombers* jew is-sireni ta' l-għajb tal-gwerra iżda mużika ħelwa ħierġa mill-abbiltà mużikali ta' uliedha stess.

Il-ġurnal *Il-Berqa* kien ta prominenza lil dan l-ewwel debutt uffiċjali ta' l-orkestra:-

"Il-Ħadd, 12 ta' Awissu l-orkestra "Santa Marija" ta' l-Imqabba tagħmel għall-ewwel darba Kunċert Sinfoniku taħt id-direzzjoni tas-Surmast Espedito Deguara fil-Misraħ tal-Knisja".

Referenza għal dan l-ewwel programm insibuha ukoll fil-ktieb ta' Robert Mifsud Bonnici:-

"L-ewwel programm dirett minn Mro. Deguara twettaq fir-raħal fit-12 ta' Awissu 1945. Barra mill-mużika profana, l-Orkestra ndaħlet ukoll għall-mużika sagra u b'għoġba tar-Reverendu Kappillan għamlet xi servizzi sagri fil-Knisja bħalma kienu l-orkestri taż-Żurrieq fl-1805 u fl-1865".



*Ġużeppi Galea (ta' Nozzi), il-fundatur ta' l-Orkestra Santa Marija.*

Wara li għadda ftit taż-żmien, sewwasew fit-8 ta' Novembru 1945, is-Segretarju tas-Soċjetà kien bagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija, Kwartieri tal-Pulizija, il-Ħamrun, fejn kien infurmah li kienet għada kemm twaqqfet orkestra fl-Imqabba:

*Sir I have the honour to inform you that a new Orchestra under the name of "St. Mary", and which forms part of this Society, has recently been formed up.*

*I wish to take this opportunity to submit it for the necessary registration".*

Din l-Orkestra Santa Marija kienet bdiet tieħu sehem f'servizzi barra mir-raħal. Peress li Mro. Deguara kien Direttur ta' l-Orkestri Santa Katerina taż-Żejtun u taż-Żurrieq, f'kull programm kien idaħħal element mill-Orkestra Santa Marija ta' l-Imqabba. L-Orkestra Santa Marija daqqet ukoll fil-21 ta' Jannar 1946 fir-riċeviment mogħti minn Dun Salv Gauci wara li ħa l-pussess bħala Arċipriet taż-Żurrieq nhar l-20 ta' Jannar 1946. Daqqet ukoll meta kienet inawgurata l-pittura tal-koppla tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun. Ġieli ħadet sehem f'okkażjonijiet oħra peress li kienet iddoqq sew mużika sagra kif ukoll profana. Meta l-fundatur ta' l-Orkestra Ġużeppi Galea żżewweġ lil Giovanna nee' Farrugia nhar il-Ħadd 28 ta' April 1946, sezzjoni mill-orkestra daqqet mużika ballabbli f'Palazzo Armeria ġewwa ż-Żurrieq. Il-*leader* Joseph Farrugia bħala prim vjolin jirrakkonta li l-Orkestra tat gost kbir lill-mistednin u kien ir-rigal xieraq li l-mużiċisti setgħu jagħtu lill-għalliem tant għażiż tagħhom. Sentejn wara fl-1947, din l-Orkestra, Mro. Giuseppe M. Barbara, bidilha f'Banda.

Ġara li f'dawk iż-żminijiet f'Malta kienu bdew jitwaqqfu l-baned f'ħafna rħula, u l-Imqabba ma kinitx eċċezzjoni. Bdiet tintgħoġob aktar l-idea li ddoqq u timxi milli tibqa' f'post wieħed kif tagħmel orkestra. Kien hemm ukoll influwenza qawwija mill-baned militari Ingliżi u dan kollu wassal biex anke l-Orkestra Santa Marija kienet trasformata f'banda minn Mro. Giuseppe Maria Barbara.

Id-deċiżjoni storika li l-Orkestra tkun trasformata f'Banda taħt is-Surmast Giuseppe Maria Barbara ttieħdet fi żmien il-President Ġanni Ghigo, fis-Seduta Ġenerali numru V111 tal-20 ta' Ottubru tal-1946, li bħala Aġenda kellha tiddiskuti "Jekk tibqax l-Orkestra u jekk issirx Banda u ħwejjeg oħra". Il-President tas-Soċjetà kien fetaħ is-Seduta u wara li spjega kemm l-Orkestra kienet ta' sodisfazzjon għas-Soċjetà, semma d-diffikulatjiet kollha biex tkun armata banda.

Għad-diskussjoni kien hemm il-mozzjoni ta' Filippu Psaila ssekondata minn Giovanni Camilleri dwar jekk l-Orkestra ssirx Banda u wara diskussjoni twila giet għall-Voti:- "Favur 44. Kontra 4 u Astjena 1". Innoċenzo Farrugia kien ippropona li tinżamm ukoll l-Orkestra u kien issekondat minn Michele Camilleri. Din il-mozzjoni, iżda, kienet b'maġġoranza rriġettata. Għalhekk, il-Banda l-Ġdida u ċ-Ċirkolu ħadu l-isem ta' *King George V* bla xejn korrispondenzi, permessi u approvazzjoni uffiċjali".



*Silta mill-ktieb ta' Robert Mifsud Bonnici li nkiteb fl-1956 – 'Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex' fejn juri li fl-1945 twaqqfet l-Orkestra Santa Marija u li sa dakinhar ma kienet teżisti ebda Għaqda Mużikali oħra fl-Imqabba.*

# Il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija ta' l-Imqabba

## *Imżejna bl-isbaħ armar... fl-okkażjoni tal-festa ewlenija tar-raħal*



*Il-lampier ta' l-Assunta*

Wara s-suċċess bl-artiklu qasir dwar il-ventartali li jżejjnu l-knisja parrokkjali tagħna fil-ġranet tas-solennità prinċipali tar-raħal, dis-sena ħsibna li nkomplu din is-sensiela billi nagħtu daqqa t'għajn mill-qrib lejn armar ieħor li narawh armat komplut fil-festa tal-padruna tar-raħal **biss**.

Dis-sena jmiss li nħarsu lejn il-lampier il-kbir u s-sett tal-lampieri ta' l-artali ta' madwar l-artal maġġur. Qed nirreferu għas-***sett*** għax il-lampieri ta' l-artali tal-Madonna tar-Rużarju u ta' l-Immakulata narawhom armati drabi oħra matul is-sena, imma s-sett sħiħ narawh biss fil-festa ta' l-Assunta.

Il-lampier il-kbir huwa fost l-akbar teżori fil-fidda li għandha l-knisja tagħna. Huwa l-akbar lampier li jintrama' fil-knisja fil-ġranet tal-festi.

F'Santa Marija narawh armat komplut bil-loppa b'kollox, għax fil-festi sekondarji jintrama' mingħajr il-loppa ta' l-injam indurat u l-bellus. Kien inħadem fil-fidda fl-1789 u tħallas minn Maria Farrugia, benefattriċi kbira tal-knisja tagħna. Għandu għamla ta' ballun u fih tliet partijiet, kull waħda b'kuruna tal-fidda fuqha.

Parti minnhom fiha s-simbolu ta' l-Ewkaristija li turi li dan postu quddiem it-tabernaklu, parti oħra fiha l-emblema tal-Madonna li tfakkar il-patroċinju ta' Marija fuq l-Imqabba filwaqt li l-parti l-oħra fiha skrizzjoni bil-Latin minquxa fil-fidda li tfakkar il-benefattriċi u l-annu meta sar.



*Il-lampier il-kbir*



*Il-lampier il-kbir*



*Il-lampier il-kbir*

# Lampieri fil-Knisja Parrokkjali

Interesssanti l-fatt li fil-ktajjen ta' dal-lampier insibu l-arma tal-martri – din tista' tkun referenza għall-qima lejn San Innoċenzju Martri, il-patrun sekondarju ta' l-Imqabba, li l-fdalijiet tiegħu jinsabu taħt l-artal titulari. Minn fost il-lampieri li nsibu fil-knisja tagħna dan huwa l-aktar wieħed li fih xogħol ta' fidda mmartellata.

B'xorti tajba l-ħames lampieri l-oħra nħadmu fuq l-istess stil, b'hekk meta f'Santa Marija jkunu armati kollha joħolqu armonija sabiħa li tkun nieqsa meta jintrama wieħed minnhom biss bħalma jiġri fil-festi tal-Madonna tar-Rużarju, tal-Madonna tal-Ġilju u ta' l-Immakulata. Kull wieħed għandu forma ta' ballun – b'hekk sa ċertu punt jaqblu mal-lampier il-kbir – u fihom tliet armi kull wieħed. Huma ukoll kollha tal-fidda bi tliet irjus ta' anġli ħerġin minn fejn jibdew il-ktajjen li magħhom kull lampier huwa mdendel. Il-ktajjen huma magħmulin minn ħoloq u boċċi tal-fidda.

Il-lampier ta' l-artal tar-Rużarju fih in-*nome di Maria*, emblema tar-Rużarju u l-kitba *Angelus Borg donavit* flimkien ma' l-arma ta' Borg. Bħalma tgħid l-iskrizzjoni, il-benefattur ta' dal-lampier kien Anġlu Borg.

Dak ta' l-artal ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna fih in-*nome di Maria*, l-arma ta' San Ġużepp (għax fil-pittura jidher San Ġużepp, fil-fatt dan l-artal huwa magħruf komunement bħala "ta' San Ġużepp") u l-arma tal-kunjom tal-benefattur li għamlu.

L-artal ta' l-Agunija jippreżentalna l-uniku lampier li ma fihx in-*nome di Maria*! L-armi li nsibu fih huma salib b'lanza u sponża miegħu, oħra li turi tliet imsiemer u l-oħra l-arma ta' Grech bil-kitba *Antonius Grech donavit*.

Il-lampier ta' l-artal ewlieni tal-knisja tagħna, dak ta' l-Assunzjoni, huwa ftit differenti mill-oħrajn, dan għaliex l-armi tiegħu huma ftit ikbar minn dawk li nsibu fil-lampieri quddiem l-artali sekondarji. L-armi juru n-*nome di Maria* imdawwar bl-istilel u bil-qamar – simbolu ta' Marija mtellgħa s-sema rebbieħa fuq iż-żmien u l-arma ta' Camillieri b'ġemel b'żewġ stilel fuqu. L-arma l-oħra hija l-arma ta' l-Imqabba!

Dan huwa bix-xieraq għax dal-lampier jintrama quddiem il-pittura tal-padruna, li minnha ħadet l-isem il-knisja u l-parroċċa tagħna!



Il-lampier ta' l-Agunija



Il-lampier ta' l-Inkurunazzjoni



Il-lampier tar-Rużarju



Il-lampier il-prim tal-fidda

# 60 Sena Soċjetà Mużikali
## (1945 – 2005)

### Presidenti tas-Soċjetà

**Każin Soċjali Santa Marija**

| | |
|---|---|
| Paolo Caruana | 1905 – 1910 |

**Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**

| | |
|---|---|
| Feliċ Zammit | 1910 - 1920 |
| Angelo Ghigo | 1920 - 1925 |
| Giuseppe Bugeja | 1925 - 1946 |
| Giovanni Ghigo | 1946 - 1947 |
| Giuseppe Bugeja | 1947 - 1949 |
| Giovanni Ghigo | 1949 - 1955 |
| Leonard Spiteri | 1955 - 1956 |
| Charles Sciberras | 1956 - 1962 |
| George Busuttil | 1962 - 1966 |
| Joseph Farrugia | 1966 - 1969 |
| Louis Galea | 1969 - 1973 |
| Charles Sciberras | 1973 – 1975 |
| Joseph Ghigo | 1975 - 1977 |
| George Busuttil | 1977 – 1983 |
| Leonard Farrugia | 1983 - 1984 |
| Joseph Sciberras | 1984 - 1985 |
| Joseph Farrugia | 1985 - 1990 |
| Carmel Zahra | 1990 – |

### L-Orkestra 'Santa Marja'

**Fundatur**
Giuseppe Galea

**Surmastrijiet / Diretturi**
Mro. Charles Schembri L.R.C.M.
Prof. Antonio Mamo L.R.C.M.
Prof. Paolo Carabott L.R.S.M., L.L.C.M.
Mro. Espedito Deguara A.L.C.M.
Mro. Francesco Azzopardi U.S.S.M.

**Surmastrijiet / Diretturi tal-Banda Re Ġorġ V**

| | |
|---|---|
| Mro. Giuseppe Maria Barbara A. (Mus.) L.C.M. | 1947 - 1950 |
| Mro. Leonard Spiteri F.L.C.M. | 1951 - 1956 |
| Mro. George Martin A. (Mus.) L.C.M., S.M.O.S.J. | 1956 - 1991 |
| Mro. Anthony Camilleri L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M. | 1991 - 1997 |
| Mro. David Agius A. (Mus.) L.C.M., A. (Mus.) V.C.M. (Hons.) A.L.C.M. | 1997 - |

## *100 Sena mit-Twaqqif tal-Każin Soċjali Santa Marija*

# Il-100 anniversarju mill-formazzjoni tal-Każin Soċjali Santa Marija

**Kitba ta' Carmen Lia B.Ed. (Hons), B.A.**

Fis-seklu dsatax u mad-dħul tas-seklu għoxrin kienu trawmu diversi każini fl-Imqabba iżda kollha kellhom ħajja qasira.

Il-bidu tas-Soċjetà Re Ġorġ V jew kif kienet magħrufa dak iż-żmien *Giorgio V* tmur lura żgur għas-sena 1896 meta nafu li kien jeżisti Każin Soċjali bl-isem ta' *Vittoria*. Il-President Onorarju tiegħu kien l-Imqabbi Dun Alfons Caruana.

Fl-1897 twaqqaf il-Każin *San Ġużepp* li kien jinsab fil-Pjazza tal-Knisja, f'lokal li n-numru tiegħu mhux magħruf u bl-ewwel President tiegħu s-sur Pawlu Caruana, ta' l-*Ave Maria*. Għall-ħabta tal-1905 insibu l-każin soċjali *Santa Maria*. Dan il-każin kien fil-lokal numru 2, Triq il-Karmelu, u hemm kienu bdew jiltaqgħu l-ewwel membri tal-Każin Soċjali Santa Marija. Dawn ħatru bħala President lill-istess Pawlu Caruana u bħala President Onorarju lill-Avukat Philip Pullicino mill-Imdina.



*Il-post fin-numru 2 Triq il-Karmelu, fejn bdew jiltaqgħu l-ewwel membri tal-Każin Soċjali Santa Marija.*

Il-każin *Santa Marija* kien l-uniku każin fir-raħal u kien jieħu ħsieb iż-żewġ festi tar-raħal ta' l-Imqabba. Dawn iż-żewġ festi li kienu jsiru bl-akbar pompa u kif jixraq, kellhom mhux id-devoti biss imma anki l-partitarji tagħhom. Sal-1910 qatt ma nsibu li kienu jeżistu żewġ każini fir-raħal. Jidher, iżda, li fis-sena 1910 jew forsi ukoll qabel din id-data, seta' nqala' xi nkwiet bejn is-soċi tal-Każin *Santa Marija*, aktarx fuq in-nar u t-tiżjin li kien qiegħed isir. Fis-sena 1910 saret seduta ġenerali fil-każin *Santa Maria* fejn kien ġie deċiż li sabiex jibqa' mfakkar il-bidu tar-renju tar-Re Ġorġ V, l-isem kellu jinbidel minn Każin Soċjali *Santa Maria* għal dak ta' *Giorgio V*.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, jiġifieri fl-1901, ir-Re Dwardu VII wara li kien wiret it-tron Ingliż mingħand ommu r-Reġina Vittorja, miet fis-sena 1910 u fis-6 ta' Mejju 1910 issuċċedieh ibnu Ġorġ li mbagħad kien inkurunat bħala Re f'Westminster Abbey fit-22 ta' Ġunju ta' l-1911. Biex jibqa' mfakkar dan l-avveniment storiku ta' l-Inkuronazzjoni tar-Re Ġorġ V f'Malta kienu saru festi kbar u kien waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li lil dan il-persunaġġ irjali "l-ewwel soċi tagħna xtaqu li jibqa' mfakkar billi ddedikawlu isem is-Soċjetà".

Fl-1910 bħala l-ewwel President taċ-Ċirkolu *Giorgio V* laħaq l-Imqabbi Feliċ Zammit *tar-Reġina*. Dak iż-żmien il-presidenti tal-każini kienu jkunu nies ta' kultura u magħżula minn fost l-aqwa nies tar-raħal. Feliċ Zammit kien jiġi iben il-benestant Nikola *in-Naxxari* u Theresa nee' Sapiano li kienet bint l-arluġġar Mikelanġ Sapiano.

Il-parti l-kbira ta' l-imseħbin tal-Każin kienu nies tax-xogħol. Fl-ewwel Kumitat tal-Każin maħtur fl-1910 insibu tmien membri; Ġanni Busuttil (ta' Soldi), Joseph Zammit (ta' Ġanbona magħruf ukoll ta' Kekina), Salvu Caruana (tas-Surġent), Michael Mifsud (ta' Ganinu), Spiru Schembri (ta' Barbra), Salvu Balzan (ta' Damjana), Ġanni Zammit (ta' Brajnek) u Kalċi Camilleri (ta' Kalċ).

L-ewwel referenza dokumentata fejn jissemma ċ-Ċirkolu *Giorgio V* dehret fil-ġurnal *Malta Tagħna* tas-Sibt 24 ta' Awissu 1912 f'paġna 5 fejn ingħad li l-festa ta' Santa Marija li kienet għadha kemm għaddiet kienet splendidissima u li kienet saret mill-Kumitat u mis-soċi taċ-Ċirkolu *Giorgio V* ta' dan ir-raħal kif ukoll minn xi ħbieb tagħhom permezz ta' l-impenn kbir taż-żagħżugħ Giovanni Zammit, Kaxxier ta' l-imsemmi Ċirkolu u li f'idejh kienet afdata dina l-festa.



*IL-każin preżenti li nxtara nhar it-22 ta' Jannar 1934. B'hekk is-Soċjetà żgurat il-futur tagħha.*

# Programm Festi Esterni

## Il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju

### TĦEJJIJA GĦALL-FESTA

**8.00pm** Il-Festa ta' din is-sena tibda permezz ta' Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

## Is-Sibt, 30 ta' Lulju

### BIDU TAL-KWINDIĊINA

**6.30pm** Quddiesa Kantata li fiha jsiru l-preżentazzjoni u t-tberik tat-trabi u tat-tfal lill-Madonna. Iqaddes u jmexxi l-funzjoni l-Wisq Rev. Dun Nazzaren Caruana, Kappillan. Il-Funzjoni tagħlaq billi l-ġenituri jpoġġu l-fjuri u x-xema' li jkun ġabu magħhom quddiem l-Istatwa tal-Madonna. Tingħata Santa – tifkira lill-ġenituri tat-tfal li jkunu ħadu sehem fil-funzjoni.

**8.00pm** Mixgħela tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

### MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## It-Tlieta, 9 ta' Awissu

### JUM IL-ĦRUĠ TA' L-ISTATWA

**7.30pm** Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet marjani. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbi, is-Sinjorina Francesca Farrugia. Wara, il-Banda mmexxija minn Mro. David Agius tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi.

## L-Erbgħa, 10 ta' Awissu

### JUM IL-BANDA

**8.15pm** Il-Banda Re Ġorġ V tagħmel marċ qasir minn fejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill Lokali għall-pjazza tal-Knisja, San Bażilju u l-Pjazza ta' quddiem il-Każin.

**9.00pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-Program Vokali u Strumentali Annwali. Isir kxif ta' rħama fil-lok fejn serva bħala l-ewwel Każin tas-Soċjetà bħala tifkira tal-100 sena mill-formazzjoni tal-Każin Santa Marija u s-60 sena mid-debutt ta' l-Orkestra Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija; l-ewwel Għaqda Mużikali ġewwa l-Imqabba. Irħama oħra tinkixef ġewwa s-sede tas-Soċjetà. Wara jsir riċeviment li għalih mistiedna s-soċi, benefatturi u partitarji nisa u rġiel kollha.

## Il-Ħamis, 11 ta' Awissu

### L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ivan J. Borg, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu

### IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

# f'ġieħ Santa Marija 2005

## Is-Sibt, 13 ta' Awissu

### IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**8.15pm** Il-Banda Ingliża mistiedna għall-Festa ta' din is-sena, *Bedford Town Band*, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Chris North tesegwixxi programm qasir ġewwa l-pjazza.

**9.00pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċi u partitarji flimkien ma' sorpriżi ġodda.

## Il-Ħadd, 14 ta' Awissu

### LEJLET IL-FESTA

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ mat-toroq ta' l-Imqabba.

**8.00pm** Il-Banda Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Muscat tibda marċ minn Triq il-Pal għall-pjazza sal-Każin tas-Soċjetà.

**8.30pm** Il-Banda Ingliża, *Bedford Town Band* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Chris North tesegwixxi Programm Strumentali ġewwa l-pjazza.

**10.30pm** Programm Strumentali mill-Banda Filarmonika Konti Ruġġieru, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Mro. Joseph Muscat.

## It-Tnejn, 15 ta' Awissu

### L-GĦID TA' L-ASSUNTA

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro. David Agius, tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

**6.00pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. Alfred Farrugia tibda marċ minn Triq Valletta sal-pjazza.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista tibda marċ minn Triq Santa Katarina sal-pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-Knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**6.45pm** Hekk kif iż-żewġ baned mistiedna jaslu fil-pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo.

**8.45pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Piju Dalli , it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara taħt id-direzzjoni tas-Sur Samuel Bezzina. Wara, l-istess Banda tkompli bid-daqq ta' innijiet flimkien mas-Sopran Francesca Farrugia u programm strumentali.

**10.30pm** Wara ringrazzjament ġewwa l-Knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Ingliża, Bedford Town Band, immexxija minn Mro. Chris North tkompli tallegrana b'siltiet ta' mużika leġġera quddiem il-Każin.

## It-Tnejn, 22 ta' Awissu

### L-OTTAVA TAL-FESTA

**7.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena permezz ta' Lejla Maltija.

# Funzjonijiet fil-Knisja

## Is-Sibt, 30 ta' Lulju
### *Bidu tal-Kwindiċina*

**6.00pm** Issir il-preżentazzjoni u tberik tat-trabi u tfal lill-Madonna.
**6.30pm** Quddiesa Solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

## It-Tnejn, 1 ta' Awissu

**6.30pm** Quddiesa għat-tfal tal-parroċċa u bis-sehem taż-żgħażagħ. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

## Il-Ħamis, 4 ta' Awissu

**6.30pm** Quddiesa għall-membri ta' l-Għaqda tan-Nar minn **Rev. Joseph Zahra O.P**. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

## Il-Ġimgħa, 5 ta' Awissu

**6.30pm** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda. Huma mħeġġa sabiex jattendu l-anzjani u l-morda tar-raħal. Ikollna fostna anzjani Mqabbin residenti f'San Vinċenz de Paule. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

## It-Tnejn, 8 ta' Awissu
### *Jum it-Tifkira tas-soċi u benefatturi*

**6.30pm** Quddiesa kantata mill-**W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana**, b'suffraġju għall-erwieħ tas-soċi u benefatturi mejtin. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

## It-Tlieta, 9 ta' Awissu
### *Ħruġ ta' l-Istatwa*

**6.30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina u Barka.
**7.30pm** Isir il-ħruġ solenni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.

## L-Erbgħa, 10 ta' Awissu
### *Jum il-Familji*

**6.00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina u Barka Sagramentali.

Il-mużika tat-Tridu, Lejlet u nhar il-Festa
tkun taħt id-direzzjoni
tas-Surmast **W.R.Patri Salv Galea O.P.**

## Il-Ħamis, 11 ta' Awissu
### *L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**6.30pm** Quddiesa solenni minn **Patri Gwardjan Anton Farrugia OFM**. Wara, talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Reġina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

## Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu
### *It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.00am** Quddiesa kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni mill-**W. Rev. Kan. Dun Mikiel Borg**. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## Is-Sibt, 13 ta' Awissu
### *It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.00am** Quddiesa kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni mill-**W. Rev. Kan. Dun Mikiel Borg**. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ħadd, 14 ta' Awissu
### *Lejlet il-Festa*

**8.15am** Quddiesa solenni mill-**W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana**. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".
**6.30pm** Tranżulazzjoni solenni tar-relikwa, immexxija mill-**W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana**. Wara, Quddiesa kantata, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## It-Tnejn, 15 ta' Awissu
### *Jum il-Festa*

**6.00am, 7.00am, 800am** Quddies lett.
**9.15am** Quddiesa konċelebrata solenni minn **Mons Carmel Gauci** bil-paniġierku minn **Patri William Axiaq OFM Kapp**.
**11.00am**(Knisja), **11.00am** (San Bażilju) Quddies lett.
**5.00pm** Quddiesa letta.
**6.00pm** Għasar solenni minn **Mons. Carmel Gauci**, Salve u Litanija.
**7.15pm** Purċissjoni bl-Istatwa Artistika, Devota u Titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess W.Rev. Ċelebrant.
**10.15pm** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## It-Tnejn, 22 ta' Awissu:
### *L-Ottava tal-Festa*

**6.30pm** Quddiesa, Ripożizzjoni tar-relikwa, Te Deum u Barka.

# Il-Banda Re Ġorġ V Storja... Mużika... Suċċess

## Tirrapporta l-Kummissjoni Banda



*Dehra tal-Banda Re Ġorġ V fuq il-planċier il-ġdid. Jidhru ukoll il-Bag Pipes li ħadu sehem nhar l-10 ta' Awissu fis-silta 'Carnival de Paris'.*



*Is-Surmast David Agius jidderieġi l-Banda Re Ġorġ V waqt programm ġewwa l-bini ta' l-Isptar il-Qadim bħala ftuħ tal-Ġimgħa Marjana organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ.*



*Iż-żfin li sar ġewwa s-sala prinċipali tal-każin nhar l-10 ta' Awissu 2004 waqt il-programm annwali tal-Banda Re Ġorġ V. Dan ġie trażmess fuq 'big screen' li ntrama apposta.*

Ninsabu f'nofs l-istaġun tal-festi u bla dubju l-festa popolari ta' Santa Marija għandha x'toffri mhux ftit lil dawk id-dilettanti tal-baned Maltin. Bħal kull sena permezz ta' dan l-artiklu ddedikat proprju lill-Banda tagħna ser nagħtu rendikont dwar ħidmet il-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija.

Kienet sena oħra ferm impenjattiva għall-Banda tagħna. Però bla dubju l-qofol ta' ħidmet il-Banda Re Ġorġ V bħal kull sena kien fil-festa Titulari ta' l-Imqabba, Santa Marija. L-ewwel impenn ikun dak ta' ħruġ l-istatwa artistika fiz-zuntier. F'din l-okkażjoni l-banda ħadet ħsieb sabiex tilqa' l-Patruna ta' l-Imqabbin b'innijiet marjani u wara tkompli marċ mat-toroq tar-raħal.

Fil-jum iddedikat lill-Banda jiġifieri fl-10 ta' Awissu ġie mtella' programm strumentali akkumpanjat bi żfin u sorpriżi oħra li bla dubju niżel tajjeb mal-mistednin li mlew il-pjazza akustika tagħna. Kienet serata mżewqa b'mużika għal gosti ta' kulħadd sinkronizzata maż żfin li sar minn ġewwa s-sala prinċipali tal-Każin u ġie trażmess dirett fuq *Big Screen* li ntrama għal din l-okkażjoni.

Fil-gran final mal-banda, żeffiena u n-nar ingħaqdu l-*bag pipes* u temmejna din is-serata memorabbli bis-silta *Carnival de Paris*. Kellna kliem ta' tifħir għall-oriġinalità u jidher li ntgħoġbot għax rajnieha f'diversi festi din is-sena. Ta' kull sena l-kummissjoni banda taħseb sabiex toħloq dik ix-xi ħaġa innovattiva li l-mistednin ikunu jistennew. U din is-sena???

Fit-13 ta' Awissu jew kif tradizzjonalment magħruf l-aħħar tridu, il-banda tkun akkumpanjata mill-briju li jafu joffru ż-żgħażagħ tagħna bil-qofol jintlaħaq permezz ta' tislima bl-Ave Maria lill-istatwa ta' Santa Marija li tiddomina l-pjazza. Nhar il-festa, il-Banda tkompli bl-impennji tagħha waqt il-marċ tradizzjonali ta' nofs in-nhar. Fil-għaxija hekk kif il-festa tkun waslet fit-tmiem tagħha, il-banda tagħlaq bil-marċ tan-nar fejn jifirħu magħna kif inhu xieraq il-grupp ħabrieki tal-kamra tan-nar.

Għal darba oħra konna mistiedna f'għadd ta' festi fosthom ġewwa r-Rabat, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żurrieq u Ħaż-Żabbar. Fix-xhur tax-xitwa l-impenji tal-banda ma waqfux. Fil-fatt għall-ewwel darba sar *Christmas Concert* ġewwa s-sala prinċipali tal-każin fejn spikka l-element tal-bandisti tal-post.

F'Marzu ħadu sehem numru ta' bandisti waqt eżerċizzji spiritwali li ġew organizzati miż-żgħażagh Imqabbin. F'April itella' kunċert strumentali ġewwa s-sala Robert Samut sabiex jitfakkar is-60 sena mit-twaqqif ta' l-orkestra Santa Marija u l-100 anniversarju mill-formazzjoni tal-Każin Soċjali Santa Marija. Tfakkar ukoll is-seba' anniversarju mill-għoti ta' l-unur 'Les Etoiles d'Or du

Jumelage'.

F'Mejju l-banda ġiet mistiedna ukoll sabiex itella' programm ta' mużika marjana ġewwa l-Isptar il-Qadim waqt wirja ta' statwi u pitturi li ġiet organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà. Fix-xhur ta' wara komplejna bil-preparamenti għall-Festa Titulari.

Kif wieħed jista' jara, wara dawn l-impenji hemm xhur sħaħ ta' *rehersals* u xogħol. Minbarra x-xogħol trid ukoll il-mużika li saret uġigħ ta' ras kbira għalina l-kummissjoni sabiex naqilgħu għadd ġmielu ta' siltiet kull sena. Hawnhekk nixtiequ nieħdu l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lil kull min irregala xi mużika lis-Soċjetà tagħna.

Minn sena għall-oħra, il-kummissjoni taħdem sabiex iżżomm jew tkabbar il-livell li jkun intlaħaq fis-snin preċedenti. Hekk għamlet din is-sena u nittamaw li b'dak li għandna ppreparat għall-okkażjoni tal-festa jinżel tajjeb magħkom soċi u partitarji tas-Soċjetà Santa Marija. Semmejna Programmi ta' livell, u proprju appuntament importanti ieħor tagħkom mal-Banda Re Ġorġ V ikun jekk Alla jrid għal dak tal-15 ta' Novembru ġewwa t-Teatru Manwel fuq stedina ta' l-Għaqda Każini tal-Baned.

Permezz ta' dan il-messaġġ nixtiequ nagħmlu appell b'mod speċjali lill-ġenituri sabiex jibgħatu lil uliedhom jitgħallmu l-mużika ġewwa l-każin tagħna. Dan it-tagħlim isir b'xejn minn Mro. David Agius li kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar joffri l-esperjenzi mużikali tiegħu u ta' dan nirringrazzjawh.

Nirringrazzjaw lill-Kumitat Ċentrali għal kull għajnuna fejn jidħlu strumenti tal-banda. Fl-aħħar nett nirringrazzjaw lil sħabna l-bandisti tal-koperazzjoni li dejjem sibna. Inħeġġu ukoll lill-bandisti tal-post sabiex matul is-sena nagħmlu ftit sagrifiċċju u nkunu aktar regolari għall-kunċerti sabiex il-livell tagħna jibqa' dejjem jiżdied.

Nagħlqu dan il-messaġġ billi nistiednu lil kulħadd sabiex matul il-ġranet tal-festa nakkumpanjaw il-baned kemm tagħna kif ukoll dawk mistiedna fostom il-*Bedford Town Band*.

Nistedinkom b'mod speċjali sabiex tattendu għall-programmi mużikali u vokali li ser jittellgħu fosthom dak ta' l-10 ta' Awissu mill-Banda tagħna u fl-14 ta' Awissu mill-Banda Ingliża. **VIVA L-BANDA RE ĠORĠ V.**



*Il-Banda Re Ġorġ V flimkien mas-Surmast David Agius u l-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra.*



*Il-kunċert strumentali li ġie mtella' ġewwa s-Sala Robert Samut fil-Furjana f'April 2005.*



*Is-Sur Daniel Camilleri, Bandist tas-Sena 2004 jidher jirċievi l-unur mingħand is-Sur Rokku Camilleri, Direttur tal-Kumpanija Di Rocco Ltd.*



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-marċ tagħha fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba.*

# Programm
# Strumentali u Vokali
## mill-Banda Re Ġorġ V

## L-Erbgħa, 10 ta' Awissu 2005
## fid-9.00pm

| | | |
|---|---|---|
| Marċ Militari | **The Fairest of the Fair** | J.P. Sousa |
| Ballet Music | **Ballet Egyptian** | Alexander Luigini |
| Selection | **Puccini in Concert G.**<br>**Tenur:** Andrew Sapiano | Puccini<br>Arr. W. Hautvast |
| Innu | **Santa Marija Mtellgħa s-Sema**<br>**Tenur:** Andrew Sapiano | D. Agius |
| Innu | **Lil Raħal Twelidi** | A. Camilleri |
| | **Intervall** | |
| Selection | **Tom Jones in Concert** | Arr. H. Kolasch |
| Medley | **Instant Concert** | Arr. H. L. Walters |
| Selection | **Fuq iz-Zuntier ma' Enzo**<br>**Kantant:** Enzo Guzman | Arr. A. Chircop |
| Innu Popolari | **Marija Assunta** | L. Farrugia |
| Innu | **Banda Re Ġorġ V** | A. Camilleri |

**Surmast Direttur:**
Mro. David Agius A. (Mus.) L.C.M., A. Mus. V.C.M. (Hons.) A.L.C.M.

**Preżentaturi:**
Joyce Guillaumier u Patrick Mallia

1935-2005

# 70 sena mużika tas-Surmastrijiet Bugeja fl-Imqabba fl-okkażjoni tal-festa Titulari ta' l-Assunta

Kitba ta' Jonathan Farrugia B.A. (Hons), B.A. Theol. & Hum. Stud.

Sentejn ilu l-mużika immortali ta' l-antifona *Hodie Maria*, ġawhra unika fir-repertorju mużikali ta' raħalna u ta' pajjiżna, għalqet mija u ħamsin sena, għalhekk konnha tajna ħarsa aktar mill-qrib lejn il-kompożitur tagħha, Vincenzo Bugeja. Din is-sena jaħbat is-sebgħin anniversarju minn mindu l-*cappella*[1] Bugeja saret il-*cappella* uffiċċjali tal-festa Titulari ta' l-Imqabba, post li għadha żżomm sal-lum. Għalhekk bix-xieraq li nsiru nafu aħjar min kienu s-surmastrijiet ta' din id-dinastija mużikali glorjuża li kienet l-ewlenija f'Malta għal diversi snin; ewlenija mhux biss għax kienet l-ewwel *cappella* mużikali tax-xorta tagħha (u li għadha teżisti), imma ukoll għax il-mużika tas-surmastrijiet Bugeja, aktar minn ta' mużiċisti oħrajn, minn dejjem kienet timxi ma' l-indikazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi.

## Id-dinastija Bugeja

Fil-bidu tas-seklu dsatax bdew dawk li maż-żmien bdew jissejħu 'd-dinastiji l-kbar' tal-mużika sagra Maltija. Dawn kienu d-dinastiji ta' Bugeja u ta' Nani. Fi żmienhom u warajhom kien hemm mużiċisti oħra Maltin tajbin ħafna, bħalma kienu Giuseppe Caruana (1880-1931), Lorenzo Gonzi (19??-19??), Ferdinando Camilleri (1859-1942) u ibnu Giuseppe (1903-1976), Carlo Diacono (1876-1942) u l-Għawdxi Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), imma ħadd minnhom ma kien jagħmel parti minn dinastija ta' diversi ġenerazzjonijiet ta' mużiċisti. U apparti minn hekk rari xi ħadd minnhom irnexxielu jilħaq il-livelli għoljin fil-kwalità tal-mużika tiegħu daqs dawk li kien irnexxielhom jilħqu l-Bugeja u n-Nani.



L-orkestra fl-2004

Id-dinastija Bugeja kellha ħames pilastri kbar li flimkien, imma fi żminijiet differenti, irnexxielhom joħolqu repertorju mużikali uniku. Dawn kienu Pietro Paolo (1772-1828), uliedu Vincenzo (1805-1860) u Filippo (1808-1891), iben Vincenzo, Riccardo (1844-1936) u fl-aħħar nett Vincent, jew kif kien aktar magħruf Ċensinu (1910-1967). Ċensinu ma kellux ulied, għalhekk bih id-dinastija Bugeja waslet fi tmiemha. Madankollu b'xorti tajba, ftit qabel miet l-aħħar Bugeja ddeċieda li jħalli l-mużika ta' niesu lill-Provinċja Dumnikana, li għal kważi mitejn sena kienet ilha tgawdi mis-servizzi miżikali ta' din il-familja. Minn dak iż-żmien il-Provinċja ħadet ħsieb li tqabbad patrijiet professjonisti fil-mużika biex ikomplu jagħtu s-servizzi fil-knejjes fil-ġranet tal-festi. S'issa kien hemm żewġ patrijiet li mexxew din il-*cappella*: Patri Edgar Gatt OP u Patri Salv Galea OP.

## Pietro-Paolo



Pietro Paolo Bugeja

L-ewwel surmast għedna li kien Pietro-Paolo li twieled fid-29 ta' April 1772 fil-Belt Valletta minn Salvatore u Gaetana Bugeja.[2] L-istoriku Malti Caruana dei Conti Gatto jsemmi l-probabbiltà li Pietro-Paolo ħa l-ewwel studji mużikali tiegħu mingħand Franceso Azzopardi,[3] surmast Malti tas-seklu XVIII magħruf ħafna għall-kompożizzjonijiet tiegħu. Ta' dsatax-il sena mar Napli jistudja fil-*Conservatorio musicale San*

*Onofrio* fejn dam madwar sitt snin, sa l-1797. Kemm dam hemm, meta kien għadu student, laħaq *maestro di cappella* tal-knisja ta' San Ivo wara li kiteb l-ewwel quddiesa solenni tiegħu f'ġieħ dan il-qaddis. Qabel ma reġa' lura lejn Malta kiteb quddiesa solenni oħra għat Sant'Irene, il-patruna tal-konservatorju mużikali fejn kien jistudja.

Lura f'Malta Pietro-Paolo żżewweġ lil Antonia Pulis f'Ottubru ta' l-1800[4] u disa' snin wara, hekk kif miet Francesco Azzopardi, ġie nnominat *maestro di cappella* tal-knisja katidrali ta' l-Imdina kif ukoll tal-konkatidral ta' San Ġwann.[5]



*Il-firma ta' Pietro Paolo Bugeja fl-1816.*

Bħal kull mużiċist ieħor ta' dak iż-żmien kienet ix-xewqa ta' Bugeja li ma jibqax marbut biss mal-kompożizzjonijiet u d-direzzjoni ta' mużika sagra. Għamel diversi staġuni inkarigat mill-orkestra tat-Teatru Rjal (1806-17, 1812-1813, 1815-1816). Ikkompona ukoll ftit bċejjeċ ta' mużika teatrali, fosthom *Il primo omaggio* (allegorija mużikali miktuba f'ġieħ Sir Francis Hastings, gvernatur ta' Malta) u l-oratorju *Gioas, re di Giuda*. Permezz ta' dan ta' l-aħħar Bugeja xtaq jieħu l-fama ta' kompożitur ta' mużika sekulari. Kien hemm fost l-ammiraturi tiegħu min kien ċert minn din il-fama eminenti, u fil-fatt kien inkiteb dan is-sunett minn wieħed minnhom fl-okkażjoni tar-rappreżentazzjoni ta' dan l-oratorju:

Eterno Dio! dunque scintilla ancora
Di Paisel la vera face? il vivo
Genio di Cimarosa a morir schivo
Dalla tomba in cui giace, e' sorto fuora?

Possibil fia, che pur fra noi dimora
Chi delle stesse immense idee non privo,
Del Vate in ogni età famoso, e vivo,
Con si celebri note i carmi onora?

Mi sembra Orfeo, che colla mesta lira
Il pianto or muove, come un di' potea
Dell'inferno placar la rabbia, e l'ira:

Chi e' mai costui, che si diletta, e bea?
Questi, questi, che tanti applausi attira
(Sento un grido eccheggiar) questi e'
BUGGEA.[6]

Madanakollu b'xorti ħażina lil Pietro-Paolo u lil sħabu għarralhom għax il-pubbliku ma tantx wera interess f'dan ix-xogħol tiegħu. Minħabba f'hekk l-ewwel Bugeja ddeċieda li jiddedika l-kapaċità tiegħu biss għall-kompożizzjonijiet sagri, għax il-poplu xorta waħda baqa' jfittxu għalihom. Sakemm miet fit-12 ta' Ġunju 1828 Pietro-Paolo kkompona quddiesa solenni, erba' quddies funebri, għoxrin quddiesa qasira, tletin salm, diversi innijiet, antifoni u disa' sinfoniji fost bċejjeċ oħra. L-akbar żewġ kapolavuri tiegħu huma *Recordare* u *O salutaris hostia* li għandhom jindaqqu sal-lum f'diversi okkażjonijiet f'Malta u anke barra.

## Vincenzo



*Vincenzo Bugeja*

It-tieni iben ta' Pietro-Paolo, u l-ewwel wieħed li mexa fuq il-passi ta' missieru, kien Vincenzo, li twieled fid-29 ta' Ottubru 1805 fil-Belt. Tgħammed il-għada fil-knisja parrokkjali ta' Porto Salvu. Jidher illi beda l-istudji mużikali ta' età żgħira,[7] imma ftit li xejn hu magħruf minn ħajtu qabel il-mewt ta' missieru. Hekk kif miet Pietro-Paolo, il-kapitlu katidrali offra l-post ta' *maestro di cappella* lil Vincenzo, li jidher li aċċettah malajr għax fis-7 ta' Awissu 1828 Vincenzo talab li jitħallas tax-xogħol li kien diga' wettaq.[8]

Kmieni fl-1829 huwa mar Napli fejn kompla l-istudji mużikali għal madwar sentejn flimkien ma' kompożituri Taljani li wara ftit kellu jkollhom fama internazzjonali permezz ta' l-opri liriċi tagħhom. Fost dawn insibu lil Giuseppe Saverio Mercadante u lil Vincenzo Bellini. L-aktar episodju prominenti miż-żmien li għadda Napli kien meta ntgħażel biex jikteb opra lirika fuq xewqa tar-re Vittorio Emanuale II. Ir-riżultat kien *Lodoviska*, li ttellgħet b'suċċess fenomenali fit-Teatru Rjal ta' Malta fil-15 ta' Marzu 1832, ftit xhur wara li Vincenzo reġa' lura lejn Malta. Ġurnalist tal-*Malta Government Gazette* kellu dan xi jgħid fuq Bugeja:

If Mr Bugeja has not attempted to originate a style, or to give to his work those distinctive features which belong only to a practised composer, he is entitled to the praise of having selected the best models and successfully studied them; while the skill displayed in the arrangement of the instrumental accompaniments throughout give promise of future excellence in that very important branch of the art.[9]




*Il-firma ta' Vincenzo Bugeja fuq il-partitura l-oriġinali ta' Sante Paule.*

Meta ġie lura Malta seta' jieħu f'idejh it-tmexxija tal-mużika tal-festi ta' diversi knejjes li kien jieħu ħsiebhom missieru: fost dawn insibu l-bażilka minuri ta' Portu Salvu fil-belt Valletta, il-knisja parrokkjali ta' l-Immakulata ta' Bormla, dik tal-matriċi Stella Maris f'Tas-Sliema[10] u l-parroċċa ta' San Publju fil-Furjana li għaliha kiteb żewġ antifoni, li l-ewwel waħda minnhom iżżanżnet meta l-Furjana saret parroċċa fl-1844.

Fl-1842 iżżewweġ lil Antonia Naudi u minnha kellu ħamest itfal, li minnhom wieħed, Riccardo, kellu jkompli l-karriera mużikali ta' missieru. Naturalment wara li żżewweġ Vincenzo kompla jikteb aktar bċejjeċ mużikali, ħafna drabi influwenzati minn xogħlijiet ta' Donizetti u Bellini. Għalkemm il-mużika tiegħu ma tagħmilx użu minn fugi, imitazzjonijiet u tekniċi diffiċli, kienet u għadha popolari immens għall-melodiji impekkabbli li fiha... biex nieħdu idea biżżejjed niftakru fil-mużika ta' l-antifona formidabbli li għadna ngawdu sa żmienna fil-ġranet tal-festa ewlenija tal-parroċċa tagħna!

Ma naqsux nies li ppruvaw jikkritawh, l-aktar dawk li kienu aktar jippreferu l-mużika ta' Paolo Nani. Għalkemm huma ukoll kellhom jammettu li kien kompożitur kapaċi, huma żiedu li l-kapaċitajiet tiegħu ma kienux iwasslu għall-muiżika sagra. Qisu biex jurihom l-iżball stupidu tagħhom ma damx wisq ma kkompona uħud mill-isbaħ bċejjeċ sagri li qatt ħarġu minn Malta, fosthom is-salm *Laudate pueri Dominum* u l-antifoni għall-festi ta' San Ġwann *Ingresso Zaccariae* u ta' San Publiju *O Melitae digna proles* u l-innu *Dies irae* li kellu jindaqq fil-funeral tiegħu. Il-mewt ta' Vincenzo ġiet għall-għarrieda; dan nistgħu nixhduh minnħabba l-fatt li baqa' msemmi bħala *maestro di cappella* tal-knisja katidrali sakemm miet, nhar l-20 ta' Ottubru 1860. Fost ir-repertorju mużikali vastissimu li ħallielna Vincenzo nsibu diversi quddies solenni, quddies funebri, responsorji, mutetti, innijiet u sitt sinfoniji.

## Filippo

L-anqas membru magħruf mill-familja Bugeja kien Filippo, l-iżgħar iben ta' Pietro Paolo. Twieled il-Belt nhar it-23 ta' Jannar 1808 u ġie mgħammed fil-Parroċċa tal-Madonna ta' Portu Salvu[11] , il-matriċi tal-Belt. Bħal ħuh, huwa beda l-istudju mużikali tiegħu ma' missieru u ma damx ma sar pjanist magħruf. Jidher li mal-mewt ta' ħuh Vincenzo huwa nhatar mill-kapitlu bħala l-*maestro di cappella* l-ġdid tal-katidral u tal-konkatidral minfloku, liema kariga żamm għal sena.[12] Madankollu fl-arkivji tal-Katidral u tal-Kurja ma nstab xejn li jista' jixhed dan. Minn diversi noti f'gazzetti ta' dak iż-żmien nafu fiż-żgur illi Filippo kien aċċetta l-kariga ta' *maestro di cappella* f'diversi knejjes parrokkjali f'Malta, fosthom ta' Porto Salvu tal-Belt, ta' l-Immakulata f'Bormla, ta' San Publju fil-Furjana, ta' Sant'Elena f'Birkirkara, tal-martirju ta' San Pawl tar-Rabat u tal-Bambina fl-Isla. L-isbaħ biċċtejn mużika li kiteb kienu l-antifoni ta' San Ġorġ u tat-twelid ta' Marija, li sa xi snin ilu kienu għadhom jindaqqu Ħal Qormi u n-Naxxar, għalhekk probabilment kien iħabbat f'daż-żewġ parroċċi ukoll.

Ftit li xejn huwa magħruf dwar il-ħajja ta' Filippo u dwar il-mużika li kiteb, l-aktar wara li Riccardo, iben Vincenzo, ħa f'idejh it-tmexxija tal-*cappella* fl-1870. Miet ta' 84 sena fit-8 ta' Ottubru 1891 minħabba marda fi griżmejh. Ftit huma l-bċejjeċ li kiteb li waslu sa żmienna, jista' jkun għax ħafna minnhom intilfu fis-snin.

## Riccardo



*Riccardo Bugeja*
*1845-1926*

Dan kien l-iben il-kbir ta' Vincenzo u Antonia. Twieled fil-25 ta' Ottubru 1844. Naturalment minn età żgħira beda juri ċertu interess fil-mużika u malajr beda jitgħallem mingħand missieru. Meta kiber intbagħat għal seba' snin f'Napli, jistudja l-mużika fil-konservatorju ta' San Pietro a Majella, fejn għamel progressi kbar f'dan il-qasam. Meta ġie lura ħa f'idejh it-tmexxija tal-*cappella* u l-ewwel festa li mexxa kienet dik ta' San Duminku f'Awissu ta' l-1870. Kiteb diversi siltiet għal xi festi li kien jidderieġi, fosthom *Dixit* għal San Duminku tal-Belt (1870), *Kyrie* għall-Immakulata ta' Bormla (1873) u l-famuża antifona *Manum suam* għal Sant'Elena ta' Birkirkara (1878).[13]

Waħda mill-aktar siltiet importanti li kkompona kienet is-sinfonija *Cordelia* ta' l-1880. Din użaha bħala teżi għal-lawrea fil-mużika. Hija silta sabiħa immens u għadha tindaqq anke fi żmienna f'kunċerti li jiġu organizzati. Milli jidher Riccardo ma żammx mat-tradizzjoni ta' nannuh u missieru li jkun *maestro di cappella* tal-Katidral. Wara missieru (u forsi wara zijuh) it-tmexxija ta' din il-*cappella* marret f'idejn Giuseppe Vella u damet f'idejh sa l-1899. Bejn l-1899 u l-1902 mhux magħruf min mexxa. Fl-1902 it-tmexxija għaddiet f'idejn Paolino Vassallo. Fl-1902, meta kellu 58 sena, iżżewweġ lil Elena Abdilla fil-knisja ta' Sarrija. Kellhom tifel wieħed, Vincent.

Fl-1903 il-Papa Piju X ħareġ 'l hekk imsejjaħ *Moto proprio*, li l-għan prinċiapli tiegħu kien li jneħħi mill-knejjes il-mużika teatrali u jdaħħal riforma mużikali li timxi aktar man-normi tal-mużika Gregorjana. Bħal kull kompożitur ta' mużika sagra ta' dak iż-żmien, Riccardo ukoll kellu jirriforma l-kompożizzjonijiet tiegħu jekk ried li jibqa' jdoqq fil-knejjes bil-kunsens tal-Kurja. B'hekk fl-1907 spiċċa jikteb quddiesa solenni skond l-indikazzjonijiet tal-*moto proprio*. Din ħadha Ruma u ppreżentaha lis-*Sagra Congregazione di Riti* minn fejn ġab l-approvazzjoni li setgħet tindaqq fil-knejjes matul il-quddies tal-festi. Din il-quddiesa ntużat għall-ewwel darba għall-quddiesa solenni tal-festa ta' l-Immakulata




*Il-firma ta' Riccardo Bugeja fuq il-partitura l-oriġinali ta' Trasfigurazione.*

Kunċizzjoni f'Bormla, u ssemmiet *Missa a Maria Immacolata* u hija l-istess quddiesa li kull ħmistax ta' Awissu għadna nisimgħu fil-quddiesa l-kbira tal-festa titulari tar-raħal tagħna.

Jidher illi Riccardo kien l-ewwel Bugeja li mexxa l-mużika fil-festa ta' l-Assunta fl-Imqabba, fis-sena 1904. Dan jixhdu artiklu żgħir li deher f'*Malta tagħna* miktub fit-18 ta' Awissu u stampat xi ġranet wara:

Din is-sena l-festa ta Santa Maria, fl'Imkabba giet issolennizzata bi cbira pompa u devozzjoni. Il musica solenni tas-Sur Bugeja compliet iffessteggiat din is-solenni festa, illi katt ma saru bhala f'dan ir-rahal.[14]

Mid-dehra dan kien inkarigu ta' darba għax sena wara, fl-1905, l-istess kontributur kiteb ittra mill-ġdid dwar il-festa ta' l-Imqabba u jsemmi li l-mużika tmexxiet mill-'imsemmi surmast Vella'.[15] Mhux magħruf eżattament Bugeja x'mużika daqq fl-1904, imma jidher illi l-mużika li daqq intgħoġbot ħafna, sew mit-tifħir li naqraw f'dis-silta, kif ukoll minħabba l-fatt li wieħed u tletin sena wara l-Imqabbin ma ħasbuhiex darbtejn biex jerġgħu jafdaw il-mużika tal-festa maħbuba tagħhom lil ibnu Vincent.

Ma naqasx it-tifħir għall-kompożizzjonijiet ġodda tiegħu f'pubblikazzjonijiet oħra:

La nuova ricca composizione e' un'altra prova luminosa del genio straordinario del sullaudato Maestro.[16]

Riccardo ma tantx kiteb mużika fl-aħħar snin ta' ħajtu, għax dehrlu li l-karriera mużikali tiegħu kienet waslet fi tmiemha. Huwa baqa' mfakkar ħafna għall-ġenerożità tiegħu, fil-fatt kienet il-għaxqa tiegħu jagħti lezzjonijiet tal-mużika b'xejn lil min ma setax iħallas biex ikabbar it-talent mużikali tiegħu. Meta miet fit-28 ta' Frar 1926 kienu ħafna l-mużiċisti li ħassew it-telfa tiegħu. Ftit ġranet wara li miet ir-rivista *La Vallette* ippubblikat kelmtejn dwaru li juru biċ-ċar il-kwalitajiet mużikali eċċezzjonali li kellu:

Riccardo Bugeja e' stato uno dei maestri piu' popolari di Malta, la sua musica che sa essere dolce e flebile, rigorosa e potente a seconda dei casi, ha fatto palpitare d'entusiasmo genereazioni e generazioni di uomini…[17]

## Vincent



*Ċensinu Bugeja 1910-1967*

L-uniku tifel li kellhom Riccardo u Elena kien Vincent, jew Ċensinu. Twieled fl-24 ta' Mejju 1910 fir-Rabat. Ta' seba' snin beda jitgħallem il-pjanu ma' Luigi Vella u sentejn wara beda jitgħallem l-arminija ma' Ġużeppi Abdilla. Ma damx ma beda jitgħallem il-kontrapunt. Ta' 17-il sena għamel l-eżamijiet biex imur jistudja fl-*Istituto di musica sagra* ta' Ruma. Minn hemm irċieva ħames ċertifikati *cum laude* fl-armonija, fil-metodu, fil-kant Gregorjan, fil-liturġija u fil-pjanu.

Fl-1934 ġie lura Malta u ma damx ma sar *maestro di cappella* ta' diversi knejjes, fosthom ta' San Publju tal-Furjana, ta' Portu Salvu tal-Belt u ta' Marija Assunta ta' l-Imqabba. Għal xi żmien il-*maestro di cappella* taż-żewġ festi fl-Imqabba kien Carlo Diacono[18]. Fl-1935[19] però ċeda l-festa ta' Marija Assunta lil Bugeja żgur minħabba l-fatt li Bugeja kien qiegħed isir aktar popolari u l-Imqabbin preferew lilu biex iħabbat fil-festa ewlenija tagħhom.

Fl-1936 Vincent iżżewweġ lil Winnie Micallef-Brown u kompla bl-impenji mużikali tiegħu sakemm fil-bidu tas-snin erbgħin kellu jmur Għawdex minħabba l-gwerra. Għamel xi żmien jgħix ir-Rabat u mbagħad mar Marsalforn sakemm spiċċat il-gwerra. Minħabba l-biża' li jintilef il-patrimonju mużikali kollu ta' familtu f'xi bumbardament, Vincent ħa ħsieb iġorr il-partituri u l-libretti mużikali kollha lejn Għawdex u żammhom maħżunin f'dar li kera fix-Xagħra. Din id-dar ma damitx ma saret ċentru fejn il-mużiċisti kienu jiltaqgħu biex joqogħdu jgħaddu ż-żmien idoqqu. Kien dan li bil-mod il-mod wassal biex hu jitlaħħaq *maestro di cappella* tal-Kolleġġjata ta' Marija Bambina tax-Xagħra fl-1953.

Meta reġa' lura Malta wara l-gwerra, Vincent kien spiss jidderieġi l-orkestra f'diversi opri li kienu jittellgħu fit-teatri Maltin. Kiseb suċċessi kbar. Ħaġa sabiħa u ferm oriġinali li kien iħobb jagħmel Vincent kienet li fis-snin sittin u sebgħin kien iħajjar mużiċisti Mqabbin, bandisti mal-Banda Re Ġorġ V, biex idoqqu ma' l-orkestra fil-ġranet tal-festa. Fost dawn kienu jipparteċipaw ta' spiss Ġużeppi Farrugia u Leonard (Nardu) Farrugia. Żgur illi l-mużika f'dawk is-snin kien ikollha ħafna mħabba lejn il-patruna mħallta magħha! Naturalment Vincent kompla ukoll iżid xi opri minn tiegħu fir-repertorju mużikali tad-dinastija tiegħu. Minn fost il-ħames quddisiet solenni li kkompona, l-aktar waħda famuża baqgħet dik imsejjħa *Messa sancta Publi*

*a quattro voci*, li tinkludi fiha kor għat-tfal. Ikkompona ukoll diversi innijiet u antifoni. Ma setax jonqos li Vincent ma jkunx influwenzat mill-mużika ta' l-antenati tiegħu, u hu ma qgħadx lura milli kultant jirranġa u jadatta uħud minnhom għall-eżiġenzi ta' żminijietu.

Vincent aktar ma beda jikber, bħal missieru, beda jnaqqas bil-mod il-mod in-numru ta' knejjes li kien jidderieġi fihom. Kien jikkonċentra ħafna fuq it-tagħlim tal-mużika, avolja ma kellux ħafna studenti. Minn fost l-istudenti tiegħu kien jagħti attenzjoni partikulari lil P. Edgar Gatt OP, għax kellu f'moħħu li jagħtih it-tmexxija tal-*cappella* wara mewtu. Huwa miet ta' 56 sena fil-25 ta' Jannar 1967 wara marda qasira. Indifen fil-knisja kolleġġjata ta' Sant'Elena.

Peress li ma kellux tfal, miegħu waslet fi tmiemha id-dinastija mużikali ta' Bugeja. Madanakollu, minkejja li hu miet u li ma kienx hemm Bugeja ieħor biex imexxi l-mużika, dan il-patrimonju mużikali għadna ngawduh permezz tal-patrijiet Dumnikani li wirtu l-mużika mingħandu. L-ewwel Dumnikan li mexxa l-orkestra Bugeja kien P. Edgar Gatt OP (bejn l-1967 u 1971, u warajh P. Salv Galea OP, li beda fl-1972 u għadu jieħu ħsieb il-mużika sal-lum.

## Għeluq

Nistgħu ngħidu li l-*cappella Bugeja* hija l-aktar *cappella* li żammet inkarigu twil (u li għadu għaddej) fil-parroċċa ta' l-Imqabba. Waħda mir-raġunijiet għal dan żgur li hija għax **din hija l-isbaħ mużika li tindaqq u tinstema' fil-knisja parrokkjali tagħna**, u dan huwa bix-xieraq li jsir fil-festa titulari. Il-fatt illi għal żmien daqshekk twil il-mużika tal-festa prinċipali tal-parroċċa żammet l-istess repertorju bla ma qagħdet tgħaddi minn surmast għall-ieħor, li dejjem ibiddel x'jindaqq, juri biċ-ċar li dil-mużika hija għal qalb l-Imqabbin tal-lum daqs kemm kienet għal qalb missirijietna li għażluha sebgħin sena ilu! Is-sena l-oħra kelli x-xorti li ndoqq mal-*cappella* fil-ġranet kollha tal-festa u kelli ċ-ċans ingawdi b'mod dirett il-ġmiel ta' dil-mużika. Ikolli nammetti illi kienet esperjenza verament sabiħa u unika, għax żgur li ma kienux ħafna l-mużiċisti Mqabbin li kellhom ix-xorti jdoqqu ma' *cappella* bi storja daqshekk glorjuża! Jalla nibqgħu ngawduha u nitpaxxew biha għal ħafna aktar snin u ma nagħmlu qatt xejn li jista' jtellifna dil-mużika rikka li tkompli tkabbar il-festa li hija tant għal qalbna!

[1] *Cappella* hija kelma oħra flok 'orkestra li ddoqq fil-knejjes'.
[2] Arkivju parrokkjali tal-kolleġġja ta' San Pawl Nawfragu, Valletta, *Lib. Batt.* 1766-1776 vol XI, f 336.
[3] V. Caruana dei Conti Gatto, *Malta artistica illustrata*, Malta 1910, 38.
[4] Arkivju parrokkjali tal-kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, Valletta, *Lib. Mat*. vol XI f 296.
[5] Arkivju tal-Katidral ta' Malta, minuti tal-kapitlu 1806-1810.
[6] Rosemarie Micallef, *The Bugeja musicians*, (teżi ta'B.Ed Hons), Malta 1990, 103.
[7] *In-naħla*, 24 ta' April 1909, 3.
[8] Arkivju tal-Katidral ta' Malta, minuti tal-kapitlu 1826-1830.
[9] *Malta government gazette* 1103, 21 ta' Marzu 1832, 87.
[10] Rosemarie Micallef, *The Bugeja musicians*, Malta 1990, 18.
[11] Arkuvju parrokkjali, Parroċċa tal-Madonna ta' Portu Salvu, *Lib. Batt.* 1798-1810 vol. XIII fol. 434.
[12] R. Mifsud Bonnici, *Mużiċisti u kompożituri Maltin: Maestri di cappella tal-katidral*, Malta 1950, 58.
[13] Il-partitura oriġinali ta' din l-antifona tinsab fl-arkivji mużikali ta' dil-knisja.
[14] (Veru Imkabbi), *Malta tagħna*, 27 ta' Awissu 1904. Għal din is-sena jidhru li saru festeġġjamenti speċjali għax għall-ewwel darba fil-gazzetti nsibu li kien hemm it-tiżjin mat-toroq kollha ta' l-Imqabba. Mhux magħruf sewwasew x'kienet l-okkażjoni, dejjem jekk din ma kienetx il-130 anniversarju mill-konsagragrazzjoni tal-knisja parrokkjali, li kienet saret fl-20 ta' Mejju 1774.
[15] (Veru Imkabbi), *Malta tagħna*, 26 ta' Awissu 1905.
[16] V. Caruana dei Conti Gatto, *Malta artistica illustrata*, Malta 1910, 69.
[17] *La Vallette*, II, Marzu 1926, Nru 3, 42-43.
[18] Diacono kien ilu *maestro di cappella* ta' l-Imqabba mill-1926. Għall-festa ta' Santa Marija Assunta kien kiteb l-antifona *Hodie Maria* (1932) u għall-festa tal-Madonna tal-ġilju kieteb il-*Beata Mater* (1935) li llum għadhom jintużaw fil-festi titulari tal-Qrendi u ta' Marsaxlokk rispettivament. It-tnejn huma kompożizzjonijiet sbieħ ħafna.
[19] Joseph Farrugia *Il-mu_ika sagra fl-Imqabba: maestri di cappella u organisti Mqabbin 1898-1998*, Fuljett tal-Kunsill Lokali Mqabba Nru15, Malta 1998, 4.

Private Tuition
**Mathematics**
(from **Form 1** to **O Level**)
**Physics**
(from **Form 3** to **O Level**)
**Locality:** Mqabba
**Contact:** M. Debattista B. Ed. (Hons.) • **Tel:** 2168 3039 • **Mob:** 7970 7458

Merħba

# Dun Nazzaren Caruana

## Kappillan tal-parroċċa ta' l-Imqabba

Dun Nazzaren Caruana twieled il-Mellieħa nhar it-22 ta' Frar 1947, iben Toni u Ġużeppa xebba Debono. Ġie ordnat qassis mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi nhar l-20 ta' Lulju 1974. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet ġewwa raħal twelidu stess bħala viċi-kappillan sakemm fl-1985 ġie msejjaħ sabiex jaqdi dmirijietu bħala kappillan tal-parroċċa ġar tagħna ta' Ħal Kirkop fejn dam hemmhekk ħames snin. Bejn l-1990 u s-sena 2000 serva bħala kappillan ta' Ħal Lija sabiex fis-sena 2000 sar kappillan tal-parroċċa tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Ħamrun.

F'Awissu li għadda proprju ftit wara l-Festa ta' Santa Marija, Dun Nazzaren beda l-ħidma pastorali tiegħu fostna l-Imqabbin. Ma' kulmin tkellimna fejn ħadem Dun Nazzaren, kulħadd kelma waħda, "Kappillan dħuli u ħabrieki ħafna". U dan diġà urieh bil-fatti tul din is-sena li ilu fostna. Dun Nazzaren wera li ser iwettaq il-missjoni tiegħu bl-akbar serjetà. Ħa ħsieb sabiex mill-ewwel jiltaqa' ma' l-għaqdiet tar-raħal u jsir jaf il-kultura tagħna, filwaqt li jisma' lil kulħadd.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tawgura lil Dun Nazzaren ħidma fejjieda ġewwa l-parroċċa tagħna. Aħna min-naħa tagħna, sa fejn dejjem nistgħu, inwiegħdu u lesti li noffru kull għajnuna li jkun hemm bżonn b'riżq il-ġid tar-raħal għażiż tagħna. Ad Multos Annos.



*Il-Kappillan waqt waħda miż-żjarat tiegħu ġewwa s-sede tas-Soċjetà.*



*Il-President tas-Soċjetà jidher jippreżenta ritratt ta' Santa Marija lill-Kappillan Dun Nazzaren Caruana.*

Apprezzament

# Dun Joe Bartolo

## Ex kappillan fil-parroċċa tagħna

Dun Joe Bartolo twieled nhar il-15 ta' Ġunju 1944. Missieru Ġużeppi u ommu Margerita xebba Micallef. Kien ġie ordnat qassis fil-15 ta' Marzu 1970 mill-W.Rev. Monsinjur, Arċisqof ta' Malta Mikiel Gonzi ġewwa l-Belt Valletta proprju fil-Katidral ta' San Ġwann.



*L-ex-Kappillan Dun Joe Bartolo waqt il-purċissjoni bl-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija nhar il-15 ta' Awissu.*

Qabel ma sar kappillan tal-parroċċa tagħna ġewwa l-Imqabba, Dun Joe Bartolo wettaq ħidma pastorali fil-parroċċi ta' San Ġorġ ġewwa Ħal Qormi u fil-parroċċa tal-Gżira. Fil-fatt kien beda l-ħidma pastorali ġewwa l-Imqabba nhar l-ewwel ta' Jannar 1992.

Hu ħa l-pussess tiegħu fit-8 ta' Frar 1992. Dam fostna għal aktar minn tnax-il sena u nofs fejn fost affarijiet oħra ta bidu għal restawr fil-knisja kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa. Issa, Dun Joe ġie msejjaħ biex jaqdi dmirijietu fil-parroċċa ta' Stella Maris.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tirringrazzja lil Dun Joe Bartolo tal-ħidma fejjieda tiegħu fostna l-Imqabbin.

# Sena ta' Xogħol mill-Qalb

## Kitba ta' Franġiska Ghigo, Fergħa tan-Nisa

Awissu reġgħa magħna! Xahar li fih iġib ħafna ferħ, għaliex bla ma trid thoss ċertu ferħ intern għax taf li f'nofsu eżatt tiġi ċċelebrata l-akbar festa lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, Santa Marija. Għalina l-Imqabbin hija festa ta' ferħ bla tmiem li nkunu qed nistennew fuq ix-xwiek u li minn sena għal oħra litteralment inkunu qegħdin ngħixu għaliha.



*Is-Sinjura Mary Zahra tippreżenta offerta lis-Soċjetà b'riżq il-proġett tal-planċier.*

Din is-sena bħal kull sena oħra, aħna n-nisa kellna sena ta' xogħol u sagrifiċċji fejn komplejna niġbru fondi biex dejjem ngħinu lis-Soċjetà tagħna sabiex jittaffew xi ftit mill-ispejjeż kbar li jinħtieġu għal festa kbira bħalma hija l-Festa ad unur Santa Marija Patruna ta' l-Imqabbin kollha.

Filfatt din is-sena l-fergħa tagħna ser terġa' tippreżenta somma konsiderevoli ta' flus b'riżq il-Planċier u l-bini ġdid fil-proprjetà li xtrajna biswit is-sede tagħna. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-soċi u partitarji kif ukoll ħbieb oħra ta' l-attendenza fl-attivitajiet kollha li norganizzaw kull xahar bħalma huma '*coffee mornings*', lotteriji u anke xi ħarġiet li norganizzaw minn żmien għal żmien..

Ringrazzjament speċjali jmur lejn sħabi membri tas-sotto kumitat u diversi nisa oħra li matul is-sena kollha jagħmlu sagrifiċċji kbar sabiex jiġbru l-fondi meħtieġa u jbiegħu biljetti tal-lotteriji u attivitajiet oħra li jiġu organizzati kemm mill-fergħa tan-nisa kif ukoll mis-sezzjonijiet l-oħra fi ħdan is-Soċjetà. Hawn nagħmel appell sinċier biex jekk jogħġobkom nieħdu sehem f'kull attività li tiġi organizzata, kemm fiċ-ċelebrazzjonijiet ġewwa l-knisja kif ukoll attivitajiet esterni, filwaqt li nġibu ruħna ta' nies serji u maturi.

Nirringrazzja ukoll lil dawk in-nisa li b'sagrifiċċju kbir jieħdu ħsieb it-tindif tal-każin. Nixtieq inħeġġiġkom sabiex f'dawn il-ġranet ta' ferħ u ta' għożża għalina lkoll nersqu aktar lejn is-sagramenti b'mod partikulari s-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin sabiex il-festa tagħmel aktar sens f'ħajjitna u hekk inkunu qed inqimu lil Ommna Marija tas-Sema flimkien ma' Binha Gesu'.

Għaliex x'jiswa li niċċelebraw festa ad unur il-Madonna u mbagħad inkunu l-bogħod mis-sagramenti!

**VIVA SANTA MARIJA PATRUNA TA' L-IMQABBIN KOLLHA.**



GasanMamo Insurance Limited is authorised to carry on business of insurance regulated by the MFSA

# Ġrajjiet l-Istorja tas-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Tagħna

Miġburin f'din is-sala ferħana
F'din il-lejla għalina ta' ġieħ
Biex infakkru ġrajjiet ta' qabilna
Li għalina, ilkoll huma sbieħ.

Matul dawn, il-jiem sbieħ, ta' mitt sena
Kompliet tikber u aktar tisbieħ
Flok xjaħet, baqgħet żagħżugħa mżejna
Kollox ġmiel, li titpaxxa sew bih.

Id-diriġenti, b'ħeġġa mimlijin
Ma qatgħux lura, bħal nies dgħajfin
Imma ħabirku, għax kienu beżlin
U meddew għonqhom ta' wlied għaqlin.

Dar sewwa sabu, biex din, ġiet każin
Hemm bdew jiltaqgħu u kollha mħeġġin
Jaħdmu, jirsistu, tarahom henjin
Jagħtu ħilithom, ma jaħlux ħin.

Fl-Imqabba, sew sew sittin sena ilu
Orkestra waqqfu grupp ta' Mqabbin
Biex bis-sehem tagħha, il-festa jkabbru
U wrew kemm huma, nies maturin.

Din l-orkestra, f'ġieħ Santa Marija
Kienet ta' fejda għall-Imqabbin
Bis-servizzi li tagħti fil-knisja
Ferħet qlubhom, dawn in-nies twajbin.

Minn orkestra, din saret il-banda
Kompliet tikber, fin-numru tiżdied
Għadd ta' soċi, ingħaqdu f'din l-għaqda
Jaħdmu riedu, mingħajr ebda fsied.

Għadda ż-żmien u dil-banda Mqabbija
Issudat u ġiet waħda mill-kbar
Taht il-harsa ta' Santa Marija
Illum soda, b'ulied ta' l-azzar.

Għandha ħajja bil-ħeġġa f'ħidmietha
Hawn fl-Imqabba qed toffri frott bnin
U żgur tgħaxxaq kull min jisma' lilna
F'xi programm, b'dawk in-noti ħelwin.

Bir-raġun, għax fl-Imqabba din ilha
Sittin sena, f'servizz bla waqfien
B'dawk il-marċi ssemmgħalna leħenha
Kuljum tissoda, mxiet 'il quddiem.

L-Imqabbin, jgħożżuk ġawhra fi qlubhom
Għax għalihom int kont ta' unur
U żgur qatt, ma ħammart il-wiċċ tagħhom
Ġieħek, dejjem 'il fuq, kull fejn tmur.

Int ma bqajtx, biss il-banda tar-raħal
Servizz tagħti, fl-irħula u l-bliet
U fil-festi dak leħnek int twassal
Bla jistona u mimli ħlewwiet.

Ta' min jgħid illi ukoll barra xtutna
Tat servizz meqjus wieħed mill-kbar
Bl-ogħl' unuri ġiet lura lejna artna
Sew ferħana kburin b'li sar.

Din is-sena ukoll qed infakkru
Seba' snin, dak il-premju hekk kbir
Ġrajja oħra ta' ġieħ għal dil-banda
Li jixirqilha, l-ogħla tifħir.

Il-Premju Les Etoiles d'Or du Jumellage
Din il-Banda ta' Santa Marija
Poġġiet postha mal-kbar u qed tħossha
Onorata, u bih kburija.

Dan il-premju, ta' ġieħ liema bħalu
Qatt ma deher ġo l-Imqabba bħal dan
Għax unur, prestiġġjuż, sew jixraqlu
Li jibqa' jgawdi, rispett kotran.

Ħalli jdoqqu il-qniepen ferħana
Biex ixandru bil-ferħ dal-ġrajjiet
Illi jnisslu dil-hena ġo qlubna
Għax sbieħ huma, dawn it-tifkiriet.

President, kumitat u bandisti
Id f'id ibqgħu, bħal aħwa, flimkien
Mill-qalb aħdmu u mhux bil-burdati
Biex iwarrad, il-ward kullimkien.

Kompli tpaxxa Patruna Marija
B'din il-Għaqda għalik issemmiet
Minn fejn qiegħda, fil-ġenna, fil-glorja
Fuqha ixħet, kull sliem u barkiet.

Jiena naf, li ilkoll taqblu miegħi
Li dil-Għaqda Santa Marija
Żgur li m'għandu jkun hemm ebda dubju
Li tgawdi biss, kliem ta' foħrija.

Qormi
Is-Sibt, 2 ta' April 2005

**Carmel Bianchi**

**Nota:** Din il-poeżija nqrat mill-poeta Carmel Bianchi waqt Serata Mużiko-Letterarja fis-Sala Sir Robert Samut, il-Furjana, is-Sibt, 2 ta' April 2005. Din is-sena kienet taħt il-Patroċinju ta' l-Onor. Dr. Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni.

# Sena oħra ta' Ħidma

## Is-Sur Anthony Ellul, Direttur tal-Każin

Għal darb'oħra mess lili sabiex permezz ta' din il-paġna nagħtu rendikont ta' dak kollħu li sar matul is-sena li għaddiet b'mod speċjali fejn tidħol is-sede tagħna. Però qabel xejn nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat li għal darba oħra sibt appoġġ kbir fejn jidħol il-qasam tiegħi. Insellem ukoll bħas soltu lir-residenti kollha tal-lokal tagħna b'mod partikolari lil dawk li għoġobhom jagħżlu lir-raħal tagħna bħala r-residenza tagħħom. Bħas-soltu nistedinkom taslu sal-każin b'mod speċjali issa li waslet il-festa.

Ilna ngħidu mhux ħażin rigward l-estensjoni tal-każin u jekk Alla jrid issa verament wasalna fl-aħħar fażi tal-permessi meħtiega. Matul dawn l-aħħar xhur kellna diversi laqgħat mal-perit tal-każin Dr. Edwin Mintofu mad-disinjatur tal-faċċata s-Sur Vince Centorino u wara mal-uffiċjali tal-MEPA sabiex flimkien issottomettejna disinji ġodda li jidher li ntlaqgħu mill-Awtoritajiet konċernati. Minn hawn nixtieq f'isem sħabi tal-kumitat nirringrazzja lill-perit u lis-sur Centorino tax-xogħol utli li għamlu matul din is-sena.

Għal darb'oħra bħalma titlob sede bħal tagħna kien hemm bżonn ta' manutenzjoni ġewwa l-każin. Fil-fatt apparti li nżebagħ parti mill-każin, kien wasal iż-żmien sabiex jiġi restawrat is-saqaf tas-"sala artistika". Fil-fatt wara li għaddew il-festi tal-Milied intrama *scaffolding* sabiex ix-xogħol seta' jsir bil-kumdità u b'delikatezza u ġiet ukoll protetta i

l-pittura tal-ħitan. Dan ir-restawr kien jinvolvi tqaxxir mill-ġdid taż-żebgħa eżistenti, bdil ta' dekorazzjoni li kienet spiċċat u induraturi tad-deheb mal-gwarniċi tas-saqaf. Xogħol delikat li ħadilna ftit żmien mhux ħażin, speċjalment l-induratura tad-deheb li tat dehra aktar sinjura li din is-sala unika. L-induratura saret mis-sur Mario Camilleri filwaqt li x-xogħol ta' tindif, bdil ta' dekorazzjoni u żebgħa sar minn membri tal-kumitat. Nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil kull min medd idu jew b'xi mod ta sehmu f'dan ir-restawr. Saret ukoll sistema ġdida ta' dawl kontinwu fuq iċ-ċinta. Hija x-xewqa ta' bosta li issa naraw dan is-saqaf imżejjen bil-pittura kif wara kollox huwa xieraq.



*Is-Sur Mario Camilleri waqt ix-xogħol ta' induratura bid-deheb fuq is-saqaf tas-sala prinċipali.*

Qabel nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi bħas-soltu napella sabiex nibżgħu għas-sede tagħna. Niftakru li l-affarijiet li għandna ma ġewx b'xejn iżda b'sagrifiċċji tagħna u ta' missirijietna. Nixtiequ li matul is-sena jkollna aktar appoġġ f'dik li hija manutenzjoni wisq u wisq aktar jekk tinbeda l-estensjoni tal-każin li tant hija meħtieġa.

F'din l-okkażjoni tal-Festa ta' l-Imqabba, flimkien ma' l-irħula u l-ibliet li bħalna jiċċelebraw l-Assunta nawgurawlkom jiem sbieħ ta' festa denja kif jixraq lil Ommna Marija.

Website uffiċjali tas-Soċjetà
www.santamarija.com

# Marija, l-Arka tal-Patt il-Ġdid

## Kitba ta' Fr. Hector Scerri

Fl-ewwel jum ta' Ġunju ta' din is-sena, il-Papa l-ġdid Benedittu XVI, f'diskors qasir li għamel fil-Ġonna tal-Vatikan ħdejn statwa devota tal-Madonna, stqarr hekk: "Marija hija l-Arka tal-Patt il-ġdid u t-tabernaklu ħaj ta' Alla-magħmul-bniedem. Permezz tagħha, il-Mulej żar u feda l-Poplu tiegħu. Il-preżenza ta' Ġesù timlieha bl-Ispirtu s-Santu".

Naturalment, l-għajn ta' riflessjoni bħal din ġej mill-fatt li Marija ġarret lil Ġesù għal disa' xhur sħaħ qabel twelidu. Nafu ukoll, mill-Vanġelu ta' San Luqa, li Marija żaret lil qaribitha, Santa Eliżabetta. Hemmhekk għandna rakkont mill-isbaħ dwar il-laqgħa li kellhom dawn iż-żewġ ommijiet li kienu qed jistennew tarbija. Nafu xi kliem ta' fidi u radd il-ħajr lissnu.

Dwar Marija bħala Arka tal-Patt il-ġdid u "l-ewwel Tabernaklu", huwa importanti li nkunu ċari b'dak li qegħdin nifhmu. Qabel kollox, importanti li ngħidu x'irridu nfissru b'*tabernaklu*. *Tabernaklu*, fil-kuntest reliġjuż Lhudi jirreferi għall-*Post il-Qaddis* (bl-Ingliż, *Holy of Holies*) fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Kif naqraw fit-Testment il-Qadim, huwa dak l-imkien fejn kien hemm *l-Arka tal-Patt*, *sinjal li jidher* li Alla hu preżenti fost il-Poplu tiegħu biex imexxih u jħarsu. L-Arka kienet bħal kaxxa (b'tul ta' ħames piedi bi tliet piedi wisa' bi tliet piedi għoli) li fiha kienu jinżammu t-twavel tal-Liġi li Alla ta lil Mose'. Il-Post il-Qaddis ma seta' jidħol ħadd fih, ħlief il-Qassis il-Kbir Lhudi li seta' jidħol fih darba fis-sena biss. Mela, il-Post il-Qaddis għal-Lhud kien sinjal qawwi tal-preżenza ta' Alla fost il-Poplu tiegħu.

Għaldaqstant meta nitkellmu dwar Marija bħala Arka tal-Patt u tabernaklu, it-tifsira hi li Marija ġarret lill-Iben ta' Alla magħmul bniedem f'ġufha għal disa' xhur sħaħ. Għalhekk, mhux biss spiritwalment, imma qabel kollox fiżikament, Marija hija tabernaklu ta' Alla għax Alla kien qed jgħammar f'ġufha. Hemm innu magħruf ħafna fost il-Knejjes tal-Lvant, innu li jġib l-isem ta' *Akathistos*, li fih il-poplu jfaħħar lil Marija b'dawn il-kelmiet: "Ifraħ, int tabernaklu ta' Alla u tal-Verb divin".

Bosta qaddisin u kittieba tal-qedem tkellmu dwar dan il-fatt jew b'dan il-mod jew bi kliem jixbhu. San Ġermanu ta' Kostantinopli jiddeskrivi lil Marija bħala "dik li bl-aktar mod sħiħ kienet il-post ta' l-għamara ta' Alla". San Efrem tas-Sirja jgħanni li Marija hija "l-imkien fejn jgħammar l-Ispirtu s-Santu". San Ċirillu ta' Lixandra jitkellem dwar Marija bħala "t-tempju li ma jistqax jinqered, u l-post fejn jgħammar dak li xejn ma jesgħu". San Ġlormu jistqarr li l-Madonna hija "t-tempju tal-ġisem tal-Mulej" u "s-santwarju ta' l-Ispirtu s-Santu". Imbagħad, fil-liturġija Biżantina, lejlet il-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, Marija tissejjaħ "il-veru tempju tal-Verb Divin".



*Fr. Hector Scerri jispjega lin-nies preżenti kif Marija hija l-Arka tal-Patt waqt waħda mil-laqgħat fil-Ġimgħa Marjana.*

Anke meta naqraw is-silta li aħna mdorrijin nisimgħu li tirrakkonta l-Viżitazzjoni, u nikkontemplaw din ix-xena, naraw kemm hu veru li Marija tista' tissejjaħ Arka tal-Patt: "Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: 'Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ" (Lq 1, 41-44).

Marija wasslet il-preżenza ta' Alla fid-dar ta' Żakkarija u Eliżabetta. Bir-raġun kollu, hawnhekk inħarsu lejn Marija bħala l-Arka tal-Patt il-Ġdid u tabernaklu ta' Alla. Tant hu hekk li huma ħafna l-kittieba u l-istudjużi tal-Bibbja li jqabblu din il-ġrajja u t-tliet xhur li Marija għaddiet għand Eliżabetta mar-rakkont li jitkellem dwar it-tliet xhur li l-Arka tal-Patt il-Qadim kienet għamlet fid-dar ta' Għobed-edom fi triqitha lejn il-belt ta' Ġerusalemm, fi żmien is-sultan David. Tul dawk it-tliet xhur, Għobed-edom u daru mtlew b'kull barka minn Alla (ara 2 Sam 6,9-12): "U David... ħadha (i.e. l-Arka) fid-dar ta' Għobed-edom il-Gitti. U l-Arka tal-Mulej baqgħet f'dar Għobed-edom il-Gitti tliet xhur sħaħ. U l-Mulej bierek lil Għobed-edom u 'l daru kollha".

Li nitkellmu dwar Marija bħala l-Arka tal-Patt il-ġdid u tabernaklu tal-preżenza ta' Alla fis-sens li fissirna s'issa, m'għandux joħolqilna

diffikultajiet. Fiżikament Marija kienet qiegħda ġġorr it-tieni persuna tat-Trinità Qaddisa, Alla magħmul bniedem.

Tajjeb, imma, li noqogħdu ftit attenti meta nsejħu lil Marija "tabernaklu". Jeħtieġ li nkunu ċari. Aħna, fit-tabernakli tal-knejjes tagħna, inżommu lil Ġesù Sagramentat. Dan huwa, mela, il-Ġisem glorjuż ta' Kristu Rxoxt, preżenti sagramentalment. Jiġifieri, għalkemm fil-ġuf ta' Marija tassew kien hemm Ġesù, imma l-ġisem ta' Ġesù f'dan il-każ kien għadu mhux il-ġisem glorjuż li kellu wara l-Qawmien. Mela, huwa tassew Ġesù li kien fiżikament preżenti fil-ġuf ta' Marija, imma mhux is-sagrament ta' l-Ewkaristija. Hija l-istess identità ta' Ġesù, imma trasformata wara l-Qawmien, u għalhekk il-bidu ta' ħolqien ġdid.

Huwa tassew interessanti dak li jgħid is-Serv ta' Alla l-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-aħħar sezzjoni ta' l-enċiklika, *Ecclesia de Eucharistia* (17 ta' April 2003). Hemm huwa jiddedika għadd ta' riflessjonijiet dwar Marija; "il-mara Ewkaristika".

Il-mibki Ġwanni Pawlu II ma jgħidx li Marija hija tabernaklu, imma bi kliem preċiż ħafna jistqarr li "***qisha*** tabernaklu". Is-silta sħiħa tgħid hekk: "Meta marret iżżur lil Elizabetta bl-Iben ta' Alla magħmul bniedem f'ġufha, hija saret *qisha* 'tabernaklu', l-ewwel 'tabernaklu' fl-istorja li fih l-Iben ta' Alla, li kien għadu ma jidhirx f'għajnejn il-bnedmin, ippreżenta ruħu lil Elizabetta biex tadurah, u bħallikieku mlieħa bid-dawl tiegħu permezz ta' l-għajnejn u l-leħen ta' Marija" (paragrafu 55c).

Marija għandha rwol ċentrali fil-missjoni ta' Binha Ġesù. Kif naqraw u nitgħallmu fil-Vanġelu, kif ukoll mit-Tradizzjoni kostanti tal-Knisja, Marija, "l-Omm twajba tal-Feddej u qaddejja umli tal-Mulej... issieħbet miegħu f'ħidmietu. Hi nisslet lil Kristu, wilditu, rabbietu, offrietu lill-Missier fit-tempju, u sofriet ma' Binha huwa u jmut fuq is-salib; b'hekk hi kellha sehem speċjali fil-ħidma tas-Salvatur" (Konċilju Vatikan II, *Lumen Gentium*, paragrafu 61). Huwa għalhekk li fil-Providenza tiegħu Alla ried li Marija tkun "il-bint l-aktar maħbuba Tiegħu u s-santwarju ta' l-Ispirtu s-Santu" (*Lumen Gentium*, 53). Huwa għalhekk li nistgħu nsejħu lill-Madonna, l-Arka tal-Patt il-Ġdid — il-Patt li wettaq Binha Ġesù bil-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tiegħu.





# Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Ħidma solida u kredibbli

**Kitba ta' Carlo Sciberras, President**

Reġa' wasal ix-xahar ta' Awissu; ix-xahar li jqanqal ferħ kbir fostna d-devoti ta' Ommna Marija mtellgħa s-sema. Xahar li għalina l-Imqabbin huwa wieħed memorabbli fejn kull sena tiġi ċċelebrata bil-kbir il-Festa Titulari tar-raħal; festa kompluta li tgawdi minn popolarità kbira fost id-dilettanti tal-festi li ta' kull sena jinvadu r-raħal tagħna.

Sabiex ta' kull sena tiġi ċċelebrata bl-iktar mod professjonali din il-festa, wieħed irid iqis ix-xogħol kontinwu li jsir tul is-sena, fejn għat-tnax-il sena konsekuttiva s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija reġgħet kienet minn ta' quddiem fl-innovazzjoni u organizzar ta' attivitajiet li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal dan l-avveniment uniku ġewwa l-Imqabba.



*Il-Bandalora Artistika… Frott il-Ħidma u d-dedikazzjoni tas-Sezzjoni Żgħażagħ.*

Il-festa 2004 kienet oħra memorabbli, mimlija suċċessi fejn is-Sezzjoni Żgħażagħ għal darb'oħra reġgħet naqqxet b'ittri tad-deheb l-isem tagħha, fejn mingħajr tlaqliq ta' xejn tajna prova ċara li din is-Sezzjoni qiegħda twettaq ħidma solida u kredibbli li ta' kull sena qiegħda tgħolli isem l-ewwel Soċjetà Mużikali u r-raħal tagħna l-Imqabba. Bla dubju ta' xejn spikkat l-organizzazzjoni eċċezjonali fil-marċ ta' l-aħħar tridu fejn ġiet inawgurata l-Bandalora artistika li hija unika kemm fl-Imqabba kif ukoll fl-inħawi tagħna. Bandalora li ssorprendiet u affaxxinat lill-folla preżenti bid-dimensjoni tagħha u wisq iktar b'pittura mill-isbaħ ta' Ommna Marija mtellgħa s-sema, xogħol l-artist membru fi ħdan din is-Sezzjoni, is-Sur Alvin Livori, liema xogħol sar b'dedikazzjoni qawwija u mingħajr ebda ħlas. F'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ nirringrazzja lil dan l-artist ferm

**Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ 2004/2005:**

***President**: Carlo Sciberras*
***Viċi President**: Pauline Farrugia*
***Segretarju**: Nicholas Baldacchino*
***Viċi Segretarju**: Mario Zammit*
***Kaxxier**: Renee Pace*
***Ass. Kaxxier**: Charmaine Farrugia*
***PRO**: Jonathan Mifsud*

prominenti u nawguralu kull suċċess fil-karriera tiegħu.

Ta' min jgħid li ġewwa l-Imqabba qatt ma ntlaħqu livelli ta' briju bħal dan, briju bbażat fuq opri artistiċi **Marjani** u mhux fuq affarjiet Karnivaleski li jwaqqgħu l-kunċett ta' festa Kattolika. Ma tistax ma tiġix affaxxinat minn dawn l-opri u l-atmosfera li ta' kull sena tinħoloq waqt dawn il-marċi. Biżżejjed wieħed isemmi żewġ kapolavuri bħall-imrewħa l-Kbira u l-Bandalora Artistika li juru x-xbieha ta' Ommna Marija akkumpanjati mid-daqq tas-sirena li hija sinonima mal-ġrajja tal-Konvoj, nar ta' l-ajru mill-aqwa u folla kbira ta' partitarji entużjasti f'atmosfera unika għar-raħal tagħna sabiex wieħed jista' faċilment joħroġ bil-konklużjoni li s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tat nifs ġdid lir-raħal ta' l-Imqabba fil-qasam ta' briju innovattiv. Ta' min jgħid ukoll li briju bħal dan jibqa jiddomina sa quddiem il-Palazz tas-Soċjetà tagħna fejn il-qofol jintlaħaq waqt l-Innu Marċ lil Marija Assunta tas-Sur Leonard Farrugia.

Ta' min isemmi ukoll il-mod tassew uniku u attraenti




*L-ewwel Song Festival ġewwa l-Imqabba; il-premjazzjoni tal-kantanti.*

ta' kif tintrama l-pjazza tar-raħal. Pjazza mgħammra bl-ifjen armar, armar li taraħ biss fil-Festa Titulari. Is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna hija strumentali f'dan ir-rigward; dan jixhduh l-opri artistiċi li żżanżnu tul dawn l-aħħar tnax-il sena u l-organizzazzjoni waqt l-armar, fejn numru tajjeb ta' żgħażagħ jieħdu ħsieb sabiex tintrama l-pjazza u t-toroq kollha tar-raħal. Minn dan l-ispunt nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lis-Sur Philip Farrugia li ta' kull sena jipprovdilna mingħajr interessi l-makkinarju tiegħu sabiex inkunu nistgħu narmaw b'mod mill-aktar komdu.

Fit-22 ta' Awissu 2004 sewwasew fl-Ottava tal-Festa, is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat b'suċċess kbir l-ewwel festival tal-kanzunetti ġewwa l-Imqabba bl-isem ta' 'The Mqabba Song Festival'.

Dan l-ewwel Festival ġewwa l-Imqabba ġibed numru sabiħ ta' kantanti lokali. Fil-fatt kellna diversi kategoriji ta' kant u etajiet, u waqqafna ġurija professjonali komposta minn persuni kwalifikati fil-kamp Mużikali fejn kull kategorija ġiet ippremjata. Kellna udjenza tassew numeruża li ħonqot il-pjazza ta' l-Imqabba. Insomma, kienet attività innovattiva li għalqet b'mod xieraq iċ-ċelebrazzjonijiet kbar tal-festa 2004. L-għan prinċipali ta' dan il-Festival kien li jingħata *wheelchair* lil persuna bi bżonnijiet speċjali mil-lokalità tagħna. Dan il-*wheelchair* ġie rregalat lil tifel ta' 7 snin. Barra minn hekk, l-istess Sezzjoni tat donazzjoni oħra fi flus bl-iskop li jinxtara *wheelchair* ieħor lil persuna oħra bi bżonnijiet speċjali.



***Is-Sezzjoni Żgħażagħ tirregala 'wheelchair' lil tifel mil-lokalità fl-okkażjoni tal-Miss Malta Talent Show ġewwa l-Buskett Road House.***

Kienet serata memorabbli mimlija varjetà fost kant, żfin, reċtar u ikel fejn spikkat l-organizzazzjoni mill-aktar professjonali tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Bħas-soltu l-ikel kollu għal din l-attività kien ippreparat mill-partitarju s-Sur Vince Attard. F'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ nirringrazzjah mill-qalb ta' l-għajnuna volontarja li dejjem joffri. Dan il-*wheelchair* gie ppreżentat fit-2 ta' Ottubru 2004 fl-okkażjoni tal-'Miss Malta Talent Show' ġewwa l-Buskett Road House, fejn waqt id-diskors ta' l-okkażjoni, is-Sezzjoni Żgħażagħ emfasizzat fuq l-importanza ta' l-għanijiet filantropiċi miż-żgħażagħ. F'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ nirringrazzja lill-kantanti kollha li ħadu sehem, lil sħabi membri tal-Kumitat, lil GM Productions u lil kull min kien involut sabiex l-ewwel Festival tal-kanzunetti ġewwa l-Imqabba jkun ta' suċċess kbir. Għal darb'oħra s-Sezzjoni Żgħażagħ reġgħet kienet eżemplari fl-organizzazzjoni u innovazzjoni.



***Id- Delegazzjoni Taljana flimkien mal- membri tas- Socjeta' u s-Sindku ta' l- Imqabba waqt iz- zjara ta' preparazzjoni ghall-Iskambju bejn iz- zewg Ghaqdiet ta' Zghazagh***

Ħadna l-inkarigu li noħorġu DVD/VHS tal-festa 2004 li ntlaqa' tajjeb fost il-partitarji u li huwa tifkira sabiħa u dejjiema tal-festa kbira li ġiet iċċelebrata din is-sena. Ta' min jgħid li konna l-ewwel u l-unika għaqda ta' żgħażagħ li ħarġet DVD/VHS tal-festa ġewwa l-Imqabba.

Hekk kif tlestew il-fażijiet ta' żarmar u kollox intrefa' fl-imħażen tagħna, il-Kumitat taż-Żgħażagħ reġa' ġġedded u flimkien tajna bidu għal sena oħra ta' ħidma u impenn fi ħdan din l-ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba. Tfassal pjan strateġiku u fuq kollox realistiku fejn ħriġna b'bosta ideat brillanti u kkonkludejna ukoll fuq proġett li jinvolvi ħafna xogħol li ilu jberraq f' moħħna tul dawn l-aħħar snin. Fil-fatt fil-festa ta' din is-sena ser jingħata bidu għal skambju kulturali bejn is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija u s-Sezzjoni Żgħażagħ ta' l-*Associazioni Cristiane Lavoratori Italiani* ta' Cirò fl-Italja li ser ikunu magħna bejn it-12 u l-20 ta' Awissu 2005. Skambju bit-tema '*Nitgħallmu minn xulxin bħala ċittadini ta' Ewropa waħda mill-Kultura u Tradizzjonijiet'* li ġie approvat mill-Unjoni Ewropeja wara ħidma konsistenti u organizzazzjoni liema bħalha mis-Sezzjoni Żgħażagħ fejn inżammu numru ta' laqgħat u diskussjonijiet ma' diversi korpi kostitwiti f'dan ir-rigward. Nieħu l-opportunità sabiex f'isem sħabi membri tal-Kumitat nirringrazzja lis-Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ is-Sur Nichols Baldacchino li ħadem ħafna fuq dan il-proġett, kif ukoll lill-Onor. Ministru Dr. Louis Galea, li kien tassew viċin tagħna tul il-proċess kollu.

F'Settembru nġabret il-*membership* fejn kellna żieda sostanzjali fit-tesserati żgħażagħ. Huwa ta' pjaċir kbir għalina li naraw din il-fortizza ta' żgħażagħ dejjem tikber u titkattar tul is-snin. Il-lotteriji ma naqsux, fil-fatt ta' kull xahar ħadna ħsieb sabiex tittella' lotterija fejn in-numru ta' parteċipanti jkun wieħed inkoraġġanti għall-aħħar. Minn hawn nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil partitarja ħabrieka s-Sinjura Doris Camilleri ta' l-għajnuna siewja tagħha fil-bejgħ ta' biljetti tul dawn il-lotteriji kif ukoll fl-ikliet li

norganizzaw. Ta' min jgħid ukoll li s-Sinjura Camilleri tkun ta' għajnuna kbira għal kull fergħa fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

F'Ottubru organizzajna ikla ġewwa l-Każin, ikla li tassew kienet organizzata tajjeb fejn kellna numru sabiħ ta' partitarji. Bħas-soltu l-ikel kien f' idejn is-Sur Vince Attard li b'dedikazzjoni liema bħalha dejjem joħroġna ta' rġiel. Fl-10 ta' Ottubru l-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv attenda għaċ-ċerimonja tal-Pussess tal-Kappillan il-Wisq Reverendu Dun Nazzaren Caruana ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba. F'isem is-Soċjetà tagħna nawguralu kull suċċess fil-ħidma Pastorali tiegħu fostna. Fis-17 ta' Ottubru kellna ż-żjara ta' l-E.T. l-President ta' Malta fejn iltaqa' mal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ u ddiskutejna l-irwol u l-funzjoni taż-żgħażagħ tagħna fi ħdan is-Soċjetà. Ottubru huwa x-xahar li fih jiġi ċċelebrat Jum l-Imqabba. Is-Sezzjoni Żgħażagħ attendiet bi ħġarha għal dawn l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali. L-għeluq ta' dawn l-attivitajiet ġew iċċelebrati fl-24 ta' Ottubru b'marċ madwar it-toroq tar-raħal mill-Banda tas-Soċjetà, il-Banda Re Ġorġ V, banda li dejjem



**Il-Kappillan Dun Nazzaren waqt attività fil-każin organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Jidher ukoll id-Direttur Spiritwali Fr. Joseph Zahra OP.**

ħaddnet talent żagħżugħ, u għal darb'oħra s-Sezzjoni Żgħażagħ ħadet sehem f'din l-attività.

F'Novembru ġiet organizzata laqgħa mal-Kappillan il-ġdid ġewwa s-sede tas-Soċjetà fejn ġie introdott mal-membri tas-Soċjetà. Hawnhekk il-Kappillan ingħata merħba mill-Kumitat Eżekuttiv u s-Sotto Kumitati fi ħdan is-Soċjetà. F'Diċembru organizzajna l-ikla tradizzjonali tal-Milied ġewwa s-Seabank Hotel l-Għadira, ikla tassew popolari li kull sena tiġbed ammont kbir ta' soċi u partitarji. Fl-istess xahar attendejna għal-laqgħa ġenerali annwali fejn tajna rendikont tal-ħidma li wettqet is-Sezzjoni Żgħażagħ tul il-ġranet tal-festa. Għat-tieni sena konsekuttiva ppubblikajna l-Kalendarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ; l-uniku kalendarju maħruġ miż-żgħażagħ ġewwa l-Imqabba.

Fl-aħħar ġranet tax-xahar ta' Diċembru s-Soċjetà ġarrbet it-telfa kiefra ta' l-għażiż Joseph Galea, membru ferm attiv fi ħdan l-Għaqda tan-Nar tagħna. Ta' min jgħid li Joseph kien ukoll ta' għajnuna għas-Sezzjoni Żgħażagħ tul is-snin. Aħna konvinti li Joseph ser jiqa' mnaqqax fil-qlub tagħna ż-żgħażagħ u l-membri kollha tas-Soċjetà.

Bħala ringrazzjament għas-sena 2004 u bidu tas-sena 2005 ħsibna sabiex norganizzaw ġurnata attivitajiet. Fil-fatt fid-9 ta' Jannar tellajna ġurnata memorabbli li tassew intlaqgħet tajjeb mill-partitarji. Bl-iktar mod xieraq ħadna ħsieb norganizzaw quddiesa ta' ringrazzjament ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba u aktar tard *get together* għaż-żgħażagħ tagħna fejn stedinna lill-Kappillan Dun Nazzaren Caruana u d-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Fr. Joseph Zahra għall-kelmtejn ta' l-okkażjoni. L-ikel kollu ġie ppreparat volontarjament mis-Sinjura Polly Sciberras. Din il-Ġurnata ntemmet b' Football Tournament ġewwa l-Imqabba Syntetic Pitch bejn il-Kumitat taż-Żgħażagħ, il-Kumitat Eżekuttiv u l-Għaqda tan-Nar. Kienet tassew esperjenza sabiħa fejn it-tim kompost mill-Kumitat taż-Żgħażagħ rebaħ dan it-Tournament.

Fi Frar ingħata bidu għall-kompetizzjoni tad-Darts ġewwa l-każin b'numru tajjeb ta' parteċipanti żgħażagħ. Dan ix-xahar kien wieħed ta' importanza kbira fejn ingħata bidu għall-proġett ambizzjuż li jirrigwardja l-ġranet tal-Festa fejn ser naraw xi affarijiet ġodda għar-raħal tagħna fil-festa 2006. Inħadmet ukoll ammont konsiderevoli ta' liedna fejn is-Sur Raymond Vella u s-Sur Antoine Abdilla reġgħu kienu ta' importanza kbira. Minn hawnhekk nirringrazzjawhom mill-qalb.

Għat-tielet sena konsekuttiva kellna numru ta' żgħażagħ li pparteċipaw fis-Sezzjoni C tal-Karrijiet Trijonfali tal-Karnival fejn b'impenn kbir irnexxielhom jikkwalifikaw fit-Tieni post, b'karru trijonfali mill-isbaħ. Ta' min ifaħħar dan it-talent żagħżugħ li tħaddan is-Soċjetà tagħna. Għal darb'oħra s-Sezzjoni Żgħażagħ kienet ta' kontribut kbir għal dawn iż-żgħażagħ.

Fis-6 ta' Marzu organizzajna *Buffet* ġewwa La Vallette Resort f'San Ġiljan fejn għal darb'oħra kellna numru eċċezzjonali ta' partitarji. Marzu kien xahar tassew interessanti fejn fuq inizjattiva tal-Kappillan tal-Parroċċa ġew organizzati diversi attivitajiet bi preparazzjoni għall-Festi ta' l-Għid il-Kbir. Dawn l-



**Selezzjoni mill-Banda Re Ġorġ V waqt l-eżerċizzji spiritwali.**



*Iż-Żgħażagħ tagħna ħadu sehem fil-Via Sagra.*

attivitajiet kienu mifruxin fuq ġimgħa sħiħa bejn l-14 u t-18 ta' Marzu. Ta' min jgħid li dawn l-attivitajiet ġew imtellgħa bis-sehem sħiħ tas-Sezzjonijiet taż-Żgħażagħ taż-żewġ każini tal-Baned Imqabbin, fejn għall-ewwel darba fl-Imqabba inħass is-sens veru ta' l-għaqda bejn iż-żgħażagħ tal-parroċċa. L-ewwel attività kienet komposta minn sensiela ta' Eżerċizzji Spiritwali bit-tema '*Marija Mudell*' li ttellgħu bejn l-14 u s-16 ta' Marzu ġewwa l-Imqabba Civic Hall. Dawn il-laqgħat kienu partikolarment immirati għaż-żgħażagħ kollha tal-parroċċa. Is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna kienet strumentali sabiex ittellgħu dawn l-attivitajiet. Fil-fatt ħadna ħsieb li tinħoloq atmosfera addattata għall-pubbliku żagħżugħ, ipprovdejna talent mużikali permezz tal-Banda Re Ġorġ V li esegwiet programm ta' innijiet Marjani taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħha Mro. David Agius. Ħsibna ukoll sabiex jittellgħu preżentazzjonijiet multi-viżivi u xogħlijiet letterarji, ħadna sehem fi *sketches* li joħorġu tagħlima u qsamna ukoll esperjenzi maż-żgħażagħ preżenti permezz tad-Direttur Spiritwali tas-Soċjeta Fr. Joseph Zahra O.P. Fis-17 ta' Marzu kien imiss il-*Via Sagra* madwar it-toroq tar-raħal b'ilbies ta' kostumi Bibbliċi konnessi mal-ġrajja tal-Passjoni. Kienet tassew esperjenza sabiħa bil-parteċipazzjoni ta' numru kbir ta' żgħażagħ. Din il-Ġimgħa attivitajiet ġiet konkuluża kif inhu xieraq nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu permezz tal-festa ta' Marija



*L-Istatwa tal-Madonna tad-Duluri merfugħa miż-żgħażagħ.*



*Is-Sur Patrick Ghigo jidher jirċievi t-Trofew Nardu Farrugia mingħand is-Sinjura Farrugia.*

Addolorata fejn rappreżentanti miż-żewġ għaqdiet taż-żgħażagħ refgħu flimkien il-vara devota tal-Madonna tad-Duluri.

F'April organizzajna l-avveniment sportiv annwali ferm mistenni miż-żgħażagħ tagħna; in-*Nardu Farrugia Cup* li din is-sena ntrebaħ mit-team *Pyrotechnics* li kien kollu kompost minn tesserati fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ. Nieħu l-opportunità sabiex f'isem sħabi nirringrazzja lis-Sur Joseph Farrugia li ta' kull sena jogħġbu jisponsorja din l-attività. Fl-istess xahar tajna s-sehem tagħna, fis-Serata Mużiko-Letterarja mtellgħa mill-Banda Re Ġorġ V ġewwa s-Sala Robert Samut fil-





*Xogħlijiet ta' pitturi fil-wirja organizzata matul il-Ġimgħa Marjana.*



Statwi Marjani għall-wiri fil-bini ta' l-Isptar il-Qadim.

Furjana, taħt il-Patroċinju ta' l-Onor Dr. Louis Galea. Din is-Serata ttellgħet fl-okkażjoni tal-100 anniversarju mill-formazzjoni tal-Każin Soċjali Santa Marija u s-60 sena mit-twaqqif ta' l-ewwel Għaqda Mużikali fl-Imqabba "*L-Orkestra Santa Marija*". Ta' min ifaħħar ix-xogħlijiet ta' kwalità li esegwiet il-Banda għal din l-okkażjoni. Banda li fil-maġġor parti tagħha hija komposta minn żgħażagħ tagħna.

Bejn l-1 u s-7 ta'Mejju tellajna '*Ġimgħa Marjana'* għall-ewwel darba fl-Imqabba, ġewwa l-Isptar il-Qadim. Is-Sezzjoni Żgħażagħ ħasbet sabiex din il-Ġimgħa tittella' proprju fil-bidu tax-xahar ta' Mejju; ix-xahar iddedikat lill-Madonna. Kienet Ġimgħa komposta minn żewġ wirjiet Marjani, waħda ta' vari artistiċi u devoti ta' Ommna Marija taħt diversi titoli, u oħra ta' pitturi u kwadri artiġjanarji Marjani. Ġimgħa ferm interessanti, bil-parteċipażżjoni ta' diversi mużiċisti u talenti lokali fosthom il-*Mother of Christ Folk Group* ta' l-Imqabba, il-Grupp tan-Neo Katekumentali Imqabbin, is-Sopran Imqabbi Francesca Farrugia u diversi poeżiji ad unur Ommna Marija mis-Sur Patrick Mallia u l-Kavallier Carmel Bianchi.

Il-ftuħ uffiċjali ta' din il-Ġimgħa Marjana sar nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju 2005 fl-Isptar il-Qadim taħt il-Patroċinju tal-Kappillan tal-Parroċċa Rev. Dun Nazzaren Caruana fil-preżenza ta' l-Onorevoli Dr. Louis Galea Ministru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, is-Sindku s-Sur Nicholas Briffa, Kunsillieri u diversi



Attendenza numeruża attendiet għal-laqgħat fil-Ġimgħa Marjana.

mistednin distinti li onorawna bil-preżenza tagħhom. Il-Banda tas-Soċjetà, il-Banda Re Ġorġ V tat program strumentali mill-aqwa ta' Innijiet Marjani fl-okkażjoni tal-ftuħ ta' din il-Ġimgħa fejn esegwiet kompożizzjonijiet ta' Charles Gounod, W. A. Mozart, tas-Surmast tagħha Mro. David Agius u ta' l-Imqabbi, ex Surmast tal-Banda Mro. Anthony Camilleri fost l-



Kunċert mill-Banda Re Ġorġ V fil-ftuħ tal-Ġimgha Marjana.

oħrajn, taħt id-direzzjoni impekkabbli tas-Surmast Direttur Mro. David Agius. Wara nfetħu u tbierku ż-żewġ wirjiet mill-Kappillan tal-Parroċċa u aktar tard sar riċeviment għall-mistednin fejn l-ikel kollu ġie ppreparat mis-Sinjura Polly Sciberras mingħajr ebda ħlas.

It-tagħlim fuq Ommna Marija ma naqasx. Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ħasbet sabiex tul il-Ġimgħa kollha jkun hemm taħdidiet u tagħlim fuq il-Madonna minn diversi kelliema esperti fil-kamp Marjoloġiku fosthom Monsinjur Joseph Carabott Protonotarju Appostoliku, Rev. Dr. Hector Scerri, Ċensur Teologu ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, Rev. Dr. Jesmond Manicaro d-Delegat ta' l-Arċisqof għall-Kummisjoni Liturġika, Patri Joseph Zahra OP Direttur Spiritwali tas-Soċjetà tagħna u Patri żagħżugħ fil-Parroċċa ta' Fatima fi Gwardamangia, u Patri Michael Camilleri OP Kappillan tal-Parroċċa ta' Fatima fi Gwardamangia fejn ittrattaw diversi suġġetti prattiċi fuq Ommna Marija. Minn hawn nirringrazzja lis-Sur Jonathan Farrugia li kien ta' għajnuna kbira għalina. Tajjeb ngħid li dawn it-taħdidiet qanqlu interess kbir u kellna attendenzi numerużi tul il-Ġimgħa kollha.

L-għeluq ta' din il-Ġimgħa Marjana sar nhar is-Sibt 7 ta' Mejju bil-preżentazzjonijiet taċ-ċertifikati lill-parteċipanti mis-Sezzjoni Żgħażagħ u diskors mill-Kappillan tal-Parroċċa fejn emfasizza fuq l-importanza ta' attivitajiet bħal dawn li jagħtu ġieħ lil Ommna Marija. Barra minn hekk tul il-ġurnata tas-Sibt kellna grupp ta' artisti fosthom Imqabbin madwar ir-raħal pittoresk tagħna jpittru pitturi b'temi kulturali Marjani konnessi mar-raħal ta' l-Imqabba u ġew esebiti xi xogħlijiet li lestew minnhom proprju f' din il-ġurnata. Dawn ingħataw ċertifikat ta' apprezzament mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

F'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, nixtieq mill-qalb nirringrazzja lill-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba li għoġbu jagħtina l-Isptar il-Qadim sabiex setgħet tiġi organizzata din il-Ġimgħa Marjana. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas grazzi mill-qalb tmur għal kull min kien involut sabiex din l-ewwel Ġimgħa Marjana ġewwa l-Imqabba tikseb suċċess kbir.

Fix-xahar ta' Ġunju ġew organizzati *Pasta Night* ġewwa l-Każin, 5 A Side Football tournament ġewwa l-Imqabba Syntetic Pitch u ikla bejn il-ħbieb f'Ristorante Cosmana Navarra ġewwa r-Rabat. Ta' min jgħid li kienu tlett attivitajiet li ġibdu numru ferm tajjeb ta' żgħażagħ. Attendenzi bħal dawn jimlewna b'kuraġġ kbir sabiex inkomplu nseddqu b'nifs żagħżugħ din l-ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba. Minn hawn nirringrazzja lis-Sur Mario Ellul ta' l-għajnuna li dejjem jagħti lis-Soċjetà tagħna. Bdejna ukoll nieħdu l-ordnijiet tal-flokk tal-festa; flokk li ta' kull sena qiegħed jikseb popolarità kbira fost is-soċi u l-partitarji tagħna. Barra minn hekk ħsibna ukoll sabiex jinħarġu aċċessorji oħra bħal *key chains* u *stickers* li sejrin ikunu għall-bejgħ fix-xahar ta' Awissu.



*L-Uffiċjali tas-Sezzjoni Żgħażagħ jagħtu merħba lill-E.T. President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami, nhar is-17 ta' Ottubru 2004 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet għal Jum l-Imqabba.*

Ix-xahar ta' Lulju ġab miegħu ż-żjara ta' Dr. Roberto Paletta, President tas-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan l-*Associazioni Cristiane Lavoratori Italiani* ta' Cirò flimkien ma' uffiċjali oħra fl-istess għaqda ġewwa s-sede tas-Soċjetà; żjara ta' preparazzjoni għall-Iskambju Kulturali bejn iż-żewġ għaqdiet. Is-Sezzjoni Żgħażagħ ħasbet sabiex għal din l-okkażjoni tistieden ukoll lill-Kappillan u lis-Sindku fejn flimkien tajna merħba xierqa lil dawn iż-żgħażagħ.

Fis-17 ta' Lulju organizzajna ġita għall-Kemmuna mal-*Captain Morgan Cruises*, fejn qattajna ġurnata mill-aktar rilassanti f'temp tipiku Sajfi. Lulju jġib miegħu ukoll impenn u ħidma min-naħa tas-Sezzjoni Żgħażagħ u l-fergħat kollha fi ħdan is-Soċjetà fejn nagħtu bidu għall- preparamenti sabiex ta' kull sena jkollna raħal armat mill-isbaħ; armar li tassew jixraq lill-Festa Titulari ta' l-Imqabba.

Il-bidu tax-xahar ta' Awissu jkun iddominat mid-*Disco Party* li ta' kull sena norganizzaw għaż-żgħażagħ tagħna bħala bidu ferrieħi għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Minn dawn il-kelmtejn wieħed jista' jinduna kemm tabilħaqq din is-Sezzjoni hija attiva u konsistenti tul is-sena kollha. Il-fatti jitkellmu waħidhom u huwa għalhekk inutli li tibbaża fuq pubblikazzjonijiet neqsin mill-etika professjonali fejn ħlief ftaħir żejjed u paragunijiet fierħa ma tarax.

Għaldaqstant, l-appell tagħna għal dawn il-jiem ta' ċelebrazzjonijiet huwa sabiex kemm jista' jkun kulħadd jagħti l-koperazzjoni tiegħu b'mod speċjali waqt il-marċi ta' matul il-festa sabiex inkunu nodfa u eżemplari fl-imġiba tagħna kif dejjem konna. Niftakru u nfakkru li aħna niċċelebraw festa Kattolika u għalhekk huwa ta' importanza assoluta li ma nwaqqgħux il-livell ta' festa bħal din. Għal kuntrarju ta' festi oħra, dawn huma l-prinċipji li jagħtuna identità ġewwa raħalna.

F'isem sħabi membri tal-Kumitat nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-fergħat kollha fi ħdan is-Soċjetà tagħna, li tassew qegħdin naħdmu id f'id bla heda f'familja waħda sabiex niżguraw li ta' kull sena tiġi ċċelebrata bil-kbir il-festa ad unur Santa Marija Patruna Universali. Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

**Viva Santa Marija Patruna ta' l-Imqabbin**.


# Frida's Ltd.

Transport & Lifting Service

**St. Philip House, Triq il-Qattara – Mqabba**

**Tel: 2123 0448 (Office)**

**Mobile: 9944 4095, 9949 0332, 9949 7332**

# Grupp ta' Żgħażagħ minn Cirò għall-Festa ta' l-Assunta

**Kitba ta' Nicholas Baldacchino, Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ u l-Uffiċjal Inkarigat mill-Proġett**

Hekk kif qegħdin dejjem nersqu qrib il-festa wisq għażiża għalina tal-Patruna Universali, wasalna ukoll għall-mument ieħor storiku fil-ħajja tas-Soċjetà tagħna u wisq aktar tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Minn mindu ġie ffurmat il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ preżenti mill-ewwel ħassejna li kien hemm il-bżonn li barra li norgannizzaw numru ta' attivitajiet fuq skala lokali u nazzjonali ridna npoġġu liż-żgħażagħ tagħna fuq stampa internazzjonali u nkomplu ngħollu l-prestiġju ta' l-akbar Soċjetà ġewwa l-Imqabba.

F'dawk l-ewwel laqgħat madwar sentejn ilu ddeċidejna li nagħmlu skambju kulturali li jkun dwar it-tradizzjonijiet lokali fejn tispikka l-festa tagħna u għalhekk bdejna l-proċess sabiex insibu għaqda li tissieħeb magħna. Wara li għaddejna l-proposta tagħna lill-Aġenzija Nazzjonali ġewwa Malta bdiet tasal numru tajjeb ta' korrispondenza minn għaqdiet taż-żgħażagħ minn madwar l-Ewropa kollha, li xtaqu jipparteċipaw f'dan il-proġett. Però meta wasalna sabiex nagħmlu għażla sibna li l-grupp minn Cirò ġewwa l-Calabria kien l-iżjed wieħed addattat. Dan minħabba l-kultura tagħhom u l-mod ta' kif jiċċelebraw il-festi tal-qaddisin bħalna, iżda fl-istess ħin sibna diversità kbira fit-tradizzjonijiet tagħna u rajna li tkun ta' għajnuna kbira għall-formazzjoni taż-żgħażagħ tagħna.



*Ritratt tal-Grupp Żgħażagħ ACLI Cirò flimkien mal-Kappilan u l-istatwa ta' San Nicodemo*

Wara li madwar sena u nofs ilu bdew l-ewwel kuntatti mal-President ta' l-Associazione Cristiane Lavoratori Italiani, Circolo di Cirò, Dottor Roberto Paletta, issa nistgħu ngħidu li hemm ħbieberija speċjali bejnietna u dan l-aħħar sewwa sew fit-2 u 3 ta' Lulju saret żjara minnu u minn membru ieħor fi ħdan l-istess għaqda . L-ACLI Circolo di Cirò huma għaqda li jagħtu servizz lill-membri tagħhom f'kull qasam tas-soċjetà minn kultura (fejn jieħdu ħsieb jorganizzaw il-festi tar-raħal tagħhom) sa turiżmu, ambjent, sport u agrikoltura. Din l-għaqda hija waħda minn Ċirkolu Nazzjonali li taqa' taħt kappa waħda; l-ACLI li hija l-ikbar organizzazzjoni fl-Italja u li ilha għal dawn l-aħħar sittin sena topera.

F'dawn l-aħħar snin dan iċ-Circolo ġewwa Cirò rnexxielu jagħmel ħafna xogħol siewi għall-kommunità fejn b'ħidma volontarja kontinwa rnexxielhom jibnu u jamministraw ċentru għaż-żgħażagħ u *hostel*, numru ta' proġetti mnedija bl-għajnuna ta' l-UE, numru ta' korsijiet ta' taħriġ għaż-żgħażagħ u involviment fil-konkors nazzjonali Miss Italia. Kif diġà semmejt dan il-grupp jieħu ħsieb jgħin bi sħiħ fl-organizzazzjoni tal-festa tar-raħal tagħhom ad unur il-patrun ta' Cirò San Cataldo Vescovo u anke fil-festa ta' San Nicodemo li twieled ġewwa Cirò.

Il-Festi tradizzjonali fir-reġjun tal-Calabria jiġbdu folol kbar minħabba t-twemmin kbir fir-reliġjon nisranija u t-tradizzjonijiet li tul is-snin dejjem jibqgħu sodi u mnaqqxin fil-karattru tan-nies tal-komun. Għalhekk aħna nemmnu b'mod sħiħ li dan l-iskambju għandu jkun suċċess kbir u strument sabiex iż-żgħażagħ miż-żewġ għaqdiet jiksbu esperjenza unika li tkompli tkabbar l-għarfien tagħhom.



*Dottor Roberto Paletta u Luigi Murgi flimkien mal-President u s-Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ waqt iż-żjara ta' preparazzjoni għall-iskambju bejn iż-żewġ għaqdiet ta' żgħażagħ.*

F'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu l-Aġenzija Nazzjonali (EUPU) b'mod speċjali Jeremy Piscopo u Janette Busuttil ta' l-għajnuna tagħhom, Miriam Theuma, Youth Worker u lill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi Dr. Louis Galea ta' dak kollu li għamel magħna. Ringrazzjament ieħor imur lill-Kunsill Lokali tar-raħal tagħna li dejjem jagħtina appoġġ f'dak kollu li norganizzaw. Aħna nemmnu li bl-għajnuna tal-Patruna wisq għażiża għalina Marija Mtellgħa s-Sema, dan il-proġett ser ikun suċċess kbir fejn il-poplu Mqabbi għal darb'oħra ser ikun strumentali sabiex jgħolli isem l-Imqabba u s-Soċjetà Santa Marija dejjem aktar fejn jixraqilhom.

Viva Santa Marija.



*Iċ-ċelebrazzjonijiet fil-ftuħ tal-hostel ġewwa Cirò.*

# L-Għid ta' l-Assunta

## Kitba ta' Stefano Farrugia (Mqabba 15/08/2004)

Kif Awissu fil-qrib ikun wasal
Fis niftakar fil-jum hekk sabiħ,
Fejn ma' ħuti fl-Imqabba ninġabar
Biex naghtik l-akbar qima u ġieh.

Meta ismek jien nisma' jixxandar
F'dik il-bxara ta' Ibnek l-Għażiż,
Qalbi tifraħ u tkun trid tittajjar,
Għax timtela b'dak l-ikel qaddis!

Inti l-warda bla xewk, kollok għana,
B'dik l-imħabba li tgħajjex 'il-qlub,
Inti l-Eva, il-ġdida w setgħana,
Inti l-qawwa li tbegħedna mid-dnub.

Għax f'għemilek naraw bħal mogħdija
Li tqarribna lejn Kristu l-Mulej,
Li twassalna biex nilmħu, id-dija,
Sabiex nagħrfu l-messaġġ tal-Feddej.



Ħa nimtlew b'dik il-glorja tal-ġenna,
Id-dawl hieni, għalina l-bnedmin,
Meta nduqu ta' Ibnek il-benna,
Hekk kif nersqu flimkien għat-tqarbin.

Jgħaddi l-ħin u ninġabru ħerqana,
Nistennewk kollna ħeġġa w tifħir,
Biex kif toħroġ ngħannulek ferħana,
Int Sultana, bid-deheb ta' l-ofir!

Nitolbuk tindukrana, Marija,
Biex tħarisna mill-għelt ta' kull żmien,
Biex tfarraġna fil-mard u t-tbatija,
Biex twassalna għal sebħ il-qawmien.

Agħti lilna l-ħelsien, o Madonna,
Tħalliniex naqtgħu qalbna fit-triq,
Inti t-tama li dejjem tmexxina,
Inti l-Omm li taf tnessi kull diq.

Itfa' ħarsa madwarek Marija,
Lejn dil-merħla Mqabbija, f' dal-jum,
Din ħabbitek b' imħabba qawwija,
Saħħaħ fiha, il-għaqda kuljum.

'Tina l-grazzja dejjiema, Marija,
Li xi darba ħdejk niġu ħenjin,
Ħa nitgħaxxqu b' dik l-hena smewwija,
U ningħaqdu ma' l-anġli ċkejknin!

Għax rebbieħa w Sultana fil-glorja
Għamlek Alla, kif ħejja, sat-tmiem,
Int l-Assunta, Reġina, Vitorja,
Kompli żejjen lil qlubna bis-sliem.

Din hi t-talba għalik o Patruna,
Inti l-kewkba li tiddi bla tnin,
Ibqa' magħna w agħtina l-għajnuna
Biex ma' djulek hekk nibqgħu kull ħin.

Grazzi kbira, ngħidulek, Madonna,
F'dan il-jum li għażilna għalik,
Tħalli qatt li ninfirdu minn miegħek,
Għaliex aħna, insibu s-serħ fik.

Dina l-għanja lkoll toħroġ minn fommna
Lil Marija, l-Omm tagħna l-Maltin,
Insellmulha flimkien lill-Madonna,
Biha aħna għal dejjem kburin!

# Il-Papa Ġwanni Pawlu II

## Il-Papa ta' kulħadd, il-Papa ta' Marija, Totus Tuus

**Kitba ta' Jonathan Farrugia B.A. (Hons), B.A. Theol. & Hum. Stud.**

Karol Józef Wojtyla twieled f'Wadowicz, belt żgħira ftit imbiegħeda minn Karkow, nhar it-18 ta' Mejju 1920. Huwa kien it-tieni iben ta' Karol Wojtyla u Emilia Kaczorowaska. Ommu mietet meta kellu tmien snin, waqt li ħuh miet meta Karol kellu tnax-il sena, u missieru meta kellu wieħed u għoxrin sena.

Fl-1938, wara li spiċċa l-istudji tiegħu fil-liċeo ta' Wadowicz, Karol, flimkien ma' missieru, mar joqgħod Krakow u kompla l-istudju tiegħu fil-letteratura u l-filosofija fl-Università ta' Jagiellorian, ġewwa Krakow. Dam jistudja sena għax meta n-Nazi okkupaw il-Polonja fl-1939 waħda mill-ewwel affarijiet li għamlu kienet li għalqu l-universitajiet u bagħtu l-għalliema kollha f'kampijiet ta' konċentrament bħala manuvra biex jeqirdu għal kollox il-kultura Slava. Biex jevita li jkunu deportati fil-Ġermanja, Karol beda jaħdem f'barriera, u xi żmien wara beda x-xogħol f'fabbrika tal-kimiċi *Solvay*.



Ma' l-għarfien tas-sejħa għas-saċerdozju fl-1942 Karol beda jistudja bil-moħbi fis-seminarju klandestin ta' Krakow, immexxi mill-kardinal Adam Stefan Sapieha, l-arċisqof ta' Krakow. Fl-istess żmien kien attiv ħafna fit-Teatru Rapsodiku; teatru klandestin li l-għan ewlieni tiegħu kien li jkompli jrawwem il-kultura Pollakka.

Wara li spiċċat il-gwerra u reġa' nfetaħ is-seminarju maġġuri, Karol kompla l-istudji tiegħu hemm u fil-fakultà tat-Teoloġija fl-università ta' Jagiellorian sakemm ġie ordnat saċerdot fi Krakow fl-ewwel ta' Novembru 1946. Il-kardinal Sapieha ma damx ma bagħtu jkompli jistudja Ruma taħt it-tmexxija tal-patri Dumnikan Franċiż Garrigou-Lagrange, teologu-moralista rinomat. Spiċċa d-dottorat fit-Teoloġija fl-1948 meta ppreżenta teżi dwar il-fidi fix-xogħlijiet ta' San Ġwann tas-Salib. Meta kien ikun fil-vaganzi, Dun Karol kien beda ministeru pastorali mal-Pollakki li marru joqogħdu fi Franza, fil-Belġju u fl-Olanda.

Fl-1948 reġa' lura l-Polonja fejn serva f'diversi parroċċi kif ukoll bħala kappillan ta' l-istudenti universitarji sa l-1951, meta reġa' beda jistudja l-filosofija u t-teoloġija. Spiċċa sentejn wara meta fl-Università Kattolika ta' Lublin iddefenda teżi fuq is-sistema etika ta' Max Scheler. Ħames snin wara, fl-4 ta' Lulju 1958, ġie nnominat isqof awżiljarju ta' Krakow mill-Papa Piju XII u ġie kkonsagrat isqof fit-28 ta' Settembru ta' l-istess sena. Fl-1964 ġie nnominat arċisqof ta' Krakow mill-Papa Pawlu VI, li laħħqu kardinal fis-26 ta' Ġunju 1967.



F'daż-żmien ħa sehem ukoll fil-Konċilju Vatikan II u ta kontribuzzjoni siewja fl-elaborazzjoni tal-kostituzzjoni dommatika *Gaudium et spes*. Ħa sehem ukoll fl-assemblej kollha tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet.

Dam iservi ta' arċisqof ta' Krakow sakemm issejjaħ Ruma għall-konklavi wara l-mewt għall-għarrieda tal-Papa Ġwanni Pawlu I f'Ottubru 1978. Minn hemm ħareġ Papa, bl-isem ta' Ġwanni Pawlu II. Bħala arma għażel salib isfar fuq sfond blu, bl-ittra 'M' fin-naħa tax-xellug, isfel. Huwa stess kien stqarr li kemm il-kulur kif ukoll l-ittra huma referenzi diretti għall-Madonna, li tagħha huwa kien devot ħafna. Il-motto li għażel kien aktar dirett: *Totus tuus*, kollni tiegħek. L-imħabba li kellu għall-Madonna wasslet lil Ġwanni Pawlu II biex jiddedika l-pontifikat tiegħu lilHa! Ma nistgħux ninsew li prattikament f'kull enċiklika li ħareġ, dejjem għamel xi referenza għal Marija.

Matul il-pontifikat tiegħu, it-tielet l-itwal wieħed fl-istorja tal-Knisja, Ġwanni Pawlu II għamel 104 vjaġġi pastorali barra mill-Italja u 146

ġewwa l-Italja. Bħala isqof ta' Ruma huwa żar 317 mit-333 parroċċa li hemm fil-Belt Eterna. Il-kitbiet tiegħu jinkludu 14-il enċiklika, 15-il eżortazzjoni appostolika, 11-il kostituzzjoni appostolika u 45 ittra appostolika. Barra minn hekk kiteb ukoll ħames kotba: *Crossing the threshold of hope* (Ottubru 1994), *Gift and mystery: on the 50th anniversary of my priestly ordination* (Novembru 1996), *Roman triptyth – meditations* (ktieb ta' poeżiji – Marzu 2003), *Rise, let us be on our way* (Mejju 2004) u *Memory and identity* (Frar 2005). Kollha ġew maqluba f'ħafna lingwi, inkluż il-Malti.

Il-Papa ppresieda 147 ċerimonja ta' beatifikazzjoni (fosthom waħda mill-aktar segwiti kienet il-beatifikazzjoni tal-Beati Maltin f'Mejju 2001, fuq il-Fosos tal-Furjana) u 51 ċerimonja ta' kanonizzazzjoni. B'kollox ibbeatifika 1,338 persuna u kkanonizza 482 qaddis. Żamm 9 konċistorji li fihom laħħaq 231 kardinal u wieħed *in pecotre*. Żamm ukoll sitt konvenji fil-Kulleġġ tal-Kardinali. Ippresieda ukoll 15-il sinodu ta' l-isqfijiet (1980, 1983, 1987, 1990, 1994 u 2001), u wieħed straordinarju fl-1985, u tmienja speċjali (1980, 1991, 1994, 1995, 1997, tnejn fl-1998 u fl-1999).

Il-kuntatt li kellu man-nies qabeż kull kuntatt li kellu kull Papa qablu: Aktar minn sbatax-il miljun u nofs pellegrin ipparteċipaw fl-udjenzi ġenerali ta' nhar ta' Erbgħa u aktar minn tmien miljun pellegrin ipparteċipaw fiċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena tal-Ġublew 2000 waħdu.

Ġwanni Pawlu II miet nhar is-Sibt 2 ta' April 2005. Bkietu d-dinja kollha, Kattolika u mhix. Għall-funeral tiegħu (l-ikbar funeral li qatt sar fl-istorja tad-dinja) nhar il-Ġimgħa 15 ta' April attendew madwar tliet miljun ruħ fi Piazza San Pietro, flimkien ma' slaten, irġejjen, prinċpijiet u presidenti minn ħafna pajjiżi, kif ukoll diversi mexxejja ta' reliġjonijiet oħra. Jalla l-valuri sbieħ, il-fedeltà lejn Ommna l-Knisja, it-tagħlim sod kif ukoll l-imħabba bla qies lejn Marija jibqgħu dejjem minquxin f'qalbna.

Nixtieq nagħlaq din il-bijografija żgħira bil-messaġġ li bih il-Qdusija tiegħu għalaq it-talba ta' l-*Angelus* ta' nhar il-15 ta' Awissu 2002, is-solennità ta' l-Assunta li fih jagħmel referenza partikulari għall-Maltin, li tagħhom Santa Marija Assunta hija l-Patruna Ewlenija:

"I greet [...] the pilgrimage group from Malta. May Mary, from her place in heaven, guide you and your families to the glorious Kingdom of Jesus her Son."

## Is-suċċessur Benedittu XVI

Is-suċċessur ta' Ġwanni Pawlu II kellu jkun il-kardinal Josef Ratzinger, li llum huwa magħruf bħala l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI, ħabib kbir tal-Papa ta' qablu.

Ratzinger twieled nhar is-16 ta' April 1927 f'Marktl am Inn, ġewwa



l-Ġermanja. Is-snin tal-gwerra kienu diffiċli ħafna għalih peress li kien hemm sentimenti u movimenti qawwijin kontra l-Knisja ġewwa l-Ġermanja minħabba r-reġim Nażista.

Wara li spiċċat il-gwerra, fl-1946 huwa beda l-istudji tal-filosofija u t-teoloġija sakemm ġie ordnat fl-1951 fil-katidral ta' Freising. Kompla l-istudji tiegħu u laħaq professur tad-domma u għallem f'diversi universitajiet ġewwa pajjiżu. Fis-snin tat-tieni Konċilju tal-Vatikan huwa kien il-konsultur ta' l-arċisqof ta' Cologne, il-Kardinal Josef Frings.

Fit-28 ta' Mejju 1977 ġie ordnat isqof u għael bħala motto "ħaddiem fit-tixrid tal-verità". Tliet xhur wara l-Papa Pawlu VI ħatru Kardinal. Fil-25 ta' Novembru 1981 il-Papa Ġwanni Pawlu II ħatru l-prefett tal-kongregazzjoni tad-duttrina tal-Fidi, liema rwol żamm sakemm ġie elett Papa f'April 2005. Bħala prefett tal-kongregazzjoni tad-duttrina tal-Fidi għamel ħafna xogħol siewi għall-Knisja universali – forsi l-aktar xogħol straordinarju li għamel kien il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, li ħa sitt snin (1986-1992) ta' xogħol u riċerka intensiva. Fl-2002 il-Papa laħħqu Dekan tal-kulleġġ tal-Kardinali, wara li kien ilu erba' snin viċi-dekan.

Kemm dam imdaħħal fil-Kurja Rumana il-kardinal Ratzinger kien membru tat-tieni sezzjoni tas-segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan; membru fis-sezzjoni tal-kongregazzjonijiet, fis-sezzjoni tal-knejjes Orjentali, fis-sezzjoni għall-qima divina u s-Sagramenti, fis-sezzjoni ta' l-Isqfijiet, fis-sezzjoni ta' l-Evanġe-lizazzjoni tal-popli, fis-sezzjoni ta' l-edukazzjoni Kattolika kif ukoll fil-Kunsill Pontifiċju li jippromwovi l-għaqda fost l-insara u fil-kummissjoni Pontifiċja *Ecclesia Dei*.

Nhar it-8 ta' April 2005 huwa mexxa l-quddiesa funebri tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Ħdax-il jum wara, jumejn biss wara li spiċċaw in-*novendialis* (id-disat ijiem ta' luttu) huwa nħatar il-265 Vigarju ta' Kristu fuq l-art. Bħala isem għażel Benedittu – il-qaddis li għandu l-festa meta Ratzinger jagħlaq sninu. Interessanti nsemmu li fl-ewwel taħdita li għamel lill-kardinali huwa ħajjarhom jimxu taħt il-ħarsien matern ta' Marija, omm il-Knisja, dik li kienet doċli u ubbidjenti għal-leħen ta' l-Iben divin tagħha. Huwa jsejjaħ l-interċessjoni ta' Marija f'kull diskors u kull ittra li għamel lill-Insara s'issa. Jidher għalhekk li d-devozzjoni lejn l-Omm tagħna tas-sema se tkun waħda mill-affarijiet li fihom il-Q.T. beħsiebu jimxi fuq il-passi tal-Papa qaddis ta' qablu.

# Leġġenda ta' Santa Marija tal-Faqqanija

## (Illum il-Kappella tad-Duluri)

### Kitba ta' Giovanni Farrugia (Mqabba 1985)

Din il-kappella, għandha storja,
Smajtha jien minn fomm ix-xjuħ
Storja ħelwa ta' imħabba
Li l-qalb tqanqal dlonk għad-dmugħ.

Jgħidulha Santa Marija tal-Faqqanija
Kienet teżisti circa elf sena u erba' mija
grazzji kbar tat Ommna Marija
Fejn ix-xjuħ tagħna tawha fohrija.

Storja li tqanqlek wisq bl-imħabba
ħsiebek 'il fuq itir, jintilef warajha
Imħabba li ssaħħar ta' Omm ħanina
Tfittex li żżommna taħt ġwenħajha.

Minn fost l-istejjer li jien smajt
Tassew qanqlitni li ħsiebi tajjart
U ħsibt dwar din li se nikteb
U fuqha biss ikkonċentrajt.

Raġel jismu dan Karmenu
U l-mara tiegħu Katarin
Aħmar wiċċha daqs pepprin
Qalbha tgħodd man-nisa twajbin.

Marda laqtet lil Katarin
żammitha fis-sodda għal ħafna snin
Talbet lill-Madonna u l-Qaddisin
Biex saħħitha tiegħu lura u ma tibqax mal-magħkusin.

Interventi biex tfieq saru
Però kien kollu għalxejn
Karmnu u Katarin it-tnejn ħasbu
Jew grazzja mis-sema inkella xejn.

Karmenu ħiltu kollha għamel
Biex jogħġob lill-Mulej
Talab bl-iktar sabar
U ittama għaż-żmien li ġej.

Talab għall-maħbuba Katarina
Lil Santa Marija biex xewqtu jtemm
Talab bl-akbar ħerqa
Biex ma jiġrilux inkwiet u hemm.

Xhur u snin bħal leħħet berqa
Taru, marru u għaddew
U ġid wara ieħor tnissel
Intemmu u reġgħu ġew.

Karmenu u Katarin
Tifla kellhom ta' xi sitt snin
Li dejjem kienet iżżommhom ferħanin
U l-hemm jinsew li fieħ kienu qegħdin.

Iż-żgħira kultant kienet tmur
għand nannitha biex xi fjuri ġġib
'Int għall-Madonna tridhom żgur?',
Nannintha qaltilha, 'sabiħa fil-ġnien issib.'

'Iva nanna,' qaltilha ż-żgħira Josephine
'ħalli tfejjaqli 'l ommi li ilha marida snin,
U jiena u l-pa' ħafna ilna mġarrbin
Aħna fil-ħniena ta' Santa Marija ħerqanin.'

Żgur li ommi tfieq f'xi ħin
Santa Marija ma tħalliniex imġarrbin
żgur li thenn għall-familji twajbin
għax tul is-snin hi għamlithom ħenjin.

Qaltilha n-nanna, 'nibqgħu sħaħ fil-fidi'
Qatt it-tama ma naqset u ntfiet
għax mis-sema 'l uliedha Marija
Qatt fis-siegħa tan-niket ma nsiet.

Karmenu u ż-żgħira Josephina
Il-kappella marru jitolbu il-ħniena
B'qalb soda, b'tama kbira u ħerqana
It-tnejn talbu b'qalb safja bħal ħamiema.

Għall-fejqan tal-maħbuba Katarina
Mara twajba u tal-familja
Karmenu r-raġel b'qalb maqsuma
Fl-aħħar beda jibki bħal tarbija.

Iż-żgħira Josephina kienet tgħidlu,
'Le pa' hemm Santa Marija,
Din żgur li tfejjaqha
U żgur li l-ħajja terġa' tagħtiha.'

Qalgħet ħafna hija grazzji
Santa Marija Tal-Faqqanija
Ara kemm grazzji hemm imdendlin
għalhekk qalbi tinsab ħerqanija.

Karmenu kien jitlob ħerqan
'Oh Santa Marija fejjaq lil marti
Ninsab imdejjaq u bla serħan
għax ma nistax niġi jien f'waqti.'

Dewwaqna o Madonna
għax qed inħossni fuq xifer il-qabar
Int u l-għażiż kbir Ibnek Ġesù
Tridu ttuna l-hena, l-ħlewwa u s-sabar.

Kien jistqarr ta' sikwit Karmenu
Lil Marija Omm t'Alla u tal-bnedmin
B'qalb muġugħa għal martu Katarin
Kien imur hu u bintu fil-kappella tal-Faqqanija.

Waħda mara jisimha Kristina
Dil-kappella kienet tiegħu ħsieb
Fejn Karmenu u ż-żgħira Josephina
Anke magħhom ingħaqdet Kristina biex jitolbu bħala ħbieb.

Kristina b'ħerqa qaltilha
Santa Marija tagħti mitt ġid
'Maħbuba żgħira Josephina',
hekk kull fomm kien fiss jgħid.

Josephine darba l-kappella marret
B’xemgħa f’idejha marbutin
Biex Kristina tixgħelha ’l Marija
U hekk hi thenn għaċ-ċkejknin.

Kristina dlonk din aċċettatha
U qalet ’l Ommna Marija, ‘henn għaċ-ċkejknin
Tant jitolbuk b’qalbhom ħerqana
La tħallihomx iktar ħosbenin.

Marija għamilhom ferħanin
Lil dawn il-familji wisq tajbin
Lilek dejjem ħabbew ma’ l-anġli u l-qaddisin
grazzji qalgħu ix-xjuħ tagħna, tul is-snin.

Sliem għalik Marija
Talbu li ma tmut qatt
Iċ-ċkejkna Josephina
Tnissilhom ma’ kulħadd.

Stqarret il-qaddejja Kristina
‘ħlewwiet ħassejt f’qalbi’
Meta jiena għal din iċ-ċkejkna
Bil-ħerqa għamilt talbi.

Kristina darba waslet liċ-ċkejkna d-dar
għax il-ħin kien sar
ħeġġitha biex tibqa’ b’qalb taħraq nar
għax żgur għad tara li l-imrar tar.

Josephina qalet lil missierha
‘Pa’ llum ħassejt il-paċi f’qalbi
Li ma nistax jien infissirha
l-aktar x’ħin f’kamarti kont waħdi’.

Il-kappella tal-faqqanija
nerġa’ jiena hemm immur
għax qed inħoss ġo qalbi
li l-grazzja se naqlagħha żgur.

Josephine reġgħet daħlet f’kamritha
O Santa Marija ferħana qed tarani
għax il-grazzja li qed nitolbok
Nħoss f’qalbi ferħ li Alla tani.

Josephina l-kappella marret
Imma Kristina ma dehritx
Josephina barra baqgħet
għax Kristina ma felħitx.

Imma ġara li l-bieb
Xorta bħas-soltu infetaħ
Biex iż-żgħira Josephina
Daħlet bħas-soltu għax kien beraħ.

Għażiża Ommna Santa Marija
Erġajt ġejt lilek inżur
Biex nitolbok il-grazzja tas-soltu
Fi kliem qasir u miġbur,

Sidtna Marija bħal Omm ħanina
Mill-inkwadru niżlet fejn Josephina
Mill-vażett ħadet fjura
U din kienet ġiżemina.

‘Ara’ qaltilha s-Sinjura
‘Dil-fjura fiha ħames werqiet
Li jfissru għal ismi *Marija*
Li ismi jaqla’ grazzji u xewqiet.

Ara żgħira tiegħi
hawn fittixt faraġ u kenn
Dejjem ġejt tiftaħ qalbek miegħi
għax taf li jien omm nagħder u nħenn.

Ħu din il-ġiżimina miegħek
Din imbierka minn Ibni Ġesù
Missha int ma’ ġbin l-omm tiegħek
ħalli tfieq u tqum u ħajr agħtu ’l ismu.’

‘Għalhekk nixtieq minn qalbi.’
Qaltilha Josephina, ‘inroddlok tislima
Li rrid b’xi mod infissirlek
Li lkoll kemm aħna nagħtuk qima.’

Iż-żgħira Josephina
Il-kappella ħalliet għax sar il-ħin
Ferħana din ser ittir
għax semgħet kliem ħelu u bnin.

Ħarset lura biex tar’ l-bieb
U kollox fil-ħemda u skiet
Rat il-bieb jingħalaq
Minn din ’l Omm l-għeġubijiet.

Bil-ġiżimina f’idejha ferħana
għand Katarin ommha marret
U l-bieb hija ħabtet
U x’ġara lill-ġenituri stqarret.

‘Omm minn tiegħi
Dil-ġiżima ma’ ġbinek trid tmiss
B’hekk inti tfieq ħa tibqa’ miegħi
U lil Santa Marija itlob kif imiss.’

Katerina obdiet ’il bintha
Ma’ ġbinha messet il-ġiżimina
B’għaġeb fieqet minnufih
Biex il-qawwa tal-Mulej tagħtina.

Ferħet Katerina u l-familja tagħha
Dlonk marret tirringrazzja lill-Omm dħulija
U ukoll Ommna wisq ħanina
Lil Santa Marija tal-faqqanija.

Għoġbitni din l-istorja
ħsibt li f’dawn l-istrofi nżomm
U t-tagħlima dina tagħha
Kulħadd ġo qalbu għandu jżomm.

Imma Alla jħares dejjem
Lil min jafda dan f’idejh
U fit-tiġrib ta’ ħajtu
Jdawwar ħarstu biss lejH.

# A d o r a z z j o n i

Il-kappella tad-Duluri qed tkun miftuħa mit-Tnejn sal-Ġimgħa għall-Adorazzjoni bejn is-7.30am u s-7.30pm.




*L-irħama fid-daħla tal-kappella li turi li l-kappella kienet iddedikata lill-Assunzjoni ta’ Marija Santissima sas-seklu XVII.*




# Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.
## (L-Attivisti tas-Sena)

Bħal kull sena, is-Soċjetà tagħna tieħu ħsieb li tippreżenta l-unur ta' l-Attivist tas-Sena lil dak jew dawk il-persuni li fl-opinjoni tagħha jkunu ddistingwew ruħhom b'xi mod aktar minn oħrajn għall-impenn u ħidma matul is-sena. Din kienet inizjattiva oħra tal-familja Martin li bla dubju għandhom għal qalbhom ferm is-Soċjetà tagħna.



Is-Sur Michael Ghigo u s-Sur Mario Camilleri jirċievu t-Trofew Chev. George Martin bħala l-Attivisti tas-Sena.

L-attivisti għal din is-sena kienu tnejn. Fil-fatt is-Sur Michael Ghigo u s-Sur Mario Camilleri, it-tnejn membri attivi fil-Kumitat Ċentrali, ġew ippreżentati dan l-unur nhar l-10 ta' Awissu 2004.

Kemm Michael kif ukoll Mario huma involuti fil-qasam ta' l-armar. Michael ha ħsieb sabiex isiru forom u disinni ġodda għat-trofini li saru dan l-aħħar kif ukoll għall-pedestalli ta' l-appostli filwaqt li Mario huwa involut aktar fuq irħamar u ndoratura ta' l-imsemmi armar.

Barra l-armar, Michael huwa involut sew fis-sezzjoni tan-nar fejn jagħti sehmu bil-kbir speċjalment fejn jidħol in-nar ta' l-art.

Nieħdu din l-opportunità sabiex mill-ġdid nerġgħu nifirħu lis-Sur Ghigo u lis-Sur Camilleri ta' dan l-unur meritat. Mill-ġdid PROSIT u komplu sejrin hekk.

# Ġita tal-Ħolm...Mużika, Romantiċiżmu u Serenità Naturali

## Kitba ta' Dr. Charles Sciberras

Sena oħra għaddiet u magħha għaddiet ukoll il-Festa Grandjuża li issa mdorrijin niċċelebraw ilkoll flimkien ad unur tal-Patruna tagħna Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema. Għal xi partitarji tmiem il-Festa jfisser ukoll l-ippakkjar tal-bagalji biex għal darb'oħra joħorġu barra minn xtutna u flimkien jgħaddu ftit jiem ta' mistrieħ. Għas-sena 2004 l-amministrazzjoni tas-Soċjetà flimkien mal-*Brittania Tours* ħejjew ġita mill-aqwa li ħaditna l-Awstrija, l-Italja, is-Slovenja u l-Kroazja. Din il-ġita kienet fdata għal darb'oħra lill-gwida s-Sur Gaetano Calleja.

Għal ħafna minna r-rutina tat-tluq issa ndrat sew u nhar il-Ħamis 26 t'Awissu ltqajna kmieni fil-għodu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta biex fis-7.45 tlaqna lejn Vjenna bit-titjira KM512. L-atmosfera ferriħija kienet tidher fuq kulħadd u l-"veterani" malajr tħalltu u għenu lil dawk il-partitarji l-ġodda li ġew magħna għall-ewwel darba. Sa mill-ewwel mumenti konna qisna familja waħda. Wasalna Vjenna għall-ħabta tal-10.15 u għalkemm it-temp kien xi ftit frisk u bl-irxiex dan ma tellifna xejn mill-impressjoni sabiħa li ħadna ta' din il-belt tal-Waltz. Sibna *coach* tilqagħna li ħaditna lejn iċ-ċentru tal-belt biex nagħmlu *city tour*. L-ewwel waqfa tagħna kienet fil-palazz Belvedere mdawwar bil-ġonna sbieħ tiegħu. Dan kien mibni maestożament mill-Prinċep Eugene ta' Savoja. Id-dawra panoramika mal-belt ħallietna msaħħrin bil-bini u toroq hekk sbieħ - il-bini tal-Parlament, il-Palazz Schonbrunn, l-*Opera House*, il-Mużew tal-*Fine Arts*, it-triq Mariaferstrasse u l-Katidral ta' San Stiefnu huma ftit mill-ħafna postijiet li nistgħu nsemmu. Kienet ħasra kbira li minħabba impenji oħra ż-żjara tagħna ġo Vjenna kienet waħda pjuttost qasira. Iżda meta tkun qed tivvjaġġa b'ħin limitat, kif jgħid il-Malti, tħobb ħaġa u tobgħod l-oħra.

Wara nofs in-nhar kellna vjaġġ impenjattiv ħafna għax minn Vjenna ridna mmorru Klagenfurt, il-kapitali tal-provinċja ta' Carinthia fin-nofsinhar ta' l-Awstrija. It-temp iċċara u dan il-vjaġġ hekk twil inqasam billi waqafna fil-belt ta' Graz. Kienet opportunità biex nistrieħu ftit u fl-istess ħin nammiraw il-bini dekorattiv ta' din il-belt ħelwa u naraw grawnd tal-futbol li Arnold Schwarzenegger bena bħala rigal lit-tim tal-futbol minn din il-belt – Strum Graz. Mal-wasla tagħna fi Klagenfurt ġejna ssistemati fil-Hotel Aragia fejn qattajna ħamest iljieli. Kien ambjent sabiħ ħafna speċjalment fil-għaxijiet meta wara l-ikla konna noqogħdu nixorbu l-birra fit-terrazzini. Il-*management* uriena ospitalità kbira, speċjalment il-*waitresses* li kienu jaqduna mill-koxxa u kienu jibqgħu mistagħġba kif wara l-eskursjonijiet kien jibqgħalna s-saħħa u nerġgħu noħorġu fil-għaxijiet. Kienu jieħdu gost jitħalltu magħna u huma stess stqarrew kemm bħala Maltin konna nies ferrieħa u ċajtiera.


Il-lag Bled u fl-isfond il-Julian Alps fis-Slovenja.

Raqda fil-fond malajr ħelsitna mill-għejja kbira tal-ġurnata ta' qabel. Għalhekk il-Ġimgħa qattajna n-nofs ta' nhar ta' fil-għodu nżuru l-belt ta' Klagenfurt. Hija belt sabiħa ħafna fejn isiru bosta laqgħat internazzjonali, fieri, u kungressi. Il-funtana ta' l-istatwa tad-dragun Lindwurm tfakkarna fil-leġġenda ta' kif inbniet din il-belt fl-1181, meta suldat qalbieni qatel d-dragun li kien qiegħed jagħmel ħerba f'dawn l-inħawi. Bosta huma l-postijiet ta' interess li wieħed seta' jammira bil-kumdità kollha. Klagenfurt hija l-belt kapitali tar-reġjun ta' Carinthia – reġjun li fih paesaġġ sabiħ immens u b'xeni naturali mill-aqwa. Jinsab fin-nofs in-nhar ta' l-Awstrija u jmiss mas-Slovenja u l-Italja bħala fruntieri. Għalkemm jinsab imdawwar bl-Alpi u maqsum b'ħafna widien u x-xmara Drau, il-klima hija pjuttost sħuna u xxaqleb lejn dik Mediterranja. Madwar mitejn għadira jkomplu jsebbħu dan ir-reġjun, bl-ikbar u l-aktar waħda popolari l-Worthersee – magħrufa ukoll bħala r-Riviera Awstrijaka għax hija sħuna u mfittxija ħafna għall-għawm, sports ta' l-ilma, u *health resorts*. Matul din l-għadira nsibu ħafna villaġġi turistiċi bl-iktar wieħed magħruf dak ta' Velden. Fuq in-naħa ta' Klagenfurt insibu l-attrazzjonijiet turistiċi ta' l-Europark bid-Dar tar-Rettili (*Reptile House*), *Planetarium* u l-*Minimundus* – madwar 150 minjatura ta' bini famuż li hawn imxerrdin mad-dinja kollha.

Wara nofs in-nhar għamilna eskursjoni lejn Malta. Le mhux Malta ta' nofs il-Mediterran iżda l-villaġġ

żgħir u turistiku li jinsab fil-parti ta' fuq tal-Park Nazzjonali Tauern. Serqilna qalbna bis-sbuħija naturali u kulħadd ħa xi ritratt ta' tifkira mal-plakka ta' l-injam li ġġor dan l-isem hekk għażiż għalina l-Maltin. Minn hawn erħejnielha lejn it-tieni l-akbar belt ta' Carinthia – Villach. Din il-belt qadima taf l-oriġini tagħha sa minn żmien ir-Rumani. Għalkemm għaddiet minn bumbardamenti sew fit-Tieni Gwerra Dinjija, għad fiha ħafna bini antik u d-dar tat-tabib famuż Paracelsus għadha wieqfa sal-lum. Il-Katidral Gotiku ddedikat lil San Ġakbu fih kampnar li hu għoli madwar 95 metru. Ix-xmara Drau tgħaddi minn Villach u ftit 'il barra mill-belt insibu ħafna nixxiegħat sħan (*hot springs*) b'temperatura ta' madwar 30 grad *Celsius*. Dawn ilhom jintużaw għal aktar minn 2,000 sena. Lura lejn il-*hotel* u wara ikla tajba erħejnielha għaċ-ċentru ta' Klagenfurt fejn għal żewġt iljieli sħaħ kien hemm festival brijuż ħafna, b'ikel u xorb u divertiment ieħor. Il-parteċipazzjoni tagħna speċjalment għall-ikel u xorb ma naqsitx.

Is-Sibt 28 ta' Awissu għamilna l-ewwel mawra tagħna fis-Slovenja – proprju biex inżuru Lake Bled. L-ebda pinna ma tista' tiddiskrivi x-xenarju u l-ġmiel naturali li paxxewlna għajnejna. Ħafna nies ta' poter jew kultura minn mad-dinja kollha żaru din il-ġenna ta' l-art imdawra bl-Alpi u l-muntanji Karavanke. Il-belt ta' Bled, bil-Kastell fil-quċċata u l-għadira bil-għira żgħira fin-nofs tagħha offritielna dehriet li ma jintesew qatt. Bled tinsab fit-tarf tal-Park Nazzjonali Triglav, li fil-1981, tant tkabbret li tinkludi l-Alpi Ġuljani (*Julian Alps*) fit-territorju Sloven. Is-simbolu tas-Slovenja hija l-Muntanja Triglav – l-ogħla waħda u fiha 2,864 metri. Rikba fuq id-dgħajsa ħaditna fuq il-għira li hemm f'nofs l-għadira. Hemmhekk żorna l-Knisja qadima li hi ddedikata lil Marija Assunta. Kulħadd ħa l-opportunità biex jinġabar ftit fis-silenzju tat-talb u wara jiġbed il-ħabel tal-*wishing bell* filwaqt li f'qalbu jagħmel ix-xewqa li jridha sseħħ. Din l-imbierka qanpiena damet iddoqq it-tokki tagħha mhux ħażin biex laħħqet max-xewqat tagħna lkoll. Ta' min jgħid li ġo l-għadira



Ritratt tal-grupp ġewwa Pjazza San Marco, Venezja fl-Italja.



Parti mill-grupp fuq 'lake bled' ġewwa s-Slovenja.

Bled ma jistgħux jintużaw muturi biex ma jniġġsux l-ilma u għalhekk il-barklori għandhom biċċa xogħol iebsa biex iġorru madwar 20 ruħ fid-dgħajsa għax iridu jaqdfu b'idejhom. Għandhom teknika partikolari kif jaqdfu. Lura fuq ix-xatt u minn hemm mixja twila b'telgħa iebsa wasslitna sal-Kastell li hemm fuq il-quċċata tal-belt. Wara li dorna ġol-Kastell stajna nammiraw id-dehra panoramika ta' l-għadira taħtna u tal-Park bil-muntanji fl-isfond tal-belt. Dehra meraviljuża! Iżda l-ġisem mhux bid-dehriet biss jgħix u ikla tajba f'wieħed mir-ristoranti kompliet issaħħaħna u radditilna l-enerġija kollha li tlifna. Fil-għaxija wara l-ikla fil-lukanda erġajna żorna ċ-ċentru biex inkomplu fejn ħallejna l-lejl ta' qabel – l-imbierek festival!

Il-Ħadd kienet ġurnata oħra impenjattiva ħafna. It-temp kien sabiħ u għalhekk ħsibna li nżuru l-Alpi fejn il-Grossglockner kienet qiegħda tistenniena. Din il-muntanja hija l-ogħla waħda fl-Awstrija – 3,798 metri u biex naslu għaliha ridna naqbdu l-*High Alpine Road* li tgħaddi minn ġol-Park Nazzjonali Tauern. Din it-triq inbdiet f'Awissu tal-1930 u bil-metodi ta' dak iż-żmien, minħabba s-silġ, setgħu jaħdmu biss minn Ġunju sa Ottubru. B'madwar 3,000 ruħ mimlija b'ħeġġa u maestrija kbira u taħt it-tmexxija għaqlija ta' Dr. Franz Wallack flimkien mal-Kunsill Glockner din it-triq inbniet f'20 xahar biss, mifruxin fuq medda ta' ħames snin. Fil-fatt hija nfetħet f'Awissu tal-1935. Naħseb li hawn Malta għad fadlilna mhux ħażin x'nitgħallmu jekk verament irridu nilħqu dawn il-livelli għolja! Din it-triq li tibda minn Heiligenblut u tasal sa Fusch fir-reġjun ta' Salzburg għaqqdet in-nord mas-sud tal-*High Tauern* u għolliet bil-qawwa l-ekonomija tar-reġjun. It-triq Glockner hija passabbli minn nofs Mejju sal-bidu ta Novembru minħabba s-silġ li xi kultant ilaħħaq 20 metru fond. Heilingenblut li jagħti bidu għal din it-triq panoramika huwa meqjus bħala l-isbaħ villaġġ muntanjuż ġo l-Awstrija. Is-Santwarju Gotiku ddedikat lil San Vinċenz jispikka sew. It-triq imserrpa tgħaddi minn ħafna postijiet b'xenarju mill-aqwa sakemm twasslek sal-muntanja. Minn dan l-għoli stajna nammiraw it-triq taħtna u kif inhi mibnija b'maestrija ta' inġinerija mill-aqwa. Faċċata kienet tispikka l-bjuda tal-*glacier* Pasterze li hu twil madwar 10 kilometri. Xenarju mill-isbaħ offritulna din il-parti tal-Park Nazzjonali Tauern li hi kkontrollata mill-awtoritajiet tar-

which photos colour???



Il-Gran Canal ġewwa Trieste fl-Italja

reġjuni ta' Carinthia, Tyrol u Salzburg flimkien mal-Gvern Ċentrali ta' l-Awstrija. Din il-Park hija l-akbar waħda fl-Ewropa Ċentrali u fiha madwar 1,786 kilometri kwadri. L-istatwa ta' l-Imperatur Franz-Josef hija imponenti fuq il-muntanja. Il-preżenza tal-marmott (qisu *squirrel* ) jieklu minn idejn in-nies kienet prova ċara li l-bniedem hu magħmul biex jgħix qrib in-natura bil-ġmiel u r-rikkezzi kollha tagħha.

It-Tnejn qomna kmieni għax kellna triq twila quddiemna. Ridna naqsmu l-Awstrija kważi minn isfel għal fuq sakemm naslu biswit il-fruntiera Ġermaniża. Dan il-vjaġġ kien pjuttost strapazzuż iżda l-premju kien kbir għax ħadna fil-belt ta' Mozart – Salzburg. Bdejna naraw il-ġmiel ta' din il-belt bi żjara fil-Mirabell - ġnien stil Barokk, mibni mil-Arċisqof Wolf Dietrich, fejn il-*lawns* miżmuma impekkabbli u mżejna bi fjuri u statwi meħuda mill-mitoloġija Griega kienu jistednuk li tieħu nghasa ġmiela wara vjaġġ hekk twil. Iżda l-ħin kien prezzjuż u kien fadal ħafna postijiet xi nżuru. Qsamna l-pont fuq ix-xmara Salzach biex mil-belt il-ġdida mmorru f'dik il-qadima. Din il-parti hija ġojjell ta' arkitettura Barokka. It-toroq dojoq miżgħuda bit-turisti u mimlija bi kwantità ta' ħwienet imżejna b'sinjali tal-ħadid maħduma fuq stil Barokk u indurati parzjalment bid-deheb kienu ta' attrazzjoni speċjali. Fit-triq prinċipali, Getreidegasse, li storikament hija l-qofol tal-kummerċ tal-belt, mill-ewwel tolqot l-għajn b'dak il-kulur isfar u l-bandiera Awstrijaka id-dar fejn twieled Wolfgang Amadeus Mozart. Ma naqsitx żjara fil-Katidral prinċipali ddedikat lil San Rupert, il-Monasteru ta' San Pietru flimkien maċ-ċimiterju tiegħu (jibqa' famuż għax-xeni li pprovda fil-ħarba tal-familja Von Trapp fil-film *Sound of Music*), Pjazza Mozart u Pjazza Residenzjali bil-famuża funtana taż-żwiemel mibnija mill-irħam minn Tommasso di Garona u li hi għolja madwar 15-il metru u meqjusa bħala l-akbar funtana Barokka barra mill-Italja. Il-funikular tellagħna lejn il-fortizza Hohensalzburg li taf il-bidu tagħha lill-Arċisqof Gebhardt fil-1077 u tkabbret bil-kbir fil-1495 mill-Arċisqof Leonhard. Gebhardt bnieha biex ikollu post sikur ħalli jeħles mil-għadab ta' l-Imperatur Enriku IV peress li l-istess Arċisqof kien żamm mal-Papa Gregorju VII fil-kwistjoni tal-Kontoversja ta' l-Investitura jiġifieri min mill-Papa u l-Imperatur kellu dritt li jagħżel lill-Isqfijiet u prelati oħra tal-Knisja. Għal sekli sħaħ baqgħet tintuża bħala refuġju għall-Arċisqof meta kien ikun hemm xi gwerra jew irvellijiet. Fl-aħħar bdiet tintuża bħala barrakki għas-suldati u anke ukoll ħabs. Illum hija attrazzjoni kbira turistika għax id-dehra panoramika li tara minn hemm fuq hija xi ħaġa tal-meravilja. Fl-isfond tara l-Alpi filwaqt li taħtek għandek il-belt ta' Salzburg. Lura lejn Klagenfurt u dan kien l-aħħar lejl fil-Hotel Aragia.

It-Tlieta 31 t'Awissu ħallejna l-Awstrija għal kollox biex immorru lejn it-tieni waqfa tagħna jiġifieri Trieste fl-Italja. Iżda qabel Trieste erġajna morna s-Slovenja biex inżuru proprju l-belt kapitali Ljubljana. Fi triqitna ltqajna ma' xeni naturali mill-isbaħ bis-swidija tal-Muntanji Alpi jagħmlu kuntrast qawwi mal-ħdura tas-siġar u l-widien. F'din il-belt li qiegħda fuq ix-xmara Ljubljanica qattajna in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu. Stajna naraw ħafna bini ta' interess bi stili differenti iżda l-aktar bini



Salzburg – il-belt tal-ħolm – imdawra bil-katidrali u monasteri ta' epoki differenti.

magħrufa li jsebbħu lil din il-belt huma xogħol il-famuż perit Sloven Joze Plecnik. Fost dawn hemm il-pontijiet li jaqsmu x-xmara. Il-Katidral ta' San Nikola huwa sabiħ ħafna kif ukoll il-ħafna knejjes li hemm imxerrdin mal-belt. Is-suq miftuħ u sabiħ kif ukoll il-ħwienet moderni offrewlna okkażjoni biex jinxtraw xi affarijiet. Lejn tmiem iż-żjara tagħna ġo Ljubljana bdiet traxxax ix-xita iżda din malajr waqfet fi triqitna lejn Trieste. Ma domniex biex wasalna f'din il-belt Taljana u malajr konna ssistemati fil-lukanda lussuża 4-*star* Jolly Hotel. Kienet lukanda sabiħa u mgħammra b'kollox. Wara, Gaetano ħadna dawra qasira maċ-ċentru ta' Trieste bl-akbar attrazzjoni tkun il-pjazza miftuħa quddiem il-baħar Adriatiku, il-Piazza Unità d'Italia, l-akbar pjazza fl-Italja ta' din ix-xorta.

L-Erbgħa fil-għodu kellna ħin biżżejjed biex inkomplu nduru ma' Trieste – belt sabiħa ħafna fuq l-Adrijatiku u li hija l-kapitali tar-reġjun Friuli Venezia Giulia. It-Teatru Ruman, il-knejjes, pjazez, l-Għolja ta' San Giusto bil-Katidral medjavali u l-fortifikazzjoni tagħha, il-*Canale Grande*, kienu kollha fil-mira tagħna. Hawnhekk ħafna minna strieħu għax filwaqt li fil-jiem ta' qabel ftit li xejn seta' jsir xiri, ġo Trieste nfetħu bibien is-sema u sal-aħħar ftit minuti bqajna niffrekwentaw il-ħwienet biex niltaqgħu ma' xi *bargain*. L-istorja ta' Trieste hija antika iżda mqallba ħafna għax mal-medda taż-żminijiet għaddiet minn taħt ħafna ħakmiet. Biex teħles mill-invażjoni Venezjana, Trieste fl-1509 ingħaqdet mal-Awstrija u apparti għal ftit żmien li kienet taħt il-ħakma Franċiża fil-bidu tas-seklu 19, baqgħet hekk sal-waqgħa ta' l-Imperu Awstrijo-Ungeriż fil-1918. F'dan iż-żmien reġgħet saret Taljana iżda, meta sfaxxa l-Faxxiżmu ta' Musullini fil-1943 din ittieħdet mil-Ġermaniżi biex fil-1945 ġiet okkupata l-ewwel mill-Armata Jugoslava u l-għada mill-Alleati u għalhekk Trieste kienet amministrata mill-Alleati. Kien biss fil-1954 li Trieste għaddiet formalment taħt ġuriżdizzjoni Taljana u l-konfini tar-reġjun minn mal-Jugoslavja ġew definiti darba għal dejjem fil-1975 bit-Trattat ta' Osimo. Fil-fatt matul iż-żjara tagħna ġo Trieste, fil-għaxijiet, attendejna għal xi attivitajiet kulturali li kienu qegħdin isiru biex ifakkru l-50 sena mill-unifikazzjoni ta' Trieste mal-Italja.


Il-palazz 'Belvedere' ġewwa Vjenna fl-Awstrija.

Wara nofs in-nhar erġajna morna s-Slovenja u din iż-żjara tibqa' mnaqqxa fil-memorji tagħna peress li żorna l-*Postonja Caves* u b'hekk dħalna fid-dinja ta' taħt l-art. Id-dinja misterjuża ta' l-għerien Postonja nħolqot u tnaqqxet mill-ilma. Fil-fond ta' dawn l-għerien famużi mad-dinja kollha hemm sbuħija li biex iffurmat ruħha mill-ilma ħadet miljuni ta' snin, litteralment qatra qatra, sena wara sena. Fihom labirint ta' madwar 20 kilometru bit-temperatura dejjem tkun l-istess – 10 gradi *Celsius*. Illum jinsabu mdawlin b'sistema elettrika u l-ewwel parti tat-*tour* issir bi tren miftuħ u t-tieni parti issir bil-mixi akkompanjati bi gwidi mħarrġin f'diversi lingwi. Matul dawn is-siegħa u nofs li tqatta' hemm ġew tara dehriet ta' kmamar u galleriji ta' kobor immens u bla tarf u li huma mżejna bi stalagmiti u stalaktiti ta' kull qies, għomor u lwien differenti skond l-kontenut tal-minerali. L-isbaħ stalagmita tlaqqmet id-"Djamant" għax hi kollha bajda silġ. Il-ħsejjes tat-taqtir ta' l-ilma u l-bidu ta' l-iffriżar ta' l-istess qtar, u l-ibbumbjar ta' l-ilma tax-xmara Pirka li jgħaddi minn dawn l-għerien ikomplu jsaħħruk. F'dawn l-għerien hemm sala kbira tal-Konferenzi fejn ħafna studjużi tan-Natura jiltaqgħu kif ukoll sala tal-Kunċerti li tesa' madwar 10,000 ruħ. Pietro Mascagni kif ukoll Enrico Caruso taw kunċerti f'dan il-post. F'din is-sala jsiru ukoll *discos* speċjalment fl-aħħar tas-sena. Ma jistax ikun li ma nsemmux l-annimali li jgħixu fis-sotterran, bl-iktar wieħed famuż il-Proteus Anguinis magħruf ukoll bħala l-ħuta umana. Dan huwa kulur il-ġilda umana (għalhekk l-isem tiegħu), ma għandux għajnejn, addattat għad-dlam u kapaċi jgħaddi snin twal mingħajr ikel.


Il-meravilja tal-'postonja caves' ġewwa s-Slovenja.

Ma stajniex intemmu din il-ġita mingħajr ma nżuru l-belt romantika ta' Venezja. Għalhekk il-ġurnata tal-Ħamis għaddejnieha f'din il-belt li għalxejn nipprova niddiskriviha għax trid tkun preżenti biex tipparteċipa fl-atmosfera grandjuża li toħloq din il-belt. Pjazza San Mark ipprovditilna l-isfond biex nieħdu ritratt ta' tifkira tal-grupp. Għal ħafna, rikba fuq il-gondola kienet bħaċ-ċirasa fuq il-kejk. Passiġġata matul il-*promenade* timlik bil-kurżità, aktar u aktar x'ħin tara dawk l-artisti u pitturi ipinġu xeni mill-isbaħ ta' din il-belt mimlija storja u rikkezzi. Ovvjament kull wieħed minna kellu l-preferenzi tiegħu x'jara

u għalhekk, matul it-triq lura lejn Trieste, ma naqsux ir-rakkonti ta' dawk l-affarijiet sbieħ li rajna. Kulhadd jgħid tiegħu u jqabbel ma' l-ieħor minn xhiex għadda waqt din iż-żjara qasira imma impenjattiva.

L-aħħar ġurnata ta' l-eskursjonijiet waslet ukoll u l-Ġimgħa morna l-Kroazja. Din il-ġurnata kienet waħda rilassanti ħafna. Għaddejna mir-reġjun ta' Capodistria biex wasalna Rijeka. Belt żgħira bil-port u li fiha attrazzjonijiet sbieħ, speċjalment il-Knisja sabiħa ta' San Vitus u l-Ark Ruman. Komplejna l-ġurnata billi morna Opatija – *resort* fuq il baħar Adriatiku. Belt sabiħa ħafna li qiegħda tkun imfittxija ħafna mit-turisti. Din il-belt taf il-qawmien tagħha matul dawn l-aħħar 120 sena u ngħatat spinta kbira biex tforni ruħha għall-gosti tat-turisti. Passiġġata matul ix-xatt ramli tal-bajja, bil-vilel sbieħ u qodma tas-*seafront*, kif ukoll l-isfond pittoresk ta' l-imsaġar kienu biżżejjed biex jiftħulna l-aptit għal ikla tajba.



*Xena tipika tal-kampanja ta' Kartnene fin-nofsinhar ta' l-Awstrija.*

Is-Sibt 4 ta' Settembru wasal ukoll u dan ġab fi tmiemha din il-vaganza. Qomna kmieni ħafna u fid-dlam tal-lejl morna lejn Venezja. Din id-darba, iżda, lejn l-ajruport biex fil-7.45 it-titjira KM3619 bditilna l-vjaġġ ritorn lejn Malta, din id-darba tal-Mediterran.

Bħalma jiġri kull sena, biex issir ġita ta' din il-kwalità jridu jsiru ħafna preparamenti minn xhur qabel u ta' dan nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min għen biex għal darb'oħra jkun hemm suċċess. Ovvjament il-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija, *BrittaniaTours* bir-rappreżentat tagħhom bħala *tour leader* is-Sur Gaetano Calleja kif ukoll aħna lkoll li sifirna, konna strumentali biex din il-ġita kienet pjaċevoli u ta' mistrieħ. Żgur li Ommna Marija żammet idHa fuqna biex teħlisna minn kull hemm. Għas-sena 2005 hemm ġita oħra ppreparata. Din ser teħodna lejn l-Italja, proprju fir-reġjun tat-Toscana u Gardaland.




St. Mary Fireworks Group
MQABBA
presents
the famous Pyro-Musical Show
Sunday 14th August @ 21.45
Unique Surprise
Day Fireworks
on Monday 15th August
@ 19:00
Powered by Fireone

see correction

# Spettakli

## Festival tan-Nar ġewwa l-Port il-Kbir

*...In-nar jinbaraq għall-ewwel darba bis-sistema tal-'Fire One'*





## Ċelebrazzjonijiet tal-25 Sena Konvenzjoni tal-FECC ġewwa n-Nadur Għawdex











# Oriġinalità fl-Ispettakli tan-Nar

## Kitba ta' Joseph Camilleri, Licensee Għaqda tan-Nar Santa Marija

Iż-żmien jgħaddi malajr u ma jistenna lil ħadd. Għaddiet il-festa tas-sena l-oħra u ġie konkluż il-programm vast li kellna ppreparat għas-sena 2004. Bħal ma tafu kellna festa oħra li ma tintesiex malajr anke fir-rigward ta' spettakli ta' nar, sew ta' l-ajru u anke ta' l-art. Però aħna ma tantx noqogħdu niftaħru b'rixna u nħallu lilkom u l-eluf ta' Maltin u barranin li jiġu l-Imqabba għall-festa tal-Patruna Santa Marija jitkellmu huma fuq il-livell ta' nar li jkollna.

Minbarra xogħol għal festa tas-sena l-oħra, l-għaqda tan-Nar Santa Marija ħadet sehem għal darb'oħra b'suċċess fil-Festival tan-Nar li sar f'Mejju 2004 ġewwa l-Port il-Kbir. Minkejja li t-temp dakinhar kien ta' qtigħ il-qalb u għamlilna ħafna ħsara, l-ispettaklu ta' nar li ħraqna reġa' kien ta' livell għoli u ta gost lil dawk kollha preżenti. Aħna, li konna miġburin mal-eluf li attendew biex jassistu għall-ispettaklu kbir li kellna, stajna nisimgħu l-kummenti pożittivi u jagħmluk kburi li tkun membru attiv fl-għaqda tagħna. Kulħadd kelma waħda: *"Veru li dawn in-nies kollox huma jivvintaw l-ewwel u biex tara xi ħaġa ġdida huma jridu jkunu"*. U nista' ngħidilkom li dak il-ħin tieħu gost u tħossok kburi b'dawn il-kummenti!

Imbagħad ġie x-xahar ta' Awissu u reġa' kellna festa mill-aqwa. L-ispettakli kienu jikkonsistu f'murtaletti bil-logħob, sew bħala beraq pront u anke tal-kulur. Min jista' jinsa l-ispettaklu meraviljuż ta' lejlet il-festa? Jew il-kaxxa infernali ta' ħruġ il-purċissjoni nhar il-festa u anke dik tad-dħul?

Għaddiet Santa Marija u kif nagħmlu dejjem erġajna bdejna nippreparaw għal festa oħra kbira għal din is-sena. Konna għaddejjin b'ritmu tajjeb hekk kif nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru għal ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu jċempilli r-raġel tat-tifla u infurmani li se jmorru l-isptar biex jaraw lil sieħibna Joe Galea. Jien, li kont għadni ma nafx li Joe kien l-isptar, għadtlu li kont se mmur magħħom iżda meta morna hemm ma tantx domna maġenbu għax kien muġugħ. L-għada l-Ħadd erġajna morna narawh u t-Tnejn għamilna l-istess. Meta wasalt jien qaluli li qiegħed l-I.T.U. Mort hemm u sibtu fuq is-sodda għall-kura. Jien u sħabi ta' l-Għaqda tan-Nar konna għal ħafna ħin ħdejn sieħibna Joe, tant li kollha kemm aħna waqqafna x-xogħol li konna għaddejjin bih għax konna bla kuraġġ. Nhar l-24 ta' Diċembru, ftit wara nofs il-lejl, iċempilli sieħbi u jinfurmani li ż-Że, kif kien magħruf magħna, kien ħalliena! X'jibqa' fik? Jien u sħabi ma ridniex nemmnu li tassew Joe kien miet! Kulħadd jibki u ħadd ma jaf x'ħa naqbdu nagħmlu! Wasal is-26 ta' Diċembru, jum il-funeral tiegħu, u l-membri ta' l-Għaqda tan-Nar konna kollha l-Isptar San Luqa nassistu għall-aħħar vjaġġ ta' sieħibna Joe. Wasalna l-Imqabba u l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ħejjietlu funeral kif jixraq lil bniedem li f'ħajtu kien ta' kuraġġ kbir u dejjem ħeġġiġna biex l-ispettakli tan-nar u l-festa li tant kien iħobb ma jkun jonqoshom xejn.



Tellajnieh bil-banda u magħha kien hemm miġbura l-partitarji u anke impjegati li kienu jaħdmu miegħu, u nħaraq salut ukoll. Għalkemm iż-Że ħalliena dan għadu magħna kuljum u ma nistgħu ninsewh qatt. Kif tista' tinsa lil dan sieħibna li kull naqra ċans li jkollu kont tarah dejjem il-post tan-nar, sew bil-lejl u anke Ħdud u festi! Kien iqatta' ġranet sħaħ magħna u sal-lum għadna lkoll insemmuh u nisthajluh ġej ħdejna fil-post li tant kien għal qalbu.

Aħna lkoll inwegħduk Joe li x-xogħol kbir li int kont bdejt u kellek kontra qalbek ittemm ħesrem, se nkompluh u int mis-sema flimkien ma' Santa Marija se tkun tista' titpaxxa b'dak li għamilt! Joe, int għadek magħna u għadna nħossuk kull fejn inkunu. Sew meta nkunu fil-post tan-nar u anke fl-għelieqi biex nippreparaw għall-ispettakli, Int ħa tkun magħna u tħarisna flimkien mal-Verġni Marija li int tant kont tħobb. Kemm ħallejtilna vojt Joe! Kemm kont tifel ħabrieki, sew fil-ħidma tan-nar u anke fil-finanzi li kien ikollna bżonn! Int dejjem tajt kontribut qawwi biex il-festa ta' Santa Marija tkun imżewqa bl-isbaħ spettakli ta' nar li jixirqilha. Int għalina fjura li ma tmut qatt għax għalkemm fl-età ta' 34 sena, tlaqtna biex mort ma' Ommna l-oħra fis-sema. Nafu li ma' din l-Omm m'hu ħa jkun jonqsok xejn għax Hi riditek biex tkun tista' tħaddnek magħha u żżommok taħt il-mant tagħha. Joe, aħna nirringrazzjaw lil martek u lil uliedek tal-ħin twil li kont tqatta' magħna. Nirringrazzjaw lil ommok u lil missierek. Kemm kien jieħu gost missierek u jifraħ meta jinħaraq in-nar tiegħek! Joe, insellmulek u ftakar li aħna lkoll xi darba għad irridu niġu ħdejk. Nitolbuk terfagħlna post ħdejn l-għażiża Ommna Marija li bħal ma taf aħna l-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija nħobbuha wisq.

Minbarra lil Joe, tajjeb insemmu li tlifna partitarju ieħor kbir. Dan huwa Joe Borg mill-Imqabba, iben żewġ partitarji kbar u li meta żżewweġ mar joqgħod iż-Żurrieq. Joe 'Tad-Dovik', kif kien magħruf l-Imqabba, ta sehmu ukoll fil-post tan-nar. Joe għamel żmien twil jaħdem in-nar għall-festa ta' Santa Marija u kien hu l-pijunier ta' l-ewwel murtal bil-logħob li qatt sar f'Malta. Dan aħna

nsibuh bħala l-murtal bil-logħob tal-fetħa u bomba. Kemm ħabrek Joe għall-festa ta' Santa Marija! Kienet wisq għal qalbu l-Madonna! Avolja Joe kien waqaf jaħdem in-nar, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ħasset li għandha tagħti ġieħ lil dan seħibna u ħarqitlu salut fil-funeral tiegħu. Lil Joe kulħadd kien iħobbu għax kien bniedem sinċier u qatt ma naf li nsulenta lil xi ħadd. Jiena li qattajt żmien twil naħdem miegħu f'fabbrika ta' l-irħam, qatt ma naf li żbalja u dejjem kont narah ferħan u bid-daħka fuq wiċċu. Għalkemm kien mar joqgħod iż-Żurrieq, Joe baqa' jħobb il-festa u mingħajr ħadd ma kien iġiegħlu, erħilu jiġi u jagħti l-kontribut finanzjarju tiegħu. Kemm kont nieħu gost narah jistrieħ mal-kolonni tal-każin f'nhar il-festa jgawdi l-istatwa titulari ta' Santa Marija meta tkun wieqfa quddiem il-każin! Joe, insellmulek u kun af li m'hu ħa ninsewk qatt!



Nieħu l-okkażjoni ukoll biex insemmi u nsellem lill-mibki Ġorġ Farrugia 'Ta' Kazza' li biex inbena l-post tan-nar li għandna kien ipprovda ħafna mill-ġebel. Grazzi Ġorġ!

Kif kont qed ngħid qabel, il-preparamenti għall-festa ta' din is-sena qabel il-mewt ta' seħibna Joe Galea kienu għaddejjin b'ritmu tajjeb. U wara l-mewt tiegħu għamilna kuraġġ biex nibqgħu mexjin bl-istess ritmu sabiex il-programm li kellna ppreparat jitlesta u l-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena terġa' tkun suċċess.

Din is-sena l-għaqda tagħna reġgħet ħadet sehem fil-Festival tan-Nar ġewwa l-Port il-Kbir permezz ta' *show* spettakolari nhar il-Ġimgħa 29 ta' April. Għal darb'oħra kien hemm jassistu għall-ispettaklu ta' l-għaqda tagħna eluf ta' dilettanti Maltin u barranin. Ilkoll skantati bil-livell għoli fil-kwalità ta' nar li l-għaqda tagħna tipproduċi. Kien hemm anke l-preżenza ta' stazzjonijiet televiżivi barranin u lkoll ikkummentaw b'mod pożittiv fuqna. Kienet *show* li għamlet unur lill-għaqda tagħna u fuq kollox lill-Imqabba!

Wara dan l-ispettaklu kien imiss li l-għaqda tagħna tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li ġew organizzati ġewwa n-Nadur Għawdex nhar l-4 ta' Ġunju, bħala parti mill-25 Konvenzjoni tal-Federazzjoni tal-Karnival ġewwa l-ibliet ta' l-Ewropa (FECC). Hawn tellajna spettaklu ta' nar ta' l-art li kompla għolla isem is-Soċjetà.

L-attenzjoni tagħna lkoll imbgħad daret fuq il-festa ta' Santa Marija ġewwa raħalna. Għal din is-sena reġa' hemm imħejji spettakli kbar ta' nar li tant aħna magħrufin għalihom. Inħeġġu lil kulħadd biex fil-ġimgħa tal-festa tiġu l-Imqabba u flimkien magħna tieħdu gost b'dak li għandna ppreparat għalikom. Għal din is-sena n-nar ta' lejlet il-festa, li bħas-soltu se jkun sinkronizzat mal-mużika, se jinħaraq bis-sistema tal-Fire One. L-għaqda tagħna għamlet użu minn din is-sistema għall-ewwel darba fil-Festival tan-Nar ta' din is-sena u kienet suċċess. L-ispettaklu pirotekniku se jkun jinkludi disinji, blalen, sfejjer, lampjuni, murtali tal-beraq pront u tal-kulur. Bħal ma setgħu jaraw dawk kollha li assistew għax-*show* fil-Port il-Kbir, dan kollu se jkun ta' attrazzjoni kbira u kulmin se jattendi se jieħu gost.

Għal-lejlet il-festa ukoll, imma għal ħabta tas-6.30pm jiġifieri fit-Tranżulazzjoni, se jkun hemm spettaklu ieħor ta' ħafna settijiet ta' murtali bil-logħob. Filgħaxija mbagħad wara l-ħarqa ta' l-ispettaklu pirotekniku se jkun hemm spettaklu ieħor ta' nar ta' l-art mekkanizzat. Bħal kull sena, dan ix-xogħol se jieħu ħsiebu Żaren Sciberras li flimkien ma' Michael Ghigo jagħmlu dan l-ispettaklu kbir u li jpaxxi lil kulħadd bil-kwalità ta' nar li jippreżentaw.

Bħas-sena l-oħra, il-kaxxa tal-ħruġ ta' nhar il-festa se tkun kollha baraxxijiet u kollha tinħaraq bid-dawl. Wara din il-kaxxa jkollna settijiet ta' murtaletti kbar bil-logħob.

Ma nistax minn hawn ma nirringrazzjax lil sħabi kollha ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija li bil-ħidma tagħna lkoll, sew fil-kmamar u anke barra tirrenja għaqda u ħbiberija kbira. Grazzi ħuti tan-nar u nħeġġiġkom biex din l-għaqda nibqgħu nsostnuha biex bil-ħidma tagħna lkoll il-festa tal-Patruna Santa Marija tkompli tikber. Barra minn hekk nirringrazzja lill-familji tagħna ta' kemm inċaħħduhom minn affarijiet u tal-paċenzja li jieħdu bina.

Fl-aħħarnett, kif dejjem għamilt, inħeġġeġ lil kulħadd biex tkunu ġenerużi għax l-ispejjeż dejjem qed jiżdiedu. Ilkoll tafu li l-flus li tagħtu qegħdin jissarrfu fi spettakli kbar li sena wara l-oħra qegħdin jagħtuna gost u jagħmlu unur lis-Soċjetà tagħna. Nirringrazzja lill-benefatturi kollha tas-Soċjetà u anke dawk il-barranin li fil-ħin ta' l-ispettaklu lejlet il-festa dejjem kienu ġenerużi fl-għotjiet tagħhom. Tifhmu ukoll li minbarra l-għajnuna finanzjarja għandna bżonn l-għajnuna ta' Ommna Marija biex tħarisna waqt ħidmietna u waqt il-ħin tal-ħruq.

Nitolbuk għażiża Marija biex tibqa' tħares lilna u lill-familji tagħna. Aħna nemmnu li kulmin jersaq lejk u jitlob l-għajnuna tiegħek int dejjem tisimgħu.

Nixtieq il-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u anke lil ħutna li jinsabu barra minn xtutna.

## Ringrazzjamenti:

Lill-Kumitat Eżekuttiv; lill-benefatturi kollha; lis-sidien tar-raba' li jagħtuna permess nidħlu fil-proprjetà tagħhom; lis-Sezzjoni Żgħażagħ; lill-Puliżija; lill-Kleru; lill-partitarji kollha; lil dawk kollha li joffru l-għajnuna tagħhom fl-arbular tal-festa; u b'mod speċjali lil sħabi kollha li bħala familja waħda ġewwa l-post tan-nar dejjem ħejjejna dan ix-xogħol hekk kbir.



*Anġlu Briffa ma' sett murtali minn tiegħu.*

# Programm tan-Nar '05

## Is-Sibt, 30 ta' Lulju: Bidu tal-Kwindiċina

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa infernali u murtaletti.
**9.30pm** Ħruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

## It-Tlieta, 9 ta' Awissu:
### *Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-ħruġ ta' l-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

## Il-Ħamis, 11 ta' Awissu:
### *L-ewwel jum tat-Tridu*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka Sagramentali jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

## Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu:
### *It-Tieni jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## Is-Sibt, 13 ta' Awissu:
### *It-Tielet jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ħadd, 14 ta' Awissu:
### *Lejlet il-Festa*

**9.30am** Mad-daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħrog it-Tranżulazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar ta' l-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari sinkronizzati mal-mużika. Settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur. Din is-sena ser tintuża għall-ewwel darba fl-Imqabba s-sistema kompjuterizzata tal-*Fire One*.
**11.30pm** Wirja ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkaniżżat.

## It-Tnejn, 15 ta' Awissu:
### *L-Għid ta' l-Assunta*

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjata mid-daqq tas-sirena, segwita minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-istatwa devota tal-Patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Maria, tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema*, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

## It-Tnejn, 22 ta' Awissu:
### *L-Ottava tal-Festa*

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

**Nota mill-Bord Editorjali**: Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċi u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min għen sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-ħruq.

# Tislima lil Seħibna Joseph Galea



Din il-Poeżija nqrat mis-sur Mario Farrugia,
waqt il-Funeral ta' Joseph Galea
nhar il-Ħadd, 26 ta' Diċembru 2004.

Kiefra l-firda għażiż Joseph
X'vojt ħallejt ma' kullumkien
U dil-ġerħa li għandna f'qalbna
Biex titfejjaq trid iż-żmien

Għax din mewtek hi għalina
Telfa kbira ma tgħib qatt
Inti ġawhra għażiża tagħna
Postok żgur ma jimlieh ħadd

Iżda Alla għoġbu jsieħlek
Riedek ħdejh mal-qaddisin
Għaliex lilek ħafna jħobbok
Xtaq idaħħlek mal-ħenjin

Kont tassew raġel ħabrieki
F'ħajtek tajt eżempji sbieħ
U fejn tkun tinħtieġ il-għajnuna
Kont issibek minnufih

Tifkiriet sbieħ ħallejtilna
U memorji ukoll ħelwin
Kont ħaddiem bieżel u umli
Kont onest ukoll ħanin

X'għaxqa kellek Jacqueline martek
Sew kont tħobbha int bil-kbir
F'xejn ma nqastha matul ħajtek
Lejk hi għandha wisq tifħir

Jean u Justin żewġ uliedek
Sew ħabbejthom int bis-sħiħ
Kienu ż-żewġ teżori tiegħek
Mhux ta' b'xejn dawn jaghtuk ġieħ

U kemm nies paxxejt b'ħidmietek
Kont taf taħdem sew in-nar
U f'kull bżonn kont żgur issibek
Kont kapaċi daqs nies kbar

Kont ukoll iddoqq il-banda
Kont ukoll benefattur
Kont qisek bħal dik il-warda
L-iżjed tfewwaħ fost il-fjur

Proprjetarju wisq ħabrieki
Mill-ħaddiema kont maħbub
Kont tistmahom daqs kieku ħutek
B'raġel twajjeb kont miġjub

Mulej ilqgħu ġewwa darek
Poġġih ħdejn il-qaddisin
Ħallih joqgħod sewwa qribek
F'dik saltnatek mal-ħenjin

Int biss taf tieħu ħsiebu
Ħdejk żgur ma jkun jonqsu xejn
L-ebda demgħa ma toħroġlu
Ħdejk il-ferħ wisq kbir Mulej

Joseph żgur qiegħed fil-ġenna
Maġenb l-anġli u l-qaddisin
Tfaħħar 'l Alla u tithenna
F'dak il-post lest għall-bnedmin

X'ħin tkun ħdejn Santa Marija
Busha f'isem l-Imqabbin
Għidilha biha wisq kburija
U hekk nibqgħu tul is-snin

Int taf tajjeb għażiż Joseph
Kemm lilek aħna nħobbuk
Rispett lejk dejjem urejna
Ħaj hawn magħna nixtiequk

Għażiż Joseph Że nsellmulek
B'talb għażiż aħna nwegħduk
Li noffruh 'l Alla għal ruħek
Biex nuruk kemm inħobbuk

*Grazzi Że ta' kollox*

# Bedford Town Band

## Banda mill-Ingilterra mistiedna għall-Festa ta' Santa Marija, 2005

### Kitba ta' Alfred Galea, Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali

**Fl-okkażjoni tal-festa ta' din is-sena, li fiha qegħdin infakkru għeluq il-100 sena mill-fondazzjoni tal-Każin Santa Marija, li nistgħu ngħidu kien il-pedament għat-twaqqif tas-Soċjetà tagħna, għeluq is-60 sena minn meta l-Każin tagħna żera ż-żerriegħa għall-attività mużikali ġewwa raħalna, u fl-aħħar iżda mhux l-anqas, għeluq is-7 sena mill-miġja ta' l-unur 'Etoile d'Or du Jumellage' ġewwa raħalna, riżultat tal-ħidma tas-Soċjetà tagħna fl-isfera internazzjonali, ħsibna biex għal darba oħra nistiednu Banda Barranija sabiex tieħu sehem fil-festa ta' Santa Marija, Patruna ta' raħalna l-Imqabba. Bħal drabi oħrajn is-Soċjetà tagħna fdat f'idejja din il-biċċa xogħol. Nispera li bħas-snin ta' qabel ix-xogħol tiegħi jkollu riżultat ta' ġid kemm għall-festa u s-Soċjetà tagħna, kif ukoll għal raħalna u pajjiżna b'mod ġenerali. F'dan l-artiklu tiegħi ser nagħti xi ftit tagħrif fuq din il-banda; tagħrif mgħoddi lili mis-Sinjura Sue Blunt, Segretarja u Membru fi ħdan din il-Banda.**

## Minn fejn ġejja din il-Banda:

Kif wieħed mill-ewwel jinduna meta jaqra l-isem, din il-Banda ġejja mill-belt ta' Bedford. Din il-belt ħadet isimha minn ***Beda***, kelma li ħarġet mill-*Old English* tal-perjodu Anglo Sassonu (Perjodu Pre-Era Normanna). Matul dan il-perjodu nsibu din il-belt diġà ċentru importanti ta' kummerċ fl-Ingilterra. Bedford taf l-oriġini u l-iżvilupp tagħha lix-xmara ***Great Ouse***. Huwa madwar din ix-xmara fejn insibu ċ-ċentru storiku ta' din il-belt. Waqt li fl-imgħoddi kienet essenzjali għad-difiża, kummerċ u transport, illum ix-xmara saret waħda mill-attrazzjonijiet prinċipali ta' Bedford. Din il-belt, flimkien mal-belt ta' Kempston, tifforma ċ-ċentru urban tad-Distrett Ingliż ta' *Bedfordshire*. Imdawrin ma' dan iċ-ċentru nsibu mhux anqas minn 43 parroċċa, kull waħda minnhom tikkonsisiti f'raħal jew irħula ta' kobor differenti. Ġeografikament Bedford tinsab madwar 50 mil bogħod minn Londra, fuq in-naħa tal-Lvant ta' l-Ingilterra (*East Anglia*). Il-popolazzjoni llum tgħodd madwar 12,000 ruħ. Wieħed mill-aktar ulied famużi ta' Bedford huwa John Bunyan li għex fis-seklu 17. Minn landier idur fit-toroq, Bunyan spiċċa biex sar predikatur u kittieb famuż. Qatta' madwar tnax-il sena minn ħajtu fil-habs ta' Bedford fuq akkużi li ppriedka mingħajr liċenzja. Kien f'dan il-perjodu meta huwa kiteb għadd ta' kotba, l-aktar wieħed famuż fosthom ikun '*The Pilgrim's Progress*'. Aktar nies famużi minn Bedford huma John Howard, li baqa' magħruf għar-riformi li wettaq fil-ħabsijiet, u Sir William Harpur, *Lord Mayor* ta' Londra u fundatur ta' waħda mill-akbar Għaqdiet Karitattivi ġewwa r-Renju Unit. Matul it-tieni gwerra dinjija Bedford saret



Harpur Centre



Glenn Miller, Direttur tal-Big Bands Amerikani.




Arma tal-banda

magħrufa bħala '*Liberty Town*' għal mijiet ta' suldati minn għadd ta' kampijiet tal-madwar. Bl-evakwazzjoni tal-BBC lejn il-belt fl-1942, Bedford saret ċentru ta' divertiment. Riżultat ta' dan, Sir Henry Wood, fundatur tal-*Promenade Concerts*, u Glenn Miller, direttur tal-*Big Bands* Amerikani, għamlu żmien jagħtu *Shows* kbar ġewwa Bedford. Ulied riċenti ta' Bedford huma l-atleti Olimpiċi Brittaniċi Tim Foster u Paula Radcliffe, li segwew il-passi ta' Harold Abrahams, rebbieħ tal-midalja tad-deheb fl-Olimpjadi ta' l-1924 u karattru priċipali tal-film *Chariots of Fire*. Madwar Bedford wieħed isib għadd ta' attrazzjonijiet turistiċi ddedikati lejn l-istorja ta' din il-parti ta' l-Ingilterra. Fost dawn wieħed jista' jżur *Woburn Abbey*, id-dar u *Safari Park* fejn fl-antik kienu jgħixu d-Duka ta' Bedford. Post Storiku ieħor insibuh fil-Parroċċa ta' Goldington, ftit 'il barra miċ-ċentru ta' Bedford. Dan il-post fi żmien il-gwerra kien iservi bħala Ċentru Soċjali għas-suldati fi żmien il-gwerra (*Reading and Recreation Club*). Illum dan il-post huwa d-'dar' ta' *Bedford Town Band* !

## Xi Ftit Storja fuq din il-Banda:

Fl-1893, artiklu intitolat '*Bands and Street Music*' deher fl-aġenda waqt laqgħa tal-Kunsill ta' Bedford. Is-Sindku dak iż-żmien kien issuġġerixxa li "Għalkemm kien hemm għadd ta' baned ta' ċertu livell ġejjin minn bliet fil-qrib,

kien wasallu tagħrif li f'ċertu kompetizzjonijiet id-distrett ta' *Bedfordshire* ma' setax jippreżenta Banda kapaċi tikkompeti ma' baned ta' distretti oħrajn" …….. "Bedford tista' timxi fuq l-eżempju ta' bliet oħrajn u tifforma Banda li tista' tkun attrazzjoni sabiex il-belt tħajjar aktar nies jiġu jgħixu fiha". Dan il-kliem iġġenera għadd ta' dibattiti u finalment wassal sabiex fit-13 ta' April 1894, banda li qabel kienet iġġib l-isem ta' *Wesleyan Mission Band*, saret "*The Bedford Town Band*". L-ewwel dehra uffiċjali tal-banda saret nhar l-4 ta' Mejju 1894 fi *Grand Fete* u f'Awissu ta' l-istess sena l-Banda rebħet l-ewwel Kompetizzjoni tagħha.



**John Bunyan, kittieb u predikatur famuż.**

Il-banda baqgħet tieħu sehem f'għadd ta' funzjonijiet fosthom fil-festi li fakkru l-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Vittorja u għalkemm ħafna membri nqabdu suldati matul l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-Banda kellha element sod biżżejjed sabiex tkun kapaċi ddoqq fl-okkażjonijiet ta' *Recruitment Rallies* u taghti għadd ta' kunċerti lit-truppi. Fis-16 ta' Novembru 1930 kienet ukoll mgħajta sabiex iddoqq quddiem ġemgħa ta' bejn 6,000 u 7,000 ruħ waqt kommemorazzjoni ta' tifkira lejn dawk is-suldati li kienu mietu meta *Airship R101* kien ikkraxxja ġewwa Beauvais, Franza. Matul is-snin li wasslu sa tmiem it-tieni gwerra dinjija l-banda kompliet tieħu sehem f'għadd ta' festi però naqset li tistabbilixxi ruħha fost l-aħjar baned ta' Bedfordshire, sakemm fl-1948 Mr. Reginald Crane laħaq Surmast tal-Banda. Sena wara, jiġifieri fl-1949, il-Banda reġgħet laħqet il-livelli ta' qabel bir-ritorn għar-rebħ f'kompetizzjonijiet mużikali.



**Bedford Town Band waqt kunċert strumentali.**

Dan is-surmast, bil-għajnuna ta' grupp żgħir mill-banda u b'entużjażmu tajjeb, irnexxielu jaddotta sistema għat-tfal sabiex jitgħallmu jdoqqu xi strument. B'hekk irnexxielu jkompli t-tradizzjoni ta' Banda li baqgħet tagħmel unur lill-belt. Numru mit-tfal li tgħallmu taht Reg Crane għadhom sal-lum idoqqu mal-Banda ta' Bedford. Wara l-mewt ta' Reg Crane fl-1973, il-Banda għaddiet taħt Terry Hext, li aktar tard sar l-għalliem ewlieni tal-*Brass* ġewwa *Bedfordshire County*. Dan is-surmast wassal lill-Banda tilħaq livelli tajbin ħafna li wasslu sabiex *Bedford Town Band* tibda tavvanza fil-*Brass Band Grading Scheme* ta' l-Ingilterra.

Fis-sena 2000 il-banda saħansitra kkwalifikat għall-*Finals* tal-*Brass Band Championships* tar-Renju Unit u daqqet ġewwa r-*Royal Albert Hall* f'Londra. Aktar riċenti l-Banda rebħet il-*Buckinghamshire Association's Festival*. Ma' dawn l-impenji fil-kompetizzjonijiet, il-Banda ta' Bedford dejjem żammet l-appuntamenti tagħha f'kunċerti u servizzi oħrajn. Fl-2003 l-Banda daqqet ġewwa Bamberg, belt fil-Ġermanja ġemellata ma' Bedford. Fl-istess sena l-Banda rrekordjat l-ewwel CD bl-isem ta' "*Spirit of Bedford*".

## Tagħrif fuq il-Banda llum:

*Bedford Town Band* illum hija parti minn organizzazzjoni awtonoma li tħaddan żewġ baned oħrajn, *Bedford Town Concert Brass* u *Progress Brass*. *Progress Brass* hija post dawk li jkunu għadhom kif tgħallmu l-prattika bażika fuq l-istrument rispettiv, simili għal banda ta' l-allievi kif aħna mdorrijin bihom hawn Malta. Wara perjodu ta' esperjenza u aktar studji mużikali, dawn jiġu promossi fi ħdan il-*Concert Brass*, biex fl-aħħar meta jintlaħaq il-livell aċċettabbli, jidħlu fit-*Town Band*. Il-mużiċisti kollha tal-banda ma jirċievu l-ebda ħlas għas-servizz li jagħtu.

Kull membru anzi jħallas ammont żgħir ta' menswalità fis-sena li jikkontribwixxi daqs għaxra fil-mija lid-dħul annwali tal-banda. Il-bqija tad-dħul jiġi minn kunċerti u servizzi li l-banda tagħmel matul is-sena, kif ukoll minn attivitajiet oħrajn bl-iskop ta' *Fund Raising*. Matul is-sena din l-organizzazzjoni mużikali tkun impenjata uffiċjalment medja ta' darba fil-ġimgħa permezz ta' waħda jew aktar mill-baned fi ħdana.

Kumitat maħtur kull sena jieħu ħsieb imexxi din il-banda. Il-President attwali huwa Paul Riggett. Paul, flimkien mat-tlett uliedu jdoqqu mal-*Bedford Town Band*. Paul Riggett imexxi kumpanija li timmanifattura strumenti mużikali (*Sterling Instruments* – www.sterlingbrass .co.uk), u li tagħmel manutenzjoni fuq kull tip ta' strument tar-ramm. Is-servizz tiegħu mal-banda huwa għalhekk indispensabbli ukoll fir-rigward ta' manutenzjoni ta' l-istrumenti li jintużaw mill-baned ta' Bedford.

Filwaqt li l-*Bedford Town Band* tikkompeti b'mod regolari fin-*National Championships* li jsiru fir-Renju Unit, ħaġa li titlob daqq ta' *Test Pieces* differenti, il-bqija tar-repertorju jikkonsisiti f'mużika li l-pubbliku in ġenerali jippreferi jisma'. Dan ivarja minn mużika klassika, għal dik tradizzjonali, sa mużika aktar moderna (Glenn Miller, Beatles u Robbie Williams).

## Is-Surmast Direttur:



**Surmast tal-banda Mro. Chris North**

Is-Surmast li ser ikun imexxi lill-Banda ġewwa Malta huwa Chris North, li twieled ġewwa *Huddersfield*. Minħabba li ġej minn *Yorkshire*, Chris minn tfulitu kellu opportunità jsegwi l-aqwa *Brass Bands* li wieħed isib ġewwa r-Renju Unit. Fl-età ta' tnax-il sena huwa beda jistudja l-istrument tar-ramm *Cornet* u daqq ma' *Meltham Mills Band* sa ma fl-1972 daħal ma' l-armata Ingliża bħala mużiċist.

Kien waqt *Tour* mal-Banda Militari ġewwa l-Ġermanja li huwa ltaqa' għall-ewwel darba mal-mara tiegħu Mary, li hija Maltija minn Santa Venera. Fl-armata Chris North laħaq sa *Warrant Officer Class One* u mexxa l-Banda ta' *Duke of Wellington's Regiment* (*West Riding*) bejn l-1987 u l-1993. Fl-1991 serva bħala Uffiċjal waqt il-gwerra tal-Golf.

Wara li temm il-karriera militari tiegħu, Chris North studja sabiex sar għalliem tal-mużika u minn dak iż-żmien kien involut fit-tagħlim u t-taħriġ tat-tfal fil-mużika. Fil-preżent huwa jgħallem il-mużika ġewwa *Northamptonshire*, distrett viċin *Bedfordshire*, filwaqt li jgħin madwar 150 tifel u tifla kull ġimgħa jipperfezzjonaw l-arti fid-daqq tal-*Brass Instruments*.

Bħala arranġatur u kompożitur Chris North kellu għadd ta' xogħlijiet ippubblikati, fosthom '*The Normandy Veterans Association March*', li ndaqqet ġewwa *Cenotaph* f'*Whitehall* matul festival annwali ta' tifkira. Imexxi ukoll kumpanija li tippubblika l-mużika, *DanetreMusic* (www.danetremusic.co.uk).

Riċentement Chris North introduċa serje ta' *four part harmony* '*Flexiscores*', immirata lejn gruppi ta' tfal li jistgħu jingħaqdu fi gruppi ffurmati minn kull tip ta' *Brass Instrument* u filwaqt li jieħdu gost idoqqu flimkien, ikollhom għajnuna sabiex jipperfezzjonaw il-livell mużikali prattiku tagħhom. L-aktar xogħol riċenti tas-Surmast North huwa 'Kampanjola', arranġament ta' danza folkloristika Maltija, magħmul apposta sabiex jindaqq ġewwa Malta mill-*Bedford Town Band*.

Bħala mużiċista Chris North daqq ma' uħud mill-aqwa baned li nsibu fir-Renju Unit u fil-mument huwa meqjus bħala wieħed mill-aħjar mużiċisti fuq l-istrument *Flugelhorn* li nsibu ġewwa l-Ingilterra. Minbarra li jsib ħin jidderieġi l-Banda ta' Bedford, Chris North huwa membru ma' *Ransome Band* li fil-mument tinsab fis-17-il post fost l-aqwa *Brass Bands* tad-dinja. Ma' din il-banda Chris jinsab kuntent idoqq u jikkompeti fuq l-ogħla livell mużikali. F'Ottubru li ġej beħsiebu jirrekordja l-ewwel CD ta' *Solos* fuq il-*Flugelhorn*, li f'biċċiet minnhom ser ikun akkumpanjat mill-*Bedford Town Band*.

## Solisti u Mużiċisti li ser idoqqu ġewwa Malta:

### Malcolm Mardle – Euphonium:



**Solist Malcolm Mardle – Euphonium**

Kellu erbatax-il sena meta beda jdoqq. Daqq l-ewwel Solo tiegħu wara biss 3 xhur. Wara waqfa mid-daqq ta' madwar 10 snin, reġa' ġie mħajjar jibda jdoqq ma' *Harpenden Town Band*, banda li kienet għadha kif ġiet iffurmata. Magħhom wasal sabiex rebaħ *National 4th Section Championship*. Il-ħajra li kellu sabiex javvanza lejn iċ-*Championship Section*, wasslitu sabiex jingħaqad ma' *The Hendon Band London*. Magħhom kellu esperjenza f'għadd ta' programmi fuq *BBC, Tours* u *Recordings*. Daqq ukoll b'suċċess diversi Solos li ġew ippremjati fosthom ġewwa *Alexandra Palace*. Qabel ma ngħaqad mal-Banda ta' Bedford fl-1992, Malcolm kien membru mal-Banda famuża GUS għal 10 snin. Magħhom wasal sabiex rebaħ il-*British Open* fl-1988.

### Michelle Wilde – Soprano Cornet:



**Solista Michelle Wilde – Soprano Cornet**

Twieldet fl-1974 u segwiet il-passi ta' nannuha meta ta' appena 10 snin bdiet iddoqq mal-banda tal-belt tagħha. Ta' tnax-il sena daqqet waqt il-programm poplari mat-tfal fuq *BBC TV* "*Blue Peter*", u sentejn wara rnexxielha tidħol membru man-*National Youth Band of Great Britain*, fejn damet 7 snin. Wara li daqqet ma' *Brass Bands* famużi Ingliżi, fosthom *Fodens* u *Wingates*, Michelle daħlet tistudja ġewwa *Huddersfield University*. Matul dan il-perjodu hija ngħaqdet mal-famuża *Sellers Engineering Band*, fejn kisbet diversi unuri. Matul il-karriera tagħha daqqet ma' għadd ta' *Brass Players* famużi fosthom, Derek Broadbent, Howard Snell, Phillip McCann u Alan Morrison. Wara li spiċċat l-Università hija daqqet għal sentejn ma' *Hepworth Band*, sakemm ittrasferiet ruħha għal Bedford fejn taħdem fil-qasam tal-*Marketing*. Michelle ngħaqdet mal-Banda ta' Bedford fl-2002.

### Mike Statham – Flugelhorn:



**Solist Mike Statham – Flugelhorn**

Beda' jdoqq *Cornet* ma' *Bedford Progress Brass* fl-1964 meta kellu 10 snin. Kien wieħed mit-tfal li tgħallmu taħt is-Surmast Reginald Crane. Kien għamel progress tant malajr li ta' ħdax-il sena kien diga' jdoqq mat-*Town Band* u ta' 18-il sena kien jokkupa s-siġġu ta' *Principal Cornet*. Permezz tal-Banda ltaqa' mal-mara futura tiegħu Lesley, li kienet iddoqq l-istess strument bħalu fil-Banda. Fl-1973 ħalla Bedford sabiex jattendi l-*College* u għal 4 snin daqq *Flugelhorn* ma' *Haddenham Band*. Mar-ritorn tiegħu f'Bedford reġa' qabad l-istrument antik tiegħu għal ftit żmien biex imbagħad bidel għall-*Flugelhorn*. Fl-1989 rebaħ l-unur bħala l-aħjar Solista fit-tieni sezzjoni tal-*Milton Keynes Entertainment Contest*. Dakinhar iddistingwa ruħu permezz ta' l-interpretazzjoni '*Aranjuez mon Amour*' ta' Rodrigo, mużika li saret poplari permezz tal-film '*Brassed Off*'. Tnejn mit-tlett itfal tiegħu segwew il-passi tiegħu u saru membri fil-banda. Ibnu Gareth flimkien ma' martu Lesley u l-filjozz tiegħu Christopher, kollha ser jiġu Malta fil-festa. Fil-ħin liberu tiegħu Mike jħobb jipprattika l-atletika. Fil-karriera sportiva tiegħu ħa sehem f'diversi maratoni, fosthom darbtejn fil-maratona ta' Londra u tnax-il darba fil-maratona ta' Rotterdam.

### Tony Wiles – Cornet:

Wara suġġeriment mill-ġenturi u l-għalliema tiegħu, il-*Father Christmas* kien ġablu *trumpet* meta kellu tnax-il

sena! Sakemm għaddiet dik il-ġurnata Tony kien diġà tgħallem idoqq *C Scale* fuq l-istrument ġdid tiegħu. Minn hemm 'il quddiem mużikalment qatt ma qagħad kwiet! L-ewwel Banda tiegħu kienet *Kents Works Band* ta' Luton u aktar tard ingħaqad ma' *Luton Junior Band* fejn laħaq *Principal Cornet*. Kien matul dan iż-żmien ukoll fejn iltaqa' mal-mara tiegħu Sheila.


Solist Tony Wiles – Cornet

Flimkien imbagħad kienu ngħaqdu mas-sezzjoni tal-*Cornets* fi ħdan *Luton City Band*, fejn Tony reġa' rebaħ postu bħala *Principal Cornet*. Ma' din il-Banda Tony kellu ħafna suċċessi fosthom ir-rebħ ta' *H. O'Wills National Finals*. Tony ingħaqad mal-Banda ta' Bedford meta ibnu Darren beda jdoqq mal-*Junior Band* ta' Bedford. Ilu *Principal Cornet* ma' din il-banda għal dawn l-aħħar sittax-il sena. Huwa ukoll membru attiv fi ħdan il-kumitat tal-Banda. Aktar riċenti, għal sentejn konsekuttivi, ingħata l-unur ta' *Best Cornet Soloist* matul il-*London and Southern Counties' Regional Finals*. Hawn Malta ħdejn Tony Wiles ser ikun hemm idoqq ibnu Darren, li llum sar Kurunettista Professjonali.

**Christopher Blunt – Cornet:**


Solist Chris Blunt – Cornet

Waqt li jiġi t-tifel tas-Segretarja tal-Banda, Christopher prattikament ilu midħla tal-Banda sa minn meta kien tarbija. Beda jistudja l-*Cornet* ta' 10 snin u ngħaqad mal-*Progress Brass* fl-2001. Minn dak iż-żmien lil hawn Chris għamel progress tant li rnexxielu f'qasir żmien jingħaqad mat-*Town Band*. Illum huwa l-uniku mużiċista li jdoqq mat-tliet baned ta' l-organizzazzjoni. Fl-2003 ngħażel biex idoqq mal-*Bedfordshire's County 3rd Concert Band* u din is-sena avvanza għal mas-*2nd Concert Band*. Deher darbtejn fuq BBC idoqq ma' gruppi mużikali li rrappreżentaw lill-*Bedford Town Band*. Ma' l-ewwel u l-unika dehra tiegħu bħala solista f'kompetizzjoni matul il-*Bedfordshire Music Festival*, Chris irnexxielu jiġi ppremjat.

Din is-sena, ta' appena 13-il sena, irnexxielu jġib *Distinction* fil-*Grade 5* ta' l-*Associated Board* mir-*Royal Schools of Music*. Riżultat ta' dan Chris daqq ġewwa r-*Royal Albert Hall* ta' Londra f'April li għadda. Christopher huwa l-iżgħar mużiċist li qatt daqq ma' *Coronation Brass*, banda komposta minn element magħżul minn fost għadd ta' *Brass Bands* madwar ir-Renju Unit. Magħhom għadu kif irrappreżenta lir-Renju Unit waqt Festival Folkloristiku ġewwa Bitburg, il-Ġermanja, flimkien ma' ftit mill-aħjar element bandistiku li wieħed isib ġewwa r-Renju Unit.

## Il-Banda li ġejja Malta:

Il-Banda ser tkun komposta minn 27 strumentisti fuq ir-ramm flimkien ma' 4 perkussjonisti. L-età tagħhom tvarja minn 14 sa 72 sena u ġejjin minn diversi oqsma professjonali fosthom inġinerija, *accountancy*, *customer service*, il-qasam tat-tagħlim, eċċ. Mal-banda ser ikun hemm gruppi familjari bħal ngħidu aħna missier u iben, omm u iben, raġel u martu, u saħansitra raġel flimkien ma' martu u binhom, kollha jdoqqu flimkien. Madwar terz ilhom b'konnessjoni mal-banda ferm qabel it-twelid ta' l-iżgħar membru li ġej Malta.

Fl-ispirtu tal-qasam bandistiku Ingliż, il-Banda għandha pjaċir tippreżentalna ukoll xi mużiċisti ġejjin minn baned oħrajn Ingliżi, li filwaqt ser jimlew il-post vojt ta' dawk li minħabba xi raġuni jew oħra ma setgħux jiġu Malta, għandhom xewqa enormi li jżuru Malta. Nisperaw li dawk kollha li ser jassistu għall-kunċerti tal-Banda f'Malta jieħdu pjaċir bil-mużika li ser jisimgħu u li din iż-żjara tkun waħda memorabbli għal dawn ħbiebna mill-Ingilterra.

**Il-Banda f'Malta:**

Ġewwa Malta l-Banda ser tkun komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Soprano:** | Michelle Wilde |
| **Solo Cornet:** | Tony Wiles |
| | Darren Wiles |
| | Peter Ashley |
| | Sue Blunt |
| **Repiano:** | Clare Craven |
| **2nd Cornet:** | Vivien Wilde |
| | Ian Davies |
| | Lesley Statham |
| **3rd Cornet:** | Chris Blunt |
| | Gareth Statham |
| **Flugel Horn:** | Mike Statham |
| **Tenor Horn:** | Colin Randall |
| | Kevin Dymond |
| | Faye Watson |
| | Alison Randall |
| **Baritone:** | Ivan Summersgill |
| | Bob Wills |
| **Euphonium:** | Malcolm Mardle |
| | Richard Mellor |
| **Trombone:** | Chris Barratt |
| | Mary Francis |
| | Paul Barker |
| **Eb Bass:** | Claire Horton |
| | Karen Nutting |
| **Bb Bass:** | Roger Nicholls |
| | Glenn Hughes |
| **Percussion:** | Chris Morrell |
| | Bob Calver |
| | Josh Redmond |
| | Mark Horton |

## Konklużjoni:

Nagħlaq dan l-artiklu tiegħi billi bħal meta għamilt kull meta kont involut fil-miġja ta' baned barranin għall-festa tagħna, nappella lil **KULĦADD**, bla ebda distinzjoni ta' partit jew kulur, sabiex jieħu parti u jattendi kull meta din il-banda ser tkun impenjata fil-festa tagħna.

Huwa pjaċir tiegħi u nħossni onorat nagħmel parti minn

FRAME MAKER
Prop. Christian Caruana

For any kind of frames
& glass cutting

57, St. Catherine Street, Mqabba ZRQ 08
Tel: 2168 3308 Mob: 9988 8691

La Spigola
Fish Shop

Quality fresh fish daily,
frozen fish and seafood, ice flakes

49, Blue Grotto Avenue, Żurrieq
Mobiles: 9944 9258 / 9985 9639



# Nota Editorjali:

B'referenza għall-artiklu *Xi Tifkiriet minn ta' Ċensu Psaila* li deher fil-programm tal-festa 2004 f'paġna 37, il-Bord Editorjali jixtieq jiċċara li l-medjatur sabiex inxtrat l-art għad-dwejriet tan-nar kien Gabriel Ghigo u mhux Ċensu Psaila kif bi żvista ġie ppubblikat. Ċensu u l-aħwa Psaila kienu l-benefatturi tal-ġebel sabiex inbnew dawn id-dwejriet fil-post tan-nar.

Soċjetà li taħdem sabiex tmexxi l-arti u l-kultura 'l quddiem kemm għall-ġid tar-raħal tagħna kif ukoll ta' pajjiżna. Dan nistgħu narawh jekk induru lejn kull fergħa li teżisti fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Jekk wieħed jagħti titwila ġewwa l-każin tagħna, illum jara li sar ċentru ta' artistrija, u li 'l quddiem jekk Alla jrid ser ikompli jżid u jissaħħaħ f'dan il-qasam.



*Dehra ġenerali ta' Bedford.*

Fil-banda tagħna, li għandi unur nagħmel parti minnha jien, hemm grupp sabiħ li jaħdem mill-qalb sabiex ixandar l-arti mużikali. U dan urejnieh (qed ngħid urejnieh għax kelli x-xorti jkolli sehem fiha jien) meta permezz ta' ħidma primarjament min-naħa tal-Banda tagħna, is-Soċjetà rnexxielha tiftaħ bieb sabiex Unur Uniku Internazzjonali seta' jidħol ġewwa r-raħal tagħna u pajjiżna.

Jekk Alla jrid sena oħra ser inkunu nfakkru diġà għaxar snin minn meta nbeda x-xogħol sabiex dan l-avveniment hekk kbir u uniku seta' jseħħ.

Ma nistax ma nsemmix lill-Għaqda tan-Nar fi ħdan is-Soċjetà. Minbarra li għall-ispettakli uniċi tagħha jirnexxielha ġġib ġewwa raħalna mijiet ta' nies matul il-festa, illum il-ġurnata qiegħda tkun minn ta' quddiem nett sabiex tagħmel unur lil pajjiżna fil-qasam ta' l-arti piroteknika.

Dan għexnieh fil-Festival Internazzjonali tan-Nar li sar din is-sena. Kull min segwa dak li sar ġewwa l-port il-kbir qabel li: "Ta' l-Imqabba kienu l-aħjar". Dan meta kien hemm jieħdu sehem manifatturi tan-nar li qabel il-Festival ġew irreklamati bħala '*World Renowed*'.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas insemmi s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija li minbarra li bil-ħidma tagħha qiegħda tkun innovattiva ferm u qed isservi ta' ġid u eżempju fil-qasam kulturali (Aċċenn speċjali min-naħa tiegħi jkun lejn il-Ġimgħa Marjana li organizzat f'Mejju li għadda; attività li impressjonat ferm, mhux biss lili, iżda lil kull min attenda għall-attivitajiet li ġew organizzati. Inħeġġiġġhom ikomplu jagħmluha kull sena).

Naf li bil-ħsieb u bil-galbu qegħdin iħejju ruħhom għall-ewwel esperjenza tagħhom fl-isfera internazzjonali permezz ta' skambju ma' grupp ta' żgħażagħ mill-Italja, li ser jingħata bidu għalih matul il-festa ta' din is-sena.

Jalla nkomplu sejrin hekk. Raħalna u pajjiżna għandu verament għalxiex jgħid lis-Soċjetà tagħna u lin-nies li jagħmlu parti minnha, **GRAZZI!!**

# L-Istatwa ta' Santa Marija tal-Pjazza f'għeluq il-45 sena



*L-Istatwa ta' Santa Marija li tinsab fil-pjazza tar-raħal.*

Kien id-9 ta' April 1942 meta l-knisja tar-raħal tagħna ġarbet ħsarat kbar bil-bombi tal-gwerra. Inqerdu bosta affarijiet fil-knisja, fosthom il-koppla, il-kappellun tal-Kor, u dak ta' l-Agunija, l-Artal Maġġur u ħafna mill-affarijiet tat-tiżjin tal-knisja fil-jiem tal-festi. Inqerdet ukoll l-istatwa tal-ġebel ta' Santa Marija li kienet tinsab fil-pjazza fil-post fejn hemm l-istatwa ta' l-Assunta li wieħed jista' jara llum. Il-bomba ta' l-għadu qerdet għal kollox l-istatwa għajr għal rasha li baqgħet miżmuma b'għożża kbira mill-familja Camilleri u llum tinsab miżmuma fis-sala prinċipali tal-Każin.

Għadda xi ftit taż-żmien, u bejn li kienet għadha sejra l-gwerra, u bejn li kien hemm ix-xogħol tal-bini mill-ġdid tal-Knisja, ftit li xejn intwera interess li tiġi magħmula statwa oħra ta' Santa Marija minflokha. Fl-aħħar inqala' Benefattur, li ndaħal għal dan ix-xogħol waħdu. Dan il-Benefattur kien is-Sur Spiridione Schembri. Hu ħa ħsieb għall-ispejjes ta' din l-istatwa kif ukoll għat-taħbit u l-ġiri.

Wara li kellem lill-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Gerald Mangion, saru xi kuntatti ma' l-Awtoritajiet Ċivili u Ekkleżjastiċi sabiex l-istatwa l-ġdida ta' l-Assunta tkun tista' ssir u titqiegħed fl-istess post fejn kien hemm l-istatwa l-qadima. Hekk kif waslu l-permessi meħtieġa s-Sur Schembri avviċina lill-iskultur Marco Montebello li kellu jaħdem l-istatwa ta' Marija Assunta.

Bit-taħbit ta' l-imsemmi Benefattur u a spejjeż tiegħu, din l-opra artistika fl-aħħar tlestiet u l-istatwa ġiet imtellgħa f'postha nhar it-2 ta' Ġunju, 1960 u ġiet imbierka mill-Kappillan, Dun Gerald Mangion.

L-Awtorità tal-Knisja tat indulġenza parzjali lil kull min jgħid Salve Reġina quddiem din l-istatwa. Lapida ta' l-irħam ġiet imwaħħla fuq wara tal-pedestall li ġġib dawn il-kelmiet bil-Latin:

**Spiridion Schembri**
**EREXIT MCMLX**

Fl-1998 sar xi restawr fuq din l-istatwa b'mod partikulari fuq idejha. L-aħħar manutenzjoni kienet riċenti meta nbidlu l-erba' kolonni tal-ġebel li ġew mibdula għal dawk iżgħar tal-ħadid, wara li waħda minnhom sfat imkissra għal kollox.

# Sidt glorjuża insellmulek

**P. Joseph Zahra O.P. (Festa Assunta 2005)**



Sidt glorjuża insellmulek
Int il-ferħ tal-poplu tagħna
Reġgħet waslet il-ġurnata
Li bla heda intennullek:
"Ave ave o Marija
Ave ave Santa Marija."

L-"iva" tiegħek li minn fommok
tlissnet għad-domanda t'Alla
hija mera ta' qdusija
bl-"iva" tagħna intennija.

"Ave Ave o Qaddisa
Ave Ave Santa Marija",
hawn illum, kuljum madwarek
ibqa' ndokra lilna uliedek
sakemm miegħek ġewwa l-ġenna
niġu ngħannu lkoll tifħirek.

Ma' Ġużeppi l-maħbub tiegħek
kellek taħrab lejn Eġittu
għallem lilna ukoll naħarbu
mid-dnubiet ta' l-ereżija.

Hawn illum ġo Malta tagħna
Ikkonsagrata lill-Assunta,
jiġu wħud igiddbu 'l Alla
li rivela l-glorja tiegħu
Alla Wieħed – tliet persuni.

Jiġu ukoll imaqdru l-ħajja;
Li tinsab fl-Ewkaristija,
Jippruvaw lil qalbna jfaqqru
Minn Sid il-Ħajja – magħmul ikel.

Kun int l-omm bħall-ewwel arka
Tal-patt t'Alla fost il-poplu
Kun int dejjem li tħarisna
Mit-tnassis kiefer tal-għadu.

Ave ave Arka ħelwa
Ave ave  Santa Marija.

F'dak it-tieġ famuż ta' Kana
Int kont hemm ma' Ġesù Ibnek
Kont attenta għal dik il-ħtieġa
Meta naqas ferħ il-bniedem.

Kont int stess li dħalt biex taqla'
Dak il-ferħ il-ġdid minn Ibnek
"Għamlu kulma Hu jgħidilkom"
mort għidilthom, lill-qaddejja.

Għallem lilna o Marija
o Qaddisa Santa Marija
biex kulma nagħmlu u kulma ngħidu
ikun dak li jridna Ibnek.

Għalhekk nerġgħu intennulek
b'ferħ is-sema, ġewwa fina
Ave Ave o kastissima
Ave Ave Santa Marija.

It-tlugħ tiegħek ġewwa l-ġenna
B'dik ir-ruħ u l-ġisem safi
Jkomli lilna jistedinna
Għalenija għall-indiema.

Biex hekk safja u nadifa
Aħna lkoll, meta jrid Alla
Niġu ngawdu ferħ is-sema
Miegħek, u ma' Ġesù Ibnek.

Kompli ieqaf dejjem magħna
F'kull nifs li għandna f'din il-ħajja
Kompli kun dik l-omm ħanina
Li b'imħabbtek tibqa' żżommna.

Għalhekk nieqaf  b'dawn il-versi
Li minn qalbi qed noffrilek
Ave dejjem o Sultana
Ave Ave o Patruna
Ave Ave o Nadifa
O Qaddisa Santa Marija.

# Minn fejn se jgħaddi l-marċ

Għal darba oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-festa titulari ta' Santa Marija fosthom il-Banda Ingliża minn Bedford. Però qabel ma nagħtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru ukoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## Il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju

**8.00pm** Tiftaħ il-Festa ta' din is-sena permezz ta' Lejla Maltija bl-aqwa talent lokali.

## Is-Sibt, 30 ta' Lulju: *Bidu tal-Kwindiċina*

## It-Tlieta, 9 ta' Awissu: *Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier*

**7.30pm** Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk; Triq il-Parroċċa, id-Duluri, il-Madonna tal-Ġilju, Aħwa Ghigo, Barumbara, Madonna tal-Ġilju, Misraħ il-Missjoni Żgħira, Madonnta tal-Ġilju, Sejba, Troll, Mitħna, Santa Katerina, Santa Marija iċ-Ċavi, San Innoċenzju, Santa Katerina għall-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

## L-Erbgħa, 10 ta' Awissu: *Jum il-Banda*

**8.15pm** Imiss jerġa' lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. David Agius, tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Program Vokali u Strumentali u annwali tagħha.

## Il-Ħamis, 11 ta' Awissu: *L-ewwel Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ivan J. Borg tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ciantar, naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq in-Nazzarenu, Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, Nikol Zammit, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Gerald Mangion, nerġgħu naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.

| IL-BANDA SAN ĠUŻEPP - ĦAMRUN | |
|---|---|
| Aħna tal-Miskina | Maj. A. Aquilina |
| Il-Famuża Koppla | W. Attard |
| Il-Ġużeppini | L. Borg |
| Tal-Qalba | J. Busuttil |
| Agrigento | A. Coleiro |
| Il-Banda San Ġużepp | P. Gatt |
| Il-Fundaturi tas-Soċjetà | A. Mizzi |
| L-Ewwel Banda Ħamruniża | J. Cuschieri |
| Komaj | O. Cachia |
| Ta' Bona | L. Borg |
| Golden Jubilee | E. Bugeja |
| Leli Pom Pom The Second | Maj. A. Aquilina |
| Matthias | John I. Borg |
| F.C. Internazionale | E. Pace |
| Emm Dor | J. Martin |
| Rodianne u Caroline tal-Miskina | V. Bonnici |
| Kayla | M. Adami |
| Lil Dun Ġużepp Cachia | A. Mizzi |
| **SURMAST DIRETTUR:** Mro. Ivan J. Borg | |

## Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu: *It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, tagħmel marċ (sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ) li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin: Triq il-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Pjazza tal-Ġublew tad-Djamanti, Santa



Katerina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem iI-Każin.

**BANDA SANT'ELENA - BIRKIRKARA**

| | |
|---|---|
| Innu tal-Banda | Chev. Joseph Busuttil |
| Innu Marċ | John Ivan Borg |
| Mr. Nipsnovah | Joe Vella |
| Kumitat Żgħażagh 2002 | David Agius |
| Conritmonju | Charles Mizzi |
| Snin ta' Suċċessi | Tony Carbonaro |
| Dylan | John Ivan Borg |
| Ġużeppi ta' Mabbli | Ernie Bugeja |
| La Belle Helene | John Theuma |
| Ghal Dejjem tal-Patruna | Raymond Fenech |
| The Crosn | Ronnie Pisani |
| Elena | Gabriel Muscat |
| Green Banner | Paul Schembri |
| Grazzi Ma | John Mamo |
| Tal-Qalba | Chev. Joseph Busuttil |
| Kumitat Żgħażagh '95 | David Agius |
| Triple Knock-Out | Ray Fenech |
| St. Petersburgh | David Caruana |
| Don Quixote | John Theuma |
| Kumitat Żgħażagh '96 | David Agius |
| On with the Fight | Chev. Joseph Busuttil |
| Come on the Stripes | Major Anthony Aquilina |
| Frankie and Josephine | J.I. Borg |
| Bemardette | Ronnie Pisani |
| Coronation | Azzopardi Joseph |
| Benjamin | Ernie Bugeja |
| Bonpacello | Ciappara Vincenzo |
| Kumitat tan-Nisa | J.I. Borg |
| II-Buqu | Elton Lee Abela |
| Josephine | Joe Vella |

**SURMAST DIRETTUR:**
Mro. Joseph Vella

## Is-Sibt, 13 ta' Awissu: *It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda Ingliża mistiedna għall-Festa ta' din is-sena, *Bedford Town Band*, taht id-direzzjoni ta' Mro.Chris North tesegwixxi program qasir ġewwa l pjazza.

**9.00pm** II-Banda Re Ġorġ V tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagh. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq San Bażilju, Triq il-Belt Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bazilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.



## Il-Ħadd, 14 ta' Awissu: *Lejlet il-Festa*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ mat-toroq ta' l-Imqabba li jibda minn quddiem il-Każin u jgħaddi kif ġej: Pjazza tal-Knisja, San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, Ħarriġiet, Ġorġ Mangion, Barrieri, Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, Pjazza tal-Knisja, Parroċċa, Duluri, Pjazza tal-Knisja u jispiċċa fi Triq Karmenu Ciantar.

**8.00pm** Il-Banda Ingliża, *Bedford Town Band* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Chris North tesegwixxi Program Strumentali ġewwa l-pjazza.

**SAN MIKIEL - ŻABBAR**

| | |
|---|---|
| Tislima lill-Madonna tal-Grazzja | L. Galea |
| Innu San Mikiel | Micallef |
| Innu Marċ | L. Bongailas |
| Censinos | D. Agius |
| Unika | D. Agius |
| Amigos | D. Agius |
| Santos | D. Agius |
| AI Pacino | D. Agius |
| Redent | K. Abela |
| Twanny | D. Camilleri |
| Ta' Kurun | D. Camilleri |
| Moodswing | R. Abela |
| Celebrations | S. Vella |
| The Two Friends | M. Bugelli |
| L-Ghaqda tal-Patruna | A. Coleiro |
| The Fifth Star | A. Coleiro |
| Millennium | A. Coleiro |
| Vinceremos | .A. Mizzi |

**SURMAST DIRETTUR**:
Mro. David Agius

**8.00pm** Marċ mill-Banda Konti Ruġġieru mmexxijja minn Mro. Joseph Muscat, li jibda minn Triq it-Troll, Sejba, Santa Katarina sal-pjazza.

**10.30pm** Taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Muscat il-Banda Konti Ruġġieru tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-Każin.

**BANDA KONTI RUĠĠIERU - RABAT**

| | |
|---|---|
| Rebbieħ | J. Vella |
| Tonio & Lilian | J. Vella |
| Welcome Royal Family | J. Azzopardi |
| Lumen Gentium | D. Coleiro |
| Ħamsin Sena Żagħżugħa | J. Muscat |
| Annalise | P. Schembri |
| 30th Anniversary | J. Vella |
| Biljardisti Rabtin | V. Ciappara |
| Lisbona | J. Azzopardi |
| Francis and Margaret | C. Borg |
| Nikita | S. Giordmaina |
| Apollo II | P. Debono |
| Malta | V. Ciappara |

**Programm Strumentali - 14.08.05**

| | | |
|---|---|---|
| Fantasia | Carmen | G. Bizet |
| | La Gazza Ladra | G. Rossini |
| | Lustspiel | K. Bela |
| | Anniversary | V. Ciappara |
| | Conquest of Paradise | Vangelis |
| Innu | Konti Ruġġieru | G. Vitaliti |
| | Ave Maria | Gounod |

**SURMAST DIRETTUR**:
Mro. Joe Muscat A. Mus. L.V.M. (Hons.)

## It-Tnejn, 15 ta' Awissu - *L-Għid ta' l-Assunta*

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' fil-għodu li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Xriek, Santa Katerina, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**6.00pm** II-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M tibda marċ minn Triq Valletta, il-Parroċċa tal-Knisja, San Bażilju, Pjazza tal-Knisja u jintemm qudiem il-Każin tas-Soċjetà Programm Mużikali.

**BANDA QUEEN VICTORIA – ŻURRIEQ**

| | |
|---|---|
| Lill-Kummissjoni Banda | A. Farrugia |
| Saviour & Miriana | E. Bugeja |
| Nicolo | J. Tanti |
| II-Grandu | C. Vella |
| Tislima lill-Maġġur Aquilina | V. Galea (arr. A. Farrugia) |
| Brioso | A. Camillcri |
| Pamdc | J. J. Fenech |
| Xemx ta' Lulju | A. Coleiro |
| Stezar | E. Bugeja |
| 8 ta' Diċembru | A. Farrugia |
| Remember Me | L. Bongailas |
| Santiago di Cuba | J. Abela Scolaro |
| CA. NO. PA. | A. Farrugia |
| 900 Sena Parroċċa | E. Bugeja |
| Il-Bożen | A. Aquilina |
| Golden Jubilee | E. Bugeja |
| Santos | D. Agius |
| King of Kings | A. Coleiro |
| Millennium | A. Coleiro |
| 25 Sena Segretarju | E. Bugeja |
| Karmelitani Żrieraq | A. Farrugia |

**Programm Mużikali – 15.08.05**

| | | |
|---|---|---|
| Overture | Don Giovanni | W.A. Mozart |
| Ballet | Faust | Gound |
| Selection | Gladiator | Arr. Daniel Vella |
| | Toccata in D Minor | J.S. Bach Arr Ray Farr & Kevin Lamb |
| Overture | Rienzi | Wagner |
| Intermezzo & Barcarole | Tales of Hoffman | J. Offenbach |
| Waltz | Over the Waves | J. Rosas |
| | The Olympic Spirit | John Williams Arr. Alfred Farrugia |

**SURMAST DIRETTUR**:
Mro. Alfred Farrugia L. (Mus.) L.C.M.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ taħt it-tmexxija ta' Mro. Ronnie Debattista, tibda marċ minn Triq Santa Katerina għall-pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**BANDA DE ROHAN – ŻEBBUĠ**

| | |
|---|---|
| These Ann | Ronnie Debattista |
| Tifħir lil Malta Rebbieħa | Geraldu Farrugia |
| Golden Jubilee | John Theuma |
| Den-Jan | Neol Farrugia |
| Bernardette | Ronnie Pisani |
| Al Pacin | David Agius |
| Victory | Vincenzo Ciappara |
| Ta' Bona | Lawremce Borg |
| Santos | David Agius |
| Come on Stripes | Anthony Aquilina |
| Harmony | Emm. Bugeja |
| Tremend | Raymond Zammit |
| The King | Arch. Mizzi |
| Magnus | Andrew Coleiro |
| Irene | Mario Testa |
| Benfred | John J. Pace |
| Tal-Qalba | Joseph Busuttil |
| Coronation | Joseph Azzopardi |
| Iż-Żbejjah | Philip Gatt |
| Tarsus | Ronnie Pisani |

**SURMAST DIRETTUR**:
Mro. Ronnie Debattista

**7.15pm** II-Banda Queen Victoria flimkien mal-Mezzo Sopran Marie Theresa Vassallo ssellem lill-Istatwa bl-Ave Maria.

**8.45pm** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M.. tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, flimkien mal-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi mis-Sur Samuel Bezzina A.T.C.L.. A.L.C.M. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra flimkien mas-Sopran Francesca Farrugia.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-Banda Ingliża, *Bedford Town Band*, jagħlqu l-Festa b'daqq ta' mużika leġġera quddiem il-Każin.

# Tifkiriet ta' Tony Borg

## Kitba ta' Giovanni Farrugia



Tony (jew Toni) Borg twieled l-Imqabba fis-7 ta' Novembru 1889. Kien bniedem dħuli ħafna u bi prinċipji sodi. Kien ħabib kbir tiegħi għax kellna l-istess passatempi. Fil-fatt it-tnejn li aħna konna nħobbu naqraw u ninteressaw ruħna fl-aħbarijiet ta' Malta u ta' barra.

Toni Borg iżżewweġ lil Rosina Camilleri fil-31 ta' Awissu 1918 u kellhom tlett itfal - Anna, Johnny u Maria. Minn dejjem niftakarhom joqogħdu fir-residenza numru 90, Triq Santa Katerina, l-Imqabba. Johnny kien ħabib tiegħi ukoll; kien bniedem edukat u dħuli bħal missieru. Għamilna żmien konna niffrekwentaw il-MUSEUM flimkien u kien meta beda jfittex ix-xogħol li nfridna.

Toni kellu tliet ħutu – Ġużeppi, Katarin u Manann. Ġużeppi kien miet l-għada tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Kważi kull nhar ta' Ħadd, Toni kien jieħu lit-tfal il-knisja għall-katekiżmu għax il-knisja kienet kollox għalih. Rosaria, il-mara ta' Toni, kienet waħda mit-tfal li kienu jmorru l-iskola fejn illum hemm il-familja Ciantar, bieb bogħod mid-dar tiegħu! Wieħed miz-zijiet tiegħu, iz-ziju Ġużeppi, kien ukoll imur l-iskola f'dan il-post. Kien żmien ta' mħabba u għaqda bejn l-Imqabbin. Kieku nimitaw lill-antenati tagħna, żgur li ngħixu ħajja aħjar. Għax fejn hemm l-għaqda u l-imħabba hemm kollox! Għax x'jiswa li fid-dinja jkollok kull ma trid, iżda mbagħad tgħix imfixkel bil-problemi li toffri l-ħajja tal-lum!

Toni kien dilettant ferm tax-xogħol bl-arkett. Xi xogħlijiet li niftakru jaħdem fuqhom kienu l-kampnar tal-knisja bid-dawl, xi gastri, u fanal ta' l-intrata li tassew kien jgħaxxqek. U hawn bdejt nammirah għax-xogħol paċenzjuż u ta' l-eżattezza. Ġieli anke għamiltlu xi disinji ta' qsari li mbagħad hu kien jaħdimhom b'perfezzjoni kbira. Dan ix-xogħol kien joqgħod jagħmlu ftit ftit wara li jkun ġie mix-xogħol. Toni kien suldat, b'*rank* ta' Surġent fl-R.M.A. (Royal Malta Artillery). Kien żmien ta' qtiegħ il-qalb, b'ħafna ċaqlieq ta' kanuni. Kien żmien ta' ħajja diffiċli.

Rosaria u oħtha Ċetta Camilleri kienu ħbieb ta' l-għażiża ommi. Darba Rosaria rrakkuntatli l-ġrajja ta' meta tellgħu l-qanpiena l-kbira "Ta' Mejlaq" ġol-kampnar. "Kien għadu kif ġie mix-xogħol, ħa tazza kafè, neża' l-libsa ta' suldat u tela' fuq il-kampnar biex jagħti ż-żejt lil Buzelli, u Ċensu ta' Dolor tela' bil-qiegħda fuq il-qanpiena biex jagħmel l-istess xogħol." Rosaria beżgħet li Toni kien se jieħu riħ peress li kien għadu kemm neħħa l-libsa ta' fuqu u kien tiela' hemm fuq. Iżda Toni kien bniedem ta' prinċipju u qalilha li la kien inkariga ruħu minn din il-biċċa x-xogħol ried jagħmilha. U l-qanpiena l-kbira telgħet b'wiċċ il-ġid ġol-kampnar fost il-ferħ ta' l-Imqabbin. Minn riċerka li għamilt fl-1970, sirt naf li din l-opra tħallset mill-maħbub Mikiel Zammit (Il-Mejlaq) filwaqt li Monsinjur Batist Ghigo taha t-tonalità biex tiġi armonjuża mal-qniepen l-oħra. Dawn il-qniepen fihom valur enormi meta jdoqqu f'xi mota għal xi okkażjoni speċjali u żgur li jagħtu pjaċir lil maħbubin Imqabbin imma anke lill-barranin li jiġu fostna. Tabilħaqq għandna għax nirringrazzjaw lil missirijietna ta' dan il-wirt li ħallewlna.

Aktar ma bdejna niltaqgħu jiena u l-ħabib tiegħi Toni Borg aktar sirna nafu l-ideat ta' xulxin u wasalna biex konna ftehmna biex nibdew nagħmlu passiġġati flimkien u noqogħdu nitkellmu dwar dak li nkunu qrajna. Daqqa passiġġata u daqqa sejrin il-knisja quddiem Ġesù Sagramentat, kif kien ta' sikwit jisħaq fuqha l-Kappillan Spiteri. Konna anke nħobbu mmorru San Bażilju nirranġaw il-pavaljuni. Dawn tant kienu għal qalbu li l-każin kienu jsejħulu "Toni tal-Pavaljuni" u mhux Toni Borg. Kont nieħu gost meta jiġi javżani biex immorru nirranġawhom għax ikun ifisser li tkun waslet il-festa. Kien iħobb jiġi d-dar javżani biex lili ma jtellifnix mir-riċerki li kont diġà bdejt nagħmel u kien il-gost tiegħu jisma' minn għandi ma' x'hiex iltqajt. U meta jien kont immur infittxu d-dar tiegħu, Rosaria l-mara tiegħu kienet tgħidli "Giovann, Tony jirrispettak wisq" u hu kif jisma' leħni kien jiġi malajr. Kienet tieħu gost tarana flimkien.

Kienet qed toqrob il-festa ta' Santa Marija u bdejna mmorru San Bażilju nirranġaw il-pavaljuni u konna ftehmna li nibdew minn ta' Triq il-Belt u biex nibdew inwaħħlu l-pavaljuni ftit kmieni għax is-sħana kienet bdiet tagħmel tagħha. Konna miftehmin ukoll li nibdew niltaqgħu wara l-4pm. Ma' Toni jekk kont tiftiehem li tiltaqa' miegħu fl-4pm jew fil-5pm kien ikun fil-ħin u jiena kont drajt nagħmel bħalu. Kellu dixxiplina ta' suldat, li jagħtik gost kif jagħmel l-affarijiet b'tant eżattezza. Irridu nqisu ukoll li l-R.M.A. mgħallmin minn Kaptani Ingliżi. Kull meta kont immur sal-Belt għand iz-zija kont immur il-Main Guard fejn is-suldati kienu ta' sikwit jagħmlu l-parati.

Mela kellna t-toroq lesti, armati u konna se nibdew Triq San Bażilju. Din it-triq konna nżejnuha bil-kumdità u kellna xi affarijiet bħal lasti u ornamenti għat-truf tal-pavaljuni ġo kaxxa ħdejn it-tankijiet ta' l-iċetelieni. Dawn kienu żewġ tankijiet kbar li kienu jintużaw biex jixegħlu t-


Waħda mill-pageants ta' l-Aurora Drammatic Co.

tazzi bl-aċitilena flok biż-żejt. Fizzuntier konna npoġġu żewġ siġġijiet u konna narmaw fuqhom. Ġara li meta kważi lestejna jiena mort inġib żewġ ornamenti għat-truf tal-pavaljuni u kif se nġib l-ewwel wieħed bdejt nisma' bħal biki ta' trabi minn wara t-tankijiet. Qgħadt għall-mument nisma' u wara sejjaħt lil Toni biex jiġi jisma' hu ukoll. Staqsejtu jekk kienx qed jisma' bħali iżda hu qagħad għal ftit ħin iċċassat. Jiena bdejt naħseb jekk għandix inċaqlaq it-tankijiet iżda dawn kienu tqal wisq. Għalhekk staqsejt lil Toni jekk nistgħux nittawlu wara t-tankijiet iżda hu qalli biex ma mmissu xejn. Sadattant kien sar ħafna ħin u ma kont għadek tara lil ħadd barra. Jien erġajt staqsejt lil Toni x'jaħseb li għandna nagħmlu iżda hu qalli li din hi ħaġa kurjuża u qalli biex ma ngħid xejn lil ħadd ħalli naraw jekk darb'oħra nerġgħux nisimgħu dan il-ħoss. Jekk niftakar sewwa, dan ġara fis-sena 1946 u wara xi żmien kont smajt li kien hemm persuna oħra li reġgħet semgħet dan il-ħoss. Iżda jien u Toni ma tkellimna ma' ħadd dwar dan.


Xena minn pageant oħra ta' l-Aurora Drammatic Co.

Armajna l-pavaljuni kollha u l-festa għaddiet b'wiċċ il-ġid u jien u Toni bqajna niltaqgħu regolari u konna ħadniha drawwa, wara li mmorru għar-Rużarju u nkunu kilna, biex immorru passiġġata san-Nazzarenu, jiġifieri ħdejn iċ-ċimiterju tar-raħal u wara li ngħidu talb għall-erwieħ noqogħdu nitkellmu fuq dak li nkunu qrajna. Kienet għaddiet ukoll il-festa tal-Vitorja u konna qed noqorbu għax-xahar ta' Novembru. U din il-passiġġata kważi ma fallejniha qatt.

Darba fost l-oħrajn ġie magħna Anġlu Borg, ħabib kbir tagħna, għax kien talabna biex jiġi magħna. Dik il-ħabta, fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, jgħidu li kien qiegħed jidher Dun Alfred Gatt. Anġlu jgħid li dik il-ħabta kien iċ-ċimiterju u kien hemm xi tfal tal-MUSEUM tal-Belt fejn jiena kelli ħbieb minn hemm. Dawn bdew jgħajtu "Ara Dun Alfred! Ara Dun Alfred!" u wara li rrakkonta l-esperjenza li għadda minnha staqsiena jekk qattx aħna smajna xi ħsejjes f'San Bażilju. Jiena ma tkellimt xejn u ħallejt lil Toni jitkellem hu. Toni, ta' bniedem intelliġenti li kien, qallu "Anġ, daqskemm nagħmlu ħsejjes bl-armar!" U waqaf hemm. Anġlu qallu li ma kienx qed jirreferi għall-ħsejjes ta' l-armar. "Irrid ngħid… bħal biki ta' tfal żgħar?" Jiena qgħadt kwiet nisma' x'se jwieġeb Toni biex meta mmur id-dar nikteb kollox għall-istorja kif dejjem nagħmel. "Ara Anġ.." qallu Toni, "hemmhekk jeżisti ċimiterju għal nies li mardu bil-pesta". U l-istorja waqfet hemm.

U minn dakinhar 'l hawn ma smajna xejn iktar iżda meta kont immur ħdejn San Bażilju nistenna lil Dun Ewġen biex immorru passiġġata saċ-ċimiterju tan-Nazzarenu, kif joħroġ mill-bieb kien dritt imur jgħid xi talb u jgħidli li dawn għandhom bżonn it-talb. X'ħin niġu lura, kien jagħmel ħin wieqaf u jħares lejn it-tieqa li hemm ħdejn il-bieb. Donnu kien jaf b'xi ħaġa iżda qatt ma qal xejn. U dan il-fatt baqa' misteru!

Kien żmien sabiħ li qattajt ma' dawn l-irġiel twajba u tgħallimt ħafna minn għandhom. Meta kont inkun ma' Toni fil-passiġġati li konna nagħmlu, ġieli rrakkuntali esperjenzi iebsa ħafna li kienu jgħaddu minnhom fil-militar. Niftakar darba rrakkuntali li kienu qed jirranġaw il-kanuni li kien hemm f'Sant Iermu u damu hemm sa tard bil-lejl. Kienu saru l-11pm u waqfu biex jieħdu xi ħaġa u kif kienu bil-qiegħda jaraw bħal qishom erwieħ ħerġin mingħajr ma jmissu ma' l-art. Quddiem din id-dehra, ilkoll tbikkmu u kollha bdew iħarsu lejn xulxin fi skiet perfett.

Kien hemm żmien fejn ma stajtx niltaqa' aktar ma' Toni minħabba xi laqgħat li kien ikolli, u anke minħabba li Toni beda jħossu ma jiflaħx. Konna ddeċidejna li fix-xitwa ma nkomplux niltaqgħu għax issa Toni kien diġà għadda l-ħamsa u sittin sena u kif għedna qabel, hu kien bata ħafna speċjalment fiż-żmien tal-gwerra. Għex ħajja ta' sogru kbir, bil-mewt imdendla fuq rasu, iktar u iktar għax kien suldat. Toni kien beda jmur lura u kien ikolli mmur narah id-dar għax kien naqqas ħafna mill-ħruġ. Huwa miet fit-2 ta' April 1956.

Hi veru ħasra li jkollok ħabib
għamiltha miegħu għal snin
Donnu fl-aħħar m'hemm l-ebda tabib
Biex isalvak mill-kiefer destin.

Ħabib jew għadu
Anke min jiflaħ daqs sur;
Firda li hi għal dejjem
ġol-qabar ikollu jmur.

L-imħabba fiha valur
Allura l-firda qalbek ittertaqlek;
Li tafu għal bosta snin
Meta jkun daħal ġo qalbek.

Madwar sebgħa u sittin kellu;
Kienu l-elf disa' mija u sitta u ħamsin
Tnejn ta' April, fis-sema mar
Igawdi lil Santa Marija u 'l Qaddisin.

# Kult Marjan f'Malta

## Kitba ta' Mario Fenech

Huma ħafna dawk il-knejjes u kappelli li huma ddedikati lil Santa Marija fil-gżejjer Maltin. Nistgħu ngħidu li f'kull belt u raħal għandek tiltaqa' ma' knejjes, kwadri fuq altari, statwi fi knejjes u fit-toroq, ismijiet u tant xhieda oħra qawwija ta' l-imħabba li dejjem wera l-poplu lejn Marija Assunta.

F'Ħal Tarxien il-kult Marjan huwa wieħed kbir tant li minbarra l-knisja parrokkjali ddedikata lil-Lunzjata hemm kappella żgħira li hija ddedikata lit-tlugħ fis-sema ta' Marija. Kappella ħelwa ħafna li meta nbniet l-ewwel darba kienet fi triq li dak iż-żmien kienet importanti ħafna aktar mil-lum u dan għaliex kienet it-triq li minn Ħaż-Żabbar twasslek lejn iż-Żejtun. It-Triq jisimha Santa Marija u l-Kappella hija magħrufa bħala tar-rokna.

Inbniet qabel is-sena 1415. Tant hu hekk li din tissemma fir-rapprot tal-vista pastorali li kien għamel fl-inħawi l-Isqof Cagliares. Din id-data kienet snin qabel ma r-raħal ta' Ħal Tarxien sar parroċċa. Fil-fatt din inqagħtet minn mal-matriċi tal-Gudja fis-sena 1592. Kienet ħallset għall-bini tagħha Duminka Azzopardi. Vista pastorali oħra li fiha tissemma din il-kappella kienet dik li kien għamel Mons. Dużina nhar it-8 ta' Frar 1575. Jidher li ma tantx kienet fi stat tajjeb tant li lanqas rettur ma kellha. Kien hemm ċertu Azzopardi li kellu l-obbligu li jagħmel għasar u quddiesa nhar il-festa ta' Santa Marija. Kien hemm oħrajn li kienu jżuru l-knisja għal xi wiegħda filwaqt li oħrajn li jgħixu fil-viċin kienu jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex din il-kappella ma jiġriliex bħal kappelli oħrajn u tiġi pprofanata. Jidher iżda li ż-żmien kien għamel tiegħu fuq il-bini tal-kappella għaldaqstant din kellha tinħatt u tinbena mill-ġdid fis-sena 1668 meta l-prokuratur tagħha kien Dun Francesco Penza li kien ħa ħsieb ukoll biex isiru diversi opri sbieħ li għadhom fil-kappella sal-lum.

Biex aktar tkun imħarsa l-festa ta' l-Assunta permezz ta' testment li kien sar għand in-nutar Massimiliano Troisi Menville, il-koppja Andre u Teresa Muscat waqqfu fundazzjoni biex permezz tagħha tkun tista' ssir festa xierqa bil-quddiesa kantata nhar il-festa ta' l-Assunta. Minbarra l-Altar Maġġur li fuqu hemm kwadru sabiħ ta' l-Assunta li kien sar fis-sena 1771 mill-artist Rokku Buhagiar u ddekorat bl-iskultura hemm ukoll altar ieħor tar-Rużarju. Wieħed jinnota ukoll kurċifiss sabiħ ta' l-avorju li fi żmien kien devot ħafna. F'nofs il-paviment tal-kappella hemm midfun il-benefattur Lorenzo Bugeja li kien miet nhar id-19 ta' Marzu tas-sena 1800.

Il-kappella għadha tintuża għal-laqgħat ta' talb u tintrama' minn dilettanti li jieħdu ħsiebha waqt il-jiem tal-festa. Nistgħu ngħidu li din il-Kappella ma jonqosha xejn bil-faċċata tagħha kompluta b'żewġ kampnari b'sett ta' tlett qniepen u bi statwa ta' Santa Marija fin-nofs fuq il-fontispizju. Tinsab fi stat tajjeb ħafna u dan grazzi għal dawk li jieħdu ħsiebha u li jaraw li ma ssiriliex ħsara bl-elementi naturali.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**



# Il-Madonna tiffaċċja l-Ħajja

## Kitba ta' Mons. Joe Carabott

Sar kwestjonarju fost elfejn żagħżugħ u żagħżugħa dwar "Il-Madonna fid-dinja taż-żgħażagħ illum". Dan kien organizzat mill-Università Gregorjana f'Ruma xi ftit taż-żmien ilu. Se nsemmilkom xi ftit riżultati fuq żgħażagħ li:

**Jitolbu lill-Madonna – 30%**
**Iħossuha 'l bogħod – 18%**
**Għandhom fiduċja – 30%**
**Jarawha mudell – 15%**
**L-umiltà l-aqwa virtù – 53%**
**Jimitawha – 0.2%**

Ma nafx jekk iż-żgħażagħ Maltin iħossux l-istess. Żgur iżda li l-Imqabbin tinteressahom ħafna l-Madonna!

- L-ewwel għaliex il-Parroċċa hija ddedikata lill-Madonna u għaliex fl-istess raħal isiru żewġ festi sbieħ ad unur tagħHa. Però attenti li x-xbieha ma tkunx aktar importanti mir-realtà - ibdel wiċċ l-istatwa u ma jibqa' xejn!
- It-tieni jista' jkun hemm rabta bejnek li qed taqra dan il-messaġġ u l-Madonna, bħal "tlett *Ave Maria* qabel norqod ma nħallihom qatt", ix-xbieha tal-Madonna fil-*key chain*, jew domna mdendla mal-ġiżirana, jew *sticker* fil-karozza ... affarijiet żgħar li jistgħu jkollhom effett tajjeb!
- It-tielet illi xi wħud il-Madonna tagħtihom sens ta' sigurta' u għalhekk f'kull forma ta' ħtieġa: mard, eżami, inkwiet, bżonn... lilha jitolbu!

Però dan li għedna huwa biss tal-wiċċ u allura se nippruvaw nitfgħu xi għeruq fil-fond, għax inkella l-iċken riħ itajjar kollox. Intom żgħażagħ tinsabu fi stadju fil-ħajja tagħkom meta bdejtu tiffaċċjaw x'toffri l-ħajja. Għadda ż-żmien meta qed issibu kollox lest jew meta hemm xi ħadd jiddeċiedi għalik. Inti dħalt fil-fażi fejn bilfors se jkollok għażliet x'tagħmel ... bħal kull bniedem u allura bħal Marija ukoll!

Il-ġrajja ta' meta l-Arkanġlu Gabrijel ħabbar lil Marija li se ssir Omm Alla nafuha lkoll u għandna idea tajba tagħha, jigifieri: kienet kwieta titlob, dehrilha anġlu, taha messaġġ, għamlitlu xi mistoqsijiet, weġibha u aċċettat.

Ftit minuti kollox! Mhux daqstant ħafif il-każ! Ejjew ninnutaw x'qalilha l-anġlu: **Mimlija bil-grazzja. Sibt grazzja quddiem Alla. Se jkollok iben. Hu jkun kbir u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakob u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu.** Kif setgħet Marija ma tithawwadx? Kif setgħet tagħti tweġiba fi ftit minuti! Żgur li ħasbet u rriflettiet qabel aċċettat.

Fl-aħħar mill-aħħar nafu li kienet drawwa tagħha li tagħmel hekk. Meta twieled Ġesù f'Betlehem u semgħet lir-rgħajja jitkellmu fuqu, naqraw fl-Evanġelju li **Marija min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnHa u bejn ruħHa** *(Lq* 2, 19). U meta kellha l-każ li Ġesù ntilef fit-tempju, kif marret lura d-dar f'Nazzaret **kienet tgħożż f'qalbHa dawn il-ħwejjeġ kollha** (Lq 2, 51).

Kemm neħtieġu waqtiet ta' skiet! Ngħixu fl-istorbju: fit-triq, skola, divertiment, fabbrika. Għandna nkunu kapaċi ngħaddu ħin fil-kwiet u ma nibżgħux mis-skiet, għax hemm nagħrfu lilna nfusna u l-ħtigijiet tagħna. Forsi tgħiduli: tridna strambi jew? Insibu ħin fil-kwiet bla ma nkunu strambi. Per eżempju, kif inhi l-quddiesa tiegħek il-Ħadd? F'komunità li qed titlob u tisma'... jew l-oppost? Għandek post fejn tħossok miġbur?

Se nsemmilkom mhux suġġerimenti tiegħi imma esperjenzi ta' żgħażagħ bħalkom: il-*Millennium Chapel*, kappella ta' l-adorazzjoni, kamartek jew forsi qatt għamilt xi *live-in* jew irtir?

Is-skiet ta' Alla u ta' Marija ġabu s-salvazzjoni. Is-skiet tiegħek ma' Alla jġib ħwejjeġ kbar: rebħiet, deċiżjonijiet, konverżjonijiet ...

Iż-żagħżugħ jew żagħżugħa jiffaċċjaw il-ħajja billi jaqbdu linja, li tista' tkun:

- Imorru mal-kurrent, jimxu fuq dak li jagħmel ħaddieħor, speċjalment il-ħbieb. Tant nitkaxkru, li naslu naċċettaw dak li ma jogħġobniex, dak li nafu li jagħmlilna ħażin. L-influwenza ta' sħabi taħkimni aktar minn snin sħaħ ta' edukazzjoni li rċivejt, minn eżempji u trobbija tajba.
- Jiffaċċjaw il-ħajja billi joħolqu mudelli skond il-fantasiji tagħhom. Li jkollok mudell, idolu mhux ħaġa żbaljata, tant li minn fost dawn joħorġu l-atleti, nies ta' talent u ta' personalità. Marija tippreżenta stil ta' ħajja ta' suċċess: stil ta' ħajja reali, bla ngann, għexet ħajja ta' fidi li mhix nieqsa minn diffikultajiet, imma waslet fejn xtaqet tasal.
- Linja li tista' tkun ta' egoiżmu: dejjem jien l-ewwel, naħseb biss għal rasi, m'għandi bżonn ħadd u ma jimpurtani minn ħadd. Difett komuni fost iż-żgħażagħ: dewmien, indipendenza, piż ...
- Għall-kuntrarju ta' din tista' tkun il-linja ta' l-altruwiżmu. Nammettu li din il-linja tappella ħafna għaż-żgħażagħ. Din hi r-raġuni għalfejn attivitajiet ta'

ħidma volontarja jirnexxu ħafna u għalfejn iż-żgħażagħ ikunu minn ta' quddiem għall-protesti kontra inġustizzji, miżerja, diskriminazzjonijiet eċċ.. Hawn nistgħu ukoll insemmu lill-Madonna li mill-mument kbir ta' altruwiżmu li kienet it-tħabbira ta' l-anġlu li semmejna, ma marret qatt lura... sal-Kalvarju.

Smajtu diversi punti kif Marija tista' tinfluwenza u tolqot xi aspett fuq il-ħajja tagħna. Aħsbu fuqu, aħdmuh, u aslu flimkien ma' Marija billi titolbuHa tgħinkom.


Private Tuition

**Maltese & English**

**(O level 2006)**

**Lessons starting in September**

**Locality:** Mqabba

**Contact:** Ms. A. Aquilina B. Ed. (Hons.) • **Mob:** 9986 0503



**Velton Ltd**

**Għad-dilettanti tal-Festi**

**Lampi tal-Kulur u Ċari**

**15 watts u 25 watts**

**Mob: 9949 7336**

# L-Għid ta' l-Assunta

**Kitba ta' Patrick Mallia**

## Jum il-15 ta' Awissu

Id-dinja kattolika llum terfa' ħsibijietha lejn is-sema u taghti l-oghla ġieħ lil dik il-ħlejqa li kienet sa mill-eternità fil-ħsieb t'Alla u li ħadet diġà l-premju li l-Mulej wiegħed lil dawk li jaqduH. Din il-bniedma singulari, wara li ghaddiet il-kors taghHa fuq l-art, u qdiet fedelment il-missjoni afdata lilHa, treġġgħet lura lejn is-sema bir-ruħ u bil-ġisem fejn kien postHa. Kemm jolqtuni l-kliem miktuba bil-latin fuq il-faċċata tar-Rotunda ***Virgini sideribus restitutae*** (Il-Vergni mbierka mreġġgħa lura lejn is-sema). Tant naraha f'postha l-kelma ***restitutae*** f'dik il-frażi feliċi. Min kitibha ried iwassal il-messaġġ li post din ix-Xebba, miġjuba mis-sema hawn f'din id-dinja, fil-"milja taż-żminijiet", kellha tittieħed lura s-sema bla ma ġisimHa jara t-taħsir tal-qabar.



## Min kienet din ix-Xebba mislufa lilna mill-għoli?

Dak Alla li biex jikkumbatti lil qawwija, jagħżel lil dawk li f'ghajnejn il-bnedmin jidhru dgħajfa; biex iġib fix-xejn il-kobor ta' l-għorrief li tant ikunu kburin bil-għerf tagħhom. Jagħżel lil dawk li jidhru mhux tant mogħnija bil-għerf tad-dinja, xeħet ħarstu f'Nazzaret, fejn kienet tgħix bint Ġwakkin u Anna. Diġà Alla, minħabba l-missjoni speċjali tagħHa, li tkun Omm il-Feddej imwiegħed ħelisHa minn kull tebgħa tad-dnub sa mill-ewwel ħin tat-tnissil tagħHa. Dan għamlu b'mod speċjali *in vista* tal-merti bla qies li kellhom jinkisbu mill-Fidwa, li kellha titwettaq minn Alla magħmul bniedem. Din il-bniedma ġiet ukoll mifdija b'mod eċċezzjonali, għax il-merti ta' Ġesù li kellu jsir bniedem minnHa bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu ġew lilHa applikati minn qabel.

It-trobbija tagħHa ma jidhirx li kienet differenti minn dik ta' tfajliet oħra tamparHa. Għexet ħajja sempliċi, lesta biex tagħmel ir-rieda t'Alla sa l-inqas dettall. Kienet imħarrġa fit-talb u fil-qari tal-Kotba Mqaddsa, doċli lejn il-ġenituri tagħHa. Waqt ħin ta' talb, Alla wasslilHa l-messaġġ tiegħu. Dan kien l-għażla tagħHa biex tkun Hi li bil-qawwa ta' Alla, ġġib fid-dinja lill-Iben tiegħu. Veru li l-Mulej ħares lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu, iżda ried mingħandHa l-iva tagħHa. Wara li l-mibgħut minn Alla "ralHa xi diffikultà li kellHa, għax għal "Alla ma hemm xejn li ma jistax isir", ix-xbejba Marija wieġbet: Iva "ikun minni skond kelmtek". Hawn sar l-akbar għaġeb taż-żminijiet kollha, għax l-Iben t'Alla sar bniedem. Mill-Kotba Mqaddsa nafu li l-ewwel kliem li qal Ġesù fid-dħul tiegħu fid-dinja kien jaqbel ma' dak li qalet ommu ftit waqtiet qabel: "Hawn jien Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek"

Marija kienet disposta li twettaq ir-rieda t'Alla f'kull waqt ta' ħajjitHa, li xejn ma kienet ward u żahar. Il-ġrajja ta' ħajjitHa kienet it-twettiq tal-profezija tax-xwejjaħ Profeta Xmun, li kellu x-xorti li qabel mewtu jħaddan f'dirgħajh l-Imwiegħed Messija. Sejf ta' niket kellu jinfed qalbHa għax dik t-tarbija mhix tas-soltu. Kellha tkun sinjal li bosta jmeruh. Dawn isibu t-telfien tagħhom, waqt li dawk li jaċċettawH jiksbu l-ħelsien.

Il-Verġni mbierka għexet kollha kemm hi għaliH, għal perijodu ta' żmien, li ma nafux kemm kien twil, kienet imħarsa minn Ġużeppi, il-bniedem imsejjaħ "il-ġust" li kien ukoll il-missier putattiv ta' Ġesù. Flimkien għaddew mill-esperjenza tat-tluq minn pajjiżhom fl-eqqel tal-lejl biex jaħarbu mill-qilla ta' Erodi. Ġużeppi flimkien ma' martu qasam in-niket meta binom, tfajjel ta' tnax-il sena ntilef fit-tempju ta' Ġerusalemm. Kien hemm mumenti oħra ta' niket intens li ġarrbet din l-omm, l-aktar fil-Passjoni ta' BinHa.

## Omm Ġesù mogħtija lilna biex tkun ukoll ommna

Qabel ma Ġesù waqt l-agunija twila u ħarxa tiegħu tenna "kollox mitmum", Hu tana lil Ommu. Wara li BinHa ġie gglorifikat bil-qawmien mill-mewt u bit-tlugħ tiegħu fis-sema, din il-bniedma kellHa missjoni oħra x'taqdi. Kienet preżenti fiċ-ċenaklu meta niżel fuq l-appostli l-Ispirtu s-Santu, u kienet ukoll tagħti s-sehem tagħHa meta l-appostli kienu qegħdin iwaqqfu l-ewwel komunitajiet. BinHa wiegħed lill-appostli li wara t-tluq tiegħu ma kienx ser iħallihom orfni, imma

kien ser ikollhom l-Ispirtu s-Santu, bħala wens, konsolatur u Paraklitu. Iżda l-preżenza ta' Marija bħala omm u għalliema kien fattur siewi. Min jaf minn fejn Luqa l-Evanġelista sar jaf tant dettalji dwar it-tfulija ta' Ġesù?

## It-tluq tagħHa mid-dinja

Kien qed joqrob iż-żmien li l-omm ta' Ġesù tiġi ukoll igglorifikata. Bħal Pawlu Appostlu, u aktar minnu ukoll, setgħet tgħid **"tellaqt it-tellieqa, żammejt il-fidi, issa kull ma fadal hu li nieħu l-kuruna tal-glorja li Alla ħejja għal dawk li jħobbuH."** Ma għandniex dettalji fil-Bibbja kemm damet hawn fid-dinja. Hemm tradizzjoni li tgħid li Marija, biex tkun tixbaħ perfettament lil BinHa li tassew miet, mietet Hi ukoll f'Efesu fl-Asja ż-żgħira. Studjużi serji bħal P. Bellarminu Bagatti jsostnu li l-Madonna marret toqgħod f'Betlehem u mietet f'Sion (Sion dove marl' la Vergine 1973 T.S. pp 307-310).

San Ġwann Damaxxenu, Duttur tal-Knisja jgħallem li ġisem Marija ma ratx it-taħsir, iżda ġie mibdul f'tabernaklu li ma jispiċċax mal-mewt imma li jibqa' għal dejjem (Homilia in dormitione B.V.M. 10 Patrol Gr, 96, 716) Il-Papa Piu XII f'Novembru 1950 stqarr li hi domma ta' fidi, rivelata minn Alla li **l-immakulata Omm Alla, Marija dejjem Verġni, wara li għalqet il-mixja tagħHa fuq l-art, ġiet imtellgħa fil-glorja tas-sema bir-ruħ u bil-gisem**"

(Munificentissimus Deus A.A.S. 42, 770).

Papa Pacelli fil-kliem tad-domma la uża l-kelma **mietet** anqas **raqdet**. Dawn il-kliem teoloġikament għandhom l-istess tifsira. Dan ma jagħmel ebda differenza ladarba l-ġisem imqaddes tagħHa ma rax it-taħsir, li hu effett tad-dnub oriġinali li minnu l-Verġni Mbierka ġiet meħlusa

## Virgini sideribus restitutae

Marija ġiet iva mtellgħa s-sema, iżda xorta waħda baqgħet ommna. PostHa ma kienx hawn fl-art, iżda issa mżejna b'ġisem glorjuż xorta **tgħinna** u tibqa' tidħol għalina uliedHa. Mis-sema fejn tinsab qed tistedinna biex aħna ma ninsewx il-glorja li għad trid tidher fina, minkejja l-ħafna tlellix fieraħ u qarrieqi. Jekk aħna mdawrin minn bosta nases tax-xitan li **"jdur madwarna bħal iljun aħrax"**, aħna li spiss inħossu **"konkupixxenza ta' l-għajnejn u tal-ġisem u s-suppervja tal-ħajja."** Irridu niftakru f'dik li Hi kollha sbejħa. Hekk stqarr il-Poeta Nazzjonali Żebbuġi Dun Karm Psaila f'sunett jismu "Mater Purissima": Biżżejjed naħseb fik biex inħoss fija jorqdu l-ġibdiet li l-qalbi jagħmlu lsira.

Lil din Ommna li ntraddet lura lis-sema (***sideribus restituta***) pajjiżHa u pajjiżna, nitolbuHa tħarisna minn kull ingann tax-xitan, ma tħalliniex naqdfu weħidna f'dawn it-tempesti tal-ħajja u waqt li tagħti l-paċi tant mixtieqa lid-dinja tant imxebba mill-gwerer u mit-tixrid ta' dmija l-aktar f'dan is-seklu, tidħol għall-familji, għaż-żgħażagh u għall-Knisja li tagħHa bir-raġun kollu Hi omm.

Marija Assunta, mis-sema fejn tinsab ħarisna, berikna u salvana.



# Ħarsa ħafifa lejn ħajjet il-Verġni Marija...

## ...mit-Tħabbira ta' l-Anġlu sa l-Assunzjoni

**Kitba ta' Joe Chetcuti**

Skond xi kittieba ta' l-ewwel żminijiet tal-knisja, it-tħabbira ta' l-anġlu Gabriel lil Verġni Marija saret f'jum fir-rebbiegħa f'dak il-ħin ta' fil-għaxija meta n-nisa ta' Nazzaret kienu jkunu impenjati jtellgħu l-ilma mill-bir.

F'dak iż-żmien Marija kellha biss ħmistax-il sena. Mela, għall-ewwel ħmistax-il sena ta' ħajjitha Marija għexet mingħajr Ġesù.

Imbagħad, f'jum xitwi wara disa' xhur tqala, il-Verġni Marija welldet l-Iben tagħha li kien Bin Alla li ġie fid-dinja biex jifdi u jsalva lill-bnedmin mill-kastig etern. Marija semmiet dan l-Iben tagħha Ġesù kif kien qalilha l-anġlu.

Matul it-tletin sena li l-Verġni Marija għexet ma' Ġesù, hi ratu jikber minn tarbija, isir tfajjel, ġuvni f'saħħtu u raġel il-ġmiel tiegħu. F'dawn it-tletin sena Marija, temgħetu, ħadet ħsieb Ġesù u rat li ma jonqsu xejn, ħabbitu u adoratu. Imbagħad meta waslet is-siegħa tiegħu, Ġesù telaq mid-dar t'ommu u għal tliet snin sħaħ qieda l-missjoni tiegħu li għaliha ġie fid-dinja; jgħallem lill-bnedmin u jagħmel il-mirakli.

Naħsbu li Ġesù kien jiltaqa' ma' Ommu Marija dabra kull tant żmien, imma żgur skond il-Vanġelu, Marija ltaqgħet miegħu waqt li kien sejjer għall-mewt tiegħu fuq is-salib. Wara dik il-mewt kiefra fuq is-salib, id-dinja reġgħet tagħtulha lura mejjet.

Min jista' jaħseb x'ħasset eżatt il-Madonna meta laqgħet f'dirgħajha l-ġisem bla ħajja, kollu pjagi ta' l-Iben waħdieni tagħha.

Mela nistgħu ngħidu li kienet Marija l-aħħar waħda (flimkien ma' grupp żgħir) li raw lil Ġesù mejjet waqt id-difna tiegħu. U kif jassigurawna ħafna għorrief tal-knisja, li kienet Hi l-ewwel waħda li ratu fil-ġmiel tal-ġisem tiegħu glorjuż wara li rxoxta.

Marija kellha l-faraġ li tarah fiż-żjarat qosra li għamlilha sa ma waslet il-ġurnata li flimkien ma' l-appostli, assistiet għat-Tlugħ glorjuż ta' Binha fis-sema fil-glorja tal-Missier Etern.

Tradizzjoni oħra tgħidilna li wara li Ġesù tela' s-sema, il-Verġni Marija (li allura kellha biss tmienja u erbgħin jew disgħa u erbgħin sena) kienet tgħix ma' San Ġwann l-Evanġelista u għexet xi żmien fil-belta ta' Efesu.

Oħrajn isostnu li Marija baqgħet tgħix ħdejn iċ-Ċenaklu fuq il-Għolja ta' Sion. Il-Madonna għexet sittax-il sena oħra wara li Ġesù tela' s-sema. Mietet ta' tlieta u sittin sena jew erbgħa u sittin sena.

F'dawn is-sittax-il sena hi kienet titqarben ta' spiss minn idejn San Ġwann. Għandna nifhmu li l-Mulej ma damx itawwal ħafna snin sa ma ta lil Ommu l-premju li kien jistħoqqilha.

Mela, f'jum wieħed, fl-eqqel tas-sajf, il-Madonna mteddet għall-aħħar darba ferħana li kienet waslet biex tmut. Il-Madonna li kienet taf li żmienha fid-dinja kien wasal biex jispiċċa, xtaqet li tmut imdawra mill-appostli. Għalhekk intbagħtet sejħa lill-appostli li kienu għadhom ħajjin biex jassistu għall-mewt tagħha.

U hekk il-Verġni Marija mietet imdawra mill-appostli, xi nisa twajba bħal Madalena u Marta u numru ta' nsara oħra. Qabel mietet talbet għad-dinja, imbagħad qalet: "Ħudni miegħek Mulej!", u għalqet għajnejha għad-dinja u ruħha ttajret għal għand Binha.

Il-ġisem mejjet tal-Madonna ġie mgeżwer ġo liżar ta' l-għażel u merfugħ mill-appostli u mwassal sal-Wied ta' Ġesafat fejn ġie midfun. L-appostlu Tumas ma kienx ma' l-appostli l-oħra waqt il-mewt tal-Madonna għax ried jiġi mill-Indja, pajjiż imbiegħed. Wasal wara tlett ijiem li kien sar il-funeral u d-dfin tal-Madonna.

Madanakollu xorta waħda Tumas xtaq li jara l-ġisem tagħha u jagħti l-aħħar tislima lill-Verġni Mbierka. Ġiet imgerrba l-blata li kienet tgħatti l-bokka tal-qabar. Iżda l-qabar instab vojt! Il-ġisem ta' Marija ma kienx għadu hemm u nstab biss il-kifen li bih kien imgeżwer il-ġisem mejjet ta' Marija. L-appostli baqgħu miblugħin meta ma rawx il-ġisem ta' Marija, imma minflok kien hemm kwantità ta' fjuri – ġilji tal-karmelu – li minnhom kienet ħierġa fwieħa kbira.

Il-konklużjoni kienet waħda w unanima: **Il-Verġni Mbierka Marija ġiet Imtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem** – Marija Assunta.

# It-Tridu

## Kitba ta' John Zammit

Xi tfisser il-kelma 'tridu'? Naturalment, fl-ambitu tal-festi, ma tfissirx jekk tridx xi ħaġa jew le! Din il-kelma ġejja mil-Latin 'triduum' li tfisser 'perjodu ta' tlett ijiem'. It-tridu hu tlett ijiem ta' riflessjoni u tħejjija qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-festa proprja. It-tridu tal-festi titulari jingħadd apparti lejlet il-festa li hu jum ta' ċelebrazzjoni għalih. Jekk il-festa tal-lokalità tiġi l-Ħadd, it-tridu jibda mill-Erbgħa u s-Sibt isiru ċerimonji apparti ta' lejlet il-festa, bħat-tranżlazzjoni tar-relikwa. Fil-każ tal-festi sekondarji, it-tridu jibda mill-Hamis.



Teknikament, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja jibdew minn nofsinhar sa nofsinhar. Għalhekk, it-tridu (jekk il-festa taħbat il-Ħadd) jibda l-Erbgħa f'nofsinhar u minħabba din ir-raġuni ma ssirx quddiesa tat-tridu dakinhar filgħodu.

L-għada filgħodu, meta skond ir-rit tal-Knisja jkun għadu l-ewwel jum tat-tridu, issir il-quddiesa ta' filgħodu. Anke lejlet il-festa titulari filgħodu, ikun għadu teknikament it-tielet jum tat-tridu u b'hekk issir il-quddiesa b'ringrazzjament ta' għeluq it-tridu. Lejlet il-festa jidħol ritwalment f'nofsinhar meta, per eżempju, jinbidel il-mod kif jindaqqu l-qniepen.

Hemm ismijiet oħrajn ta' perjodi simili li ġejjin minn kliem bil-Latin (jew ukoll bit-Taljan) għal numri. Ottava ġejja minn 'octava die' bil-Latin li tfisser 'it-tmien jum' għal dak il-jum li jaħbat tmint ijiem fuq xi festa jew okkażjoni.

'Novena' ġejja mill-kelma bil-Latin 'novem' jew bit-Taljan 'nove' għan-numru disgħa u tfisser perjodu ta' disat ijiem. Kwindiċina ġejja mit-Taljan għal 'ħmistax' u tagħti l-isem lill-perjodu ta' ħmistax-il jum ta' talb qabel il-festa ta' Santa Marija.

# Rendikont

## Festa Santa Marija 2004
## Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

| Dħul | |
|---|---|
| Ġbir bl-*envelopes* bieb bieb | Lm 1,382.82 |
| Ġbir fil-Knisja | Lm 302.50 |
| Kaxxa quddiem l-Istatwa | Lm 79.00 |
| **Total** | **Lm 1,764.32** |

| Ħruġ | |
|---|---|
| Żbilanċ mis-sena 2003 | Lm 400.00 |
| Ċelebranti u saċerdoti barranin | Lm 151.52 |
| Orkestra, organista u vuċijiet | Lm 832.00 |
| Daqq ta' qniepen | Lm 90.00 |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | Lm 778.80 |
| Servizzi ta' kappi u kruċiferu | Lm 52.00 |
| Fjuri | Lm 30.00 |
| **Total** | **Lm 2,334.32** |
| Żbilanċ għas-sena 2005 | Lm 570.00 |